ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 145

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 54

31 ta' Mejju 2011

Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief** ([1]) 1

★ **Regolament (UE) Nru 511/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea** 19

★ **Regolament (UE) Nru 512/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011** 28

★ **Regolament (UE) Nru 513/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu** ([1]) 30

Prezz: EUR 4

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

I

(Atti leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 510/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Mejju 2011

li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li ġiet approvata f'isem il-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/69/KE [3], tfittex li tistabbilizza l-konċentrazzjonijiet tal-gassijiet b'effett serra fl-atmosfera għal livell li jipprevjeni l-interferenza antropoġenika perikoluża fis-sistema tal-klima. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, iż-żieda globali annwali fit-temperatura medja tal-wiċċ m'għandhiex taqbeż il-livelli pre-industrijali b'aktar minn 2 ° Celsius. Ir-raba' Rapport ta' Valutazzjoni tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) juri li sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra għandhom jilħqu l-ogħla livelli tagħhom sas-sena 2020. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-8-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew impenja ruħu bis-sħiħ li jnaqqas l-emissjonijiet ġenerali tal-gassijiet b' effett serra fil-Komunità b'mill-inqas 20 % sas-sena 2020 meta mqabbla mal-emissjonijiet tal-1990 u bi 30 % dejjem jekk ikun hemm pajjiżi żviluppati oħrajn li jimpenjaw ruħhom fit-tnaqqis tal-emissjonijiet komparabbli u sakemm il-pajjiżi li ekonomikament huma l-aktar avvanzati fost dawk li qegħdin jiżviluppaw jimpenjaw ruħhom li jikkontribwixxu b'mod adegwat skont il-ħiliet rispettivi tagħhom.

(2) Fl-2009, il-Kummissjoni temmet reviżjoni tal-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Unjoni b'enfasi fuq il-problemi l-aktar urġenti għall-iżvilupp sostenibbli bħat-trasport, it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika u l-konservazzjoni tal-enerġija.

(3) Il-politika u l-miżuri għandhom jiġu implimentati fil-livell tal-Istati Membri u tal-Komunità fis-setturi kollha tal-ekonomija tal-Unjoni, u mhux biss fis-setturi tal-industrija u l-enerġija, bil-għan li jinkiseb it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet. Id-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 [4] tipprevedi għal tnaqqis medju ta' 10 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005 fis-setturi li mhumiex koperti mill-Iskema ta' Negozjar għall-Emissjonijiet tal-UE, stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità [5], inkluż it-trasport bit-triq. It-trasport bit-triq huwa t-tieni l-akbar settur f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra fl-Unjoni, u l-emissjonijiet minn dan, inklużi dawk minn vetturi kummerċjali ħfief, qegħdin ikomplu jiżdiedu. Jekk l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq ikomplu jiżdiedu, dawn sejrin jheddu b'mod sinifikanti t-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

(4) Il-miri tal-Unjoni għall-vetturi tat-triq ġodda jipprovdu lill-manifatturi b'aktar ċertezza fl-ippjanar u aktar flessibbiltà biex jilħqu r-rekwiżiti għat-tnaqqis ta' CO_2 milli kieku permezz ta' miri nazzjonali separati tat-tnaqqis.

---

(1) ĠU C 44, 11.2.2011, p. 157.
(2) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2011 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2011
(3) ĠU L 33, 7.2.1994, p. 11.
(4) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136.
(5) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

Fl-istabbiliment ta' standards ta' prestazzjoni għall-emissjonijiet, huwa importanti li jitqiesu l-implikazzjonijiet għas-swieq u l-kompetittività tal-manifatturi, l-ispejjeż diretti u indiretti imposti fuq in-negozju u l-benefiċċji li jakkumulaw f'dak li jirrigwarda l-istimulazzjoni tal-innovazzjoni u t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u fl-ispejjeż tal-karburant.

(5) Sabiex tittejjeb il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi Ewropea, skemi ta' inċentivi bħall-kumpens għall-innovazzjonijiet ekoloġiċi u l-għoti ta' superkrediti għandhom jintużaw.

(6) Fil-Komunikazzjonijiet tagħha tas-7 ta' Frar 2007 intitolati 'Ir-riżultati tar-reviżjoni tal-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief' u 'Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21 (CARS21)', il-Kummissjoni enfasizzat li l-għan tal-Komunità ta' emissjonijiet medji ta' 120 g CO_2/km għall-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri mhuwiex sejjer jintlaħaq sas-sena 2012 jekk ma jittiħdux miżuri addizzjonali.

(7) F'dawk il-Komunikazzjonijiet, ġie propost approċċ integrat bil-għan li tintlaħaq il-mira tal-Komunità ta' emissjonijiet medji ta' 120 g CO_2/km minn karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief irreġistrati fil-Komunità sal-2012 billi jiffokaw fuq it-tnaqqis obbligatorju tal-emissjonijiet tas-CO_2 biex jintlaħaq l-għan ta' 130 g CO_2/km għall-karozzi ġodda medji permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi b'mutur u bi tnaqqis addizzjonali ta' 10 g CO_2/km, jew l-ekwivalenti jekk ikun teknikament meħtieġ, permezz ta' titjib teknoloġiku ieħor, inkluż progress fil-konsum effiċjenti tal-karburant għall-vetturi kummerċjali ħfief.

(8) Id-dispożizzjonijiet li jimplimentaw l-għan li jikkonċerna emissjonijiet minn vetturi kummerċjali ħfief għandhom ikunu konsistenti mal-qafas leġiżlattiv għall-implimentazzjoni tal-għanijiet li jikkonċernaw emissjonijiet mill-flotta ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief ([1]).

(9) Il-qafas leġislattiv sabiex tintlaħaq il-mira ta' emissjonijiet medji tal-flotta għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għandu jiżgura li l-miri ta' tnaqqis ikunu kompetittivament newtrali u soċjalment ġusti u sostenibbli u jqisu d-diversità tal-manifatturi tal-karozzi Ewropej u jevitaw kwalunkwe distorzjoni mhux ġustifikata tal-kompetizzjoni bejniethom. Il-qafas leġislattiv għandu jkun kompatibbli mal-għan globali li jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni u għandu jkun ikkumplimentat minn strumenti oħrajn aktar relatati mal-użu, bħal taxxi differenzjati tal-karozzi u l-enerġija jew miżuri li jillimitaw il-veloċità tal-vetturi kummerċjali ħfief.

(10) Sabiex tinżamm id-diversità tas-suq tal-vetturi kummerċjali ħfief u l-kapaċità tiegħu li jindirizza l-ħtiġijiet differenti tal-konsumaturi, il-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi kummerċjali ħfief għandhom jiġu definiti skont l-utilità tal-vettura fuq bażi lineari. Il-massa hija parametru xieraq għad-deskrizzjoni ta' din l-utilità billi tipprovdi korrelazzjoni mal-emissjonijiet preżenti u għalhekk tirriżulta f'miri aktar realistiċi u newtrali mil-lat ta' kompetizzjoni. Barra minn hekk, id-data dwar il-massa hija aktar faċilment disponibbli. Għandha tinġabar id-data dwar il-parametri tal-utilità alternattiva bħad-"daqs tal-footprint" (wisa' medja bejn rota u oħra mmoltiplikat bejn it-tul bejn rota u oħra) u dwar it-tagħbija li tinġarr sabiex jiġu ffaċilitati l-evalwazzjonijiet fuq perijodu itwal ta' żmien tal-approċċ ibbażat fuq l-utilità.

(11) Dan ir-Regolament jippromwovi attivament l-eko-innovazzjoni u jqis l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjieni li jistgħu jtejbu l-kompetittività tal-industrija tal-karozzi Ewropea fuq perijodu twil ta' żmien u joħolqu aktar impjiegi ta' kwalità għolja. Bħala mezz biex jiġi vvalutat b'mod sistematiku t-titjib tal-emissjonijiet tal-eko-innovazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tqis il-possibbiltà li tinkludi miżuri ta' eko-innovazzjoni fir-reviżjoni tal-proċeduri tat-testijiet skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi ([2]), billi tqis l-impatti tekniċi u ekonomiċi tal-inklużjoni tagħhom.

(12) Id-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 relatata mad-disponibilità ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-karburanti u emissjonijiet tas-CO_2 rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda ([3]) diġà jeżiġi li letteratura promozzjonali għall-karozzi tipprovdi lill-utent finali bid-data uffiċjali tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum uffiċjali tal-karburant tal-vettura. Il-Kummissjoni, fir-Rakkomandazzjoni 2003/217/KE tas-26 ta' Marzu 2003 dwar l-applikazzjoni għal mezzi oħra tax-xandir tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 1999/94/KE dwar il-letteratura promozzjonali ([4]), interpretat dan bħala l-inklużjoni tar-reklamar. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/94/KE għandu għalhekk jitwessa' għall-vetturi kummerċjali ħfief, biex jiġi rikjest li r-riklamar għal kull

([1]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1.

([2]) ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.

([3]) ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.

([4]) ĠU L 82, 29.3.2003, p. 33.

vettura kummerċjali ħafifa jagħti lill-utenti aħħarin id-data uffiċjali dwar l-emissjonijiet ta' CO_2 u l-konsum uffiċjali tal-karburant tal-vettura meta tkun żvelata informazzjoni dwar l-enerġija jew il-prezzijiet, sa mhux aktar tard mill-2014.

(13) Bl-għarfien tal-ispejjeż għoljin ħafna għar-riċerka u l-iżvilupp u għall-produzzjoni għal kull unità ta' ġenerazzjonijiet bikrija ta' teknoloġiji tal-vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna tal-karbonju biex jiġu introdotti fis-suq wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, dan ir-Regolament jimmira li jaċċelera u jiffaċilita, fuq bażi temporanja, il-proċess tal-introduzzjoni fis-suq tal-Unjoni ta' vetturi b'emissjonijiet tal-karbonju baxxi ferm fl-istadji bikrija tal-kummerċjalizzazzjoni.

(14) L-użu ta' ċerti karburanti alternattivi jista' joffri tnaqqis sinifikanti ta' CO_2 mill-estrazzjoni sal-użu. Għalhekk dan ir-Regolament jinkorpora dispożizzjonijiet speċifiċi bil-għan li jippromwovu t-tqegħid ta' ċerti vetturi b'karburant alternattiv fis-suq tal-Unjoni.

(15) Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2012 u bl-għan li jittejjeb il-ġbir ta' data dwar u l-kejl tal-konsum tal-karburant, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk temendax il-leġislazzjoni rilevanti sabiex jiġi inkluż obbligu għall-manifatturi li jitolbu l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi tal-kategorija N_1 kif definit fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi [1] li jinkludu f'kull vettura strument li juri l-konsum tal-karburant.

(16) Sabiex tiġi żgurata konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 443/2009 u jiġu evitati l-abbużi, il-mira għandha tiġi applikata għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda li jiġu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma jkunux ġew irreġistrati qabel barra mill-Unjoni għajr għal perijodu limitat.

(17) Id-Direttiva 2007/46/KE tistabbilixxi qafas armonizzat li fih id-dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi ġenerali għall-approvazzjoni tal-vetturi ġodda kollha fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. L-entità responsabbli għall-konformità ma' dan ir-Regolament għandha tkun l-istess bħall-entità responsabbli għall-aspetti kollha tal-proċess tal-approvazzjoni tat-tip skont id-Direttiva 2007/46/KE u sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni.

(18) Il-manifatturi għandu jkollhom il-flessibbiltà biex jiddeċiedu kif ser jilħqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament u u għandhom jitħallew iqassmu l-emissjonijiet fuq il-flotta ġdida ta' vetturi tagħhom aktar milli jkollhom jirrispettaw il-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal kull vettura individwali. Il-manifatturi għalhekk għandhom ikunu meħtieġa jiżguraw li l-emissjoni speċifika medja għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha li jiġu rreġistrati fl-Unjoni, li huma responsabbli għalihom ma teċċedix il-medja tal-miri tal-emissjonijiet għal dawk il-vetturi. Dan ir-rekwiżit għandu jiddaħħal gradwalment bejn l-2014 u l-2017 sabiex jiffaċilita l-introduzzjoni tiegħu. Dan huwa konsistenti maż-żmien għall-introduzzjoni gradwali meħtieġ u mat-tul taż-żmien għall-introduzzjoni gradwali stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-miri jirriflettu l-karatteristiċi tal-manifatturi żgħar u speċjalizzati u li huma konsistenti mal-potenzjal ta' tnaqqis tal-manifattur, għandhom jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis ta' emissjonijiet alternattivi li jqisu l-potenzjal teknoloġiku tal-vetturi ta' manifattur partikolari biex inaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 u li jkunu konsistenti mal-karatteristiċi tal-oqmsa tas-suq ikkonċernati. Din id-deroga għandha tkun koperta mir-reviżjoni tal-miri speċifiċi tal-emissjonijiet fl-Anness I, li għandha titlesta sa mhux aktar tard mill-bidu tal-2013.

(20) L-Istrateġija tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi tal-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali ħfief stabbiliet approċċ integrat bil-għan li tintlaħaq il-mira tal-Unjoni ta' 120 g CO_2/km sas-sena 2012, filwaqt li ppreżentat ukoll viżjoni fuq perijodu itwal ta' żmien ta' tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet. Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 jissostanzja din l-opinjoni fuq perijodu itwal ta' żmien billi jistabbilixxi mira ta' 95 g CO_2/km bħala emissjonijiet medji għall-flotta ta' karozzi ġodda. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' dak l-approċċ u biex tingħata ċertezza fl-ippjanar għall-industrija, għandha tiġi stabbilita mira fit-tul għall-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 minn vetturi kummerċjali ħfief fl-2020.

(21) Sabiex il-manifatturi tingħatalhom flessibbiltà biex ikunu jistgħu jilħqu l-miri tal-emissjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, il-manifatturi jistgħu jaqblu bejniethom biex jingħaqdu f'konsorzju miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Meta jiġi ffurmat konsorzju, il-miri tal-manifatturi individwali għandhom jiġu ssostitwiti b'mira konġunta għall-konsorzju li għandha tinkiseb b'mod kollettiv mill-membri tal-konsorzju.

(22) L-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' vetturi kkompletati għandhom jiġu allokati lill-manifattur tal-vettura ta' bażi.

(23) Sabiex jiġi żgurat li l-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-effiċjenza tal-karburant tal-vetturi kkompletati jkunu rappreżentattivi, il-Kummissjoni għandha tipproponi proċedura speċifika u tikkunsidra, fejn ikun xieraq, reviżjoni tal-leġislazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip.

[1] ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

(24) Huwa meħtieġ mekkaniżmu robust ta' konformità sabiex jiġi żgurat li l-miri f'dan ir-Regolament jintlaħqu.

(25) L-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 minn vetturi kummerċjali ħfief ġodda jitkejlu fuq bażi armonizzata fl-Unjoni skont il-metodoloġija stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 715/2007. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv tal-iskema, il-konformità għandha titkejjel permezz ta' referenza għad-data dwar ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi ġodda fl-Unjoni miġbura mill-Istati Membri u rrappurtata lill-Kummissjoni. Biex tiġi żgurata l-konsistenza tad-data li tintuża għall-valutazzjoni tal-konformità, ir-regoli għall-ġbir u r-rappurtar ta' din id-data għandhom jiġu armonizzati kemm jista' jkun.

(26) Id-Direttiva 2007/46/KE tirrikjedi li l-manifatturi joħorġu ċertifikat ta' konformità għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida u li l-Istati Membri jippermettu r-reġistrazzjoni u d-dħul fis-servizz ta' vettura kummerċjali ħafifa ġdida biss jekk din tkun akkumpanjata minn ċertifikat validu ta' konformità. Id-data miġbura mill-Istati Membri għandha tkun konsistenti maċ-ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur tal-vettura kummerċjali ħafifa u għandha tkun ibbażata fuq dan id-dokument biss. Għandu jkun hemm database standard tal-Unjoni għal data dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-konformità. Din għandha tintuża bħala referenza unika li tippermetti li l-Istati Membri jżommu d-data ta' reġistrazzjoni b'mod aktar faċli meta vetturi ġodda jiġu reġistrati.

(27) Il-konformità tal-manifatturi mal-miri skont dan ir-Regolament għandha tiġi vvalutata fil-livell tal-Unjoni. Il-manifatturi li l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tagħhom jaqbżu dawk l-emissjonijiet permessi skont dan ir-Regolament, għandhom iħallsu primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fir-rigward ta' kull sena kalendarja mill-1 ta' Jannar 2014. Il-primjum għandu jiġi mmodulat bħala funzjoni tal-firxa safejn il-manifatturi jonqsu milli jkunu konformi mal-mira tagħhom. Sabiex ikun żgurat li hemm konsistenza, il-mekkaniżmu tal-primjum għandu jkun simili għal dak stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 443/2009. L-ammonti tal-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

(28) Kwalunkwe miżura nazzjonali li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu skont l-Artikolu 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) m'għandhiex, b'konsiderazzjoni tal-għan ta' u l-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament, timponi pieni addizzjonali jew aktar stretti fuq il-manifatturi li jonqsu milli jilħqu l-miri tagħhom skont dan ir-Regolament.

(29) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni sħiħa tar-regoli ta' kompetizzjoni tal-Unjoni.

(30) Għandhom jiġu kkunsidrati modalitajiet ġodda biex tintlaħaq il-mira fuq perijodu twil ta' żmien, b'mod partikolari l-grad ta' nżul tal-kurva, il-parametru ta' utilità u l-iskema tal-primjum għall-eċċess ta' emissjonijiet.

(31) Il-veloċità tal-vetturi tat-triq għandha influwenza qawwija fuq il-konsum tal-karburant u l-emissjonijiet tas-CO_2 tagħhom. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' limitazzjoni tal-veloċità li hija applikabbli għal vetturi kummerċjali ħfief, huwa possibbli li jkun hemm element ta' kompetizzjoni fir-rigward tal-ogħla veloċità li tista' twassal sabiex ikun hemm powertrains ta' daqs eċċessiv fil-vetturi u ineffiċjenzi assoċjati f'kondizzjonijiet li joperaw aktar bil-mod. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi investigata l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità ([1]), bil-għan li jiġu inklużi vetturi kummerċjali ħfief koperti f'dan ir-Regolament.

(32) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-adozzjoni ta' regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ ta' emissjonijiet medji, jiġifieri l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, il-presentazzjoni, it-trasmissjoni, il-kalkolu u l-komunikazzjoni tad-data dwar l-emissjonijiet medji, u l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stipulati fl-Anness II, kif ukoll għall-adozzjoni ta' arranġamenti dettaljati għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi u ta' dispożizzjonijiet dettaljati għall-proċedura ta' approvazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, għandhom jingħataw lill-Kummissjoni setgħat ta' implimentazzjoni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]).

(33) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE biex temenda r-rekwiżiti tal-monitoraġġ u r-rappurtaġġ stipulati fl-Anness II fid-dawl tal-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, biex taġġusta ċ-ċifra ta' M_0 msemmija fl-Anness I għall-massa medja ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda fit-3 snin kalendarji preċedenti, biex tistabbilixxi regoli dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibilità għad-derogi, dwar il-kontenut tal-applikazzjonijiet għal deroga u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni ta' programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2, kif ukoll biex tadatta l-formulae stabbiliti fl-Anness I sabiex jirriflettu kull bidla fil-proċedura tat-test regolatorju għall-kejl ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell ta' esperti.

([1]) ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(34) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' rekwiżiti tar-rendiment tal-emissjonijiet ta' CO_2 għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda, ma jistax jinkiseb suffiċjentement mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u għanijiet

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tar-rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO_2 għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-emissjonijiet medji tas-CO_2 għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda għal 175 g CO_2/km, permezz ta' titjib fit-teknoloġija tal-vetturi, kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-miżuri implimentattivi tiegħu, u t-teknoloġiji innovattivi.

2. Mis-sena 2020, dan ir-Regolament jistabbilixxi mira ta' 147 g CO_2/km għall-emissjonijiet medji ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fl-Unjoni soġġett għall-konferma tal-fattibilità tagħha, kif speċifikat fl-Artikolu 13(1).

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi b'mutur tal-kategorija N_1 kif definit fl-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma teċċedix l-2 610 kg u għal vetturi tal-kategorija N_1 li għalihom l-approvazzjoni tat-tip hija estiża f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 ("vetturi kummerċjali ħfief") li jiġu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba u li ma ġewx irreġistrati qabel barra l-Unjoni ("vetturi kummerċjali ħfief ġodda").

2. Reġistrazzjoni preċedenti barra l-Unjoni li tkun saret inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni m'għandhiex tiġi kkunsidrata.

3. Dan ir-Regolament m'għandux japplika għal vetturi bi skopijiet speċjali kif definiti fil-punt 5 tal-Parti A tal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2" tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 tal-vetturi kummerċjali ħfief kollha, prodotti minn dak il-manifattur;

(b) "ċertifikat tal-konformità" tfisser iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2007/46/KE;

(c) "vettura kompletata" tfisser vettura li tkun ingħatatilha l-approvazzjoni tat-tip wara li dan il-proċess jitwettaq f'aktar minn fażi waħda skont id-Direttiva 2007/46/KE;

(d) "vettura kompluta" tfisser kwalunkwe vettura li m'għandhiex bżonn tiġi kkompletata biex tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi rilevanti tad-Direttiva 2007/46/KE;

(e) "vettura bażi" tfisser kwalunkwe vettura użata fl-istadju inizjali ta' proċess ta' approvazzjoni tat-tip f'diversi stadji;

(f) "manifattur" tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità ta' approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE taħt id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;

(g) "massa" tfisser il-massa tal-vettura bil-karrozzerija fi stat tajjeb ta' tħaddim kif iddikjarat fiċ-ċertifikat ta' konformità u kif iddikjarat fit-Taqsima 2.6 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

(h) "emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2" tfisser l-emissjonijiet minn vettura kummerċjali ħafifa mkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u speċifikati bħala l-massa tal-emissjonijiet tas-CO_2 (ikkombinati) fiċ-ċertifikat ta' konformità tal-vettura kompluta jew ikkompletata;

(i) "mira ta' emissjonijiet speċifiċi" tfisser, fir-rigward ta' manifattur, il-medja ta' emissjonijiet speċifiċi indikattivi tas-CO_2 stabbiliti skont l-Anness I fir-rigward ta' kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida prodotta minn dak il-manifattur, jew, jekk il-manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 11, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ddeterminata skont dik id-deroga;

(j) "footprint" tfisser il-wisa' medja bejn rota u oħra mmultiplikata bid-distanza bejn il-fusijiet ta' quddiem u ta' wara, skont iċ-ċertifikat ta' konformità u kif iddefinit fit-Taqsimiet 2.1 u 2.3 tal-Anness I tad-Direttiva 2007/46/KE;

(k) "piż tat-tagħbija" tfisser id-differenza bejn il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli f'konformità mal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE u l-massa tal-vettura.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "grupp ta' manifatturi relatati" tfisser manifattur u l-impriżi relatati miegħu. Fir-rigward ta' manifattur, "impriżi relatati" tfisser:

(a) impriżi li fihom il-manifattur ikollu, direttament jew indirettament:

(i) is-setgħa li jeżerċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot; jew

(ii) is-setgħa li jaħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, tal-bord ta' ġestjoni jew tal-korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament; jew

(iii) id-dritt ta' ġestjoni tal-affarijiet tal-impriża;

(b) impriżi li direttament jew indirettament ikollhom, fuq il-manifattur, id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a);

(c) impriżi li fihom impriża msemmija fil-punt (b) ikollha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a);

(d) impriżi li fihom il-manifattur flimkien ma' impriża waħda jew aktar imsemmija fil-punti (a), (b) jew (c), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, flimkien ikollhom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a);

(e) impriżi li fihom id-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (a) huma miżmumin flimkien mill-manifattur jew minn waħda jew aktar mill-impriżi relatati miegħu msemmija fil-punti (a) sa (d) u parti terza waħda jew aktar.

Artikolu 4

Miri għall-emissjonijiet speċifiċi

Għas-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2014 u għal kull sena kalendarja sussegwenti, kull manifattur ta' vetturi kummerċjali ħfief għandu jiżgura li l-emissjonijiet speċifiċi medji tiegħu ta' CO_2 ma jaqbżux il-mira tiegħu ta' emissjonijiet speċifiċi stabbiliti skont l-Anness I jew, fil-każ li manifattur jingħata deroga skont l-Artikolu 11, skont dik id-deroga.

Meta l-emissjonijiet speċifiċi tal-vettura kompletata ma jkunux disponibbli, il-manifattur tal-vettura bażi għandu juża l-emissjonijiet speċifiċi tal-vettura bażi biex jistabbilixxi l-emissjonijiet speċifiċi medji tagħha ta' CO_2.

Sabiex jiġu stabbiliti l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 ta' kull manifattur, għandhom jitqiesu l-perċentwali li ġejjin tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda ta' kull manifattur irreġistrati fis-sena rilevanti:

— 70 % fl-2014,

— 75 % fl-2015,

— 80 % fl-2016,

— 100 % mill-2017 'il quddiem.

Artikolu 5

Super-krediti

Meta jiġu kkalkulati l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2, kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida b'livell ta' emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 inqas minn 50 g CO_2/km għandha titqies bħala:

— 3,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2014,

— 3,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2015,

— 2,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2016,

— 1,5 vetturi kummerċjali ħfief fl-2017,

— vettura kummerċjali ħafifa fl-2018.

Għat-tul kollu tal-iskema tas-super-krediti, l-għadd massimu ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda, b'emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' anqas minn 50 g CO_2/km, li għanddu jitqies fl-applikazzjoni tal-multiplikaturi stabbiliti fl-ewwel paragrafu m'għandux jaqbeż il-25 000 vettura kummerċjali ħafifa għal kull manifattur.

Artikolu 6

Mira speċifika ta' emissjonijiet għal vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu b'karburant alternattiv

Sabiex tiġi ddeterminata l-konformità ta' manifattur mal-mira speċifika ta' emissjonijiet tiegħu msemmija fl-Artikolu 4, l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' kull vettura kummerċjali ħafifa li hija mfassla sabiex tkun tista' taħdem b'taħlita ta' petrol b'85 % bijoetanol ("E85"), u li tkun konformi mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni jew l-istandards tekniċi Ewropej, għandhom jitnaqqsu b'5 % sal-31 ta' Diċembru 2015 b'rikonoxximent tal-kapaċità teknoloġika akbar u taż-żieda fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-bijokarburanti. Dan it-tnaqqis għandu japplika biss fejn mill-inqas 30 % tal-pompi tal-karburant fl-Istat Membru li fih il-vettura kummerċjali ħafifa tkun irreġistrata jipprovdu dan it-tip ta' karburant alternattiv li jikkonforma mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Artikolu 7

Konsorzji

1. Il-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda, minbarra l-manifatturi li ngħataw deroga taħt l-Artikolu 11, jistgħu jiffurmaw konsorzju bl-għan li jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4.

2. Ftehim dwar l-iffurmar ta' konsorzju jista' jirrigwarda sena kalendarja waħda jew aktar, dejjem jekk il-perijodu kumplessiv ta' kull ftehim ma jaqbiżx il-5 snin kalendarji, u għandu jibda nhar jew qabel il-31 ta' Diċembru tal-ewwel sena kalendarja li fiha jkunu ser jingħaqdu l-emissjonijiet. Il-manifatturi li jiffurmaw konsorzju għandhom jirreġistrawmal-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-manifatturi li ser ikunu inklużi fl-konsorzju;

(b) il-manifattur li ġie nnominat bħala l-amministratur tal-konsorzju li ser ikun il-punt ta' kuntatt għall-konsorzju u li ser ikun responsabbli għall-ħlas ta' kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 9;

(c) evidenza li l-amministratur tal-konsorzju ser ikun kapaċi jissodisfa l-obbligi msemmijin fil-punt (b).

3. Meta l-amministratur propost tal-konsorzju jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit li jħallas kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 9, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-manifatturi.

4. Il-manifatturi inklużi f'konsorzju għandhom jinfurmaw flimkien lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla li ssir tal-amministratur tal-konsorzju jew tal-istatus finanzjarju tagħha, sal-punt li dan jaffettwa l-kapaċità tagħha li tissodisfa r-rekwiżit li tħallas kwalunkwe primjum għal emissjonijiet eċċessivi li jiġi impost fuq l-konsorzju f'konformità mal-Artikolu 9 u bi kwalunkwe bidliet fis-sħubija tal-konsorzju jew ix-xoljiment tal-konsorzju.

5. Il-manifatturi jistgħu jidħlu għal arranġamenti ta' konsorzju bil-kundizzjoni li l-ftehimiet jikkonformaw mal-Artikoli 101 u 102 TFUE u li jippermettu l-parteċipazzjoni miftuħa, trasparenti u mhux diskriminatorja f'termini kummerċjalment raġonevoli minn kwalunkwe manifattur li jitlob li jsir membru tal-konsorzju. Mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà ġenerali tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni għal konsorzji bħal dawn, il-membri kollha ta' konsorzju għandhom jiżguraw b'mod partikolari li ma jsir l-ebda skambju ta' data u lanqas ta' informazzjoni fil-kuntest tal-arranġament tal-konsorzju tagħhom, għajr fir-rigward tal-informazzjoni li ġejja:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2;

(b) il-mira għall-emissjonijiet speċifiċi;

(c) l-għadd totali ta' vetturi rreġistrati.

6. Il-paragrafu 5 m'għandux japplika meta l-manifatturi kollha inklużi fl-konsorzju jkunu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' manifatturi relatati.

7. Ħlief meta tingħata n-notifika msemmija fil-paragrafu 3, il-manifatturi f'konsorzju li tiġi rreġistrata informazzjoni dwarha mal-Kummissjoni għandhom jitqiesu bħala manifattur wieħed għall-finijiet li jiġu sodisfatti l-obbligi tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 4. L-informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rappurtaġġ fir-rigward ta' manifatturi individwali kif ukoll ta' kwalunkwe konsorzju ser tiġi rreġistrata, irrappurtata u ssir disponibbli fir-reġistru ċentrali msemmi fl-Artikolu 8(4).

Artikolu 8

Monitoraġġ u rappurtaġġ tal-emissjonijiet medji

1. Għas-sena kalendarja li tibda mill-1 ta' Jannar 2012 u kull sena kalendarja sussegwenti, kull Stat Membru għandu jirreġistra informazzjoni għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li tiġi rreġistrata fit-territorju tiegħu skont il-Parti A tal-Anness II. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli lill-manifatturi u lill-importaturi jew rappreżentanti maħtura tagħhom f'kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li l-korpi tar-rappurtaġġ joperaw b'mod trasparenti.

2. Sat-28 ta' Frar ta' kull sena, li tibda fl-2013, kull Stat Membru għandu jiddetermina u jittrasmetti lill-Kummissjoni l-informazzjoni elenkata fil-Parti B tal-Anness II fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti. Id-data għandha tiġi trasmessa fil-format speċifikat fil-Parti C tal-Anness II.

3. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu wkoll is-sett sħiħ ta' data miġbura skont il-paragrafu 1.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru ċentrali tad-data rrappurtata mill-Istati Membri taħt dan l-Artikolu u dan ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. Sat-30 ta' Ġunju 2013 u f'kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tikkalkula għal kull manifattur fuq bażi proviżorja:

(a) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 fis-sena kalendarja preċedenti;

(b) il-mira għall-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti;

(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira għall-emissjonijiet speċifiċi tiegħu għal dik is-sena.

Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil kull manifattur il-kalkolu proviżorju għal dak il-manifattur. In-notifika għandha tinkludi data għal kull Stat Membru dwar l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati u l-emissjonijiet speċifiċi tagħhom ta' CO_2.

5. Il-manifatturi jistgħu, fi żmien 3 xhur minn meta jiġu nnotifikati dwar il-kalkolu provviżorju skont il-paragrafu 4, jinnotifikaw lill-Kummissjoni kwalunkwe żball fid-data, fejn jispeċifikaw l-Istat Membru li fih iqisu li jkun seħħ l-iżball.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kwalunkwe notifika mill-manifatturi u għandha, sal-31 ta' Ottubru, jew tikkonferma jew inkella temenda l-kalkoli proviżorji msemmijin fil-paragrafu 4.

7. Fir-rigward tas-snin kalendarji 2012 u 2013 u fuq il-bażi tal-kalkoli mwettqa skont għall-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lil manifattur meta l-Kummissjoni jidhrilha li l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 tal-manifattur ikunu qabżu l-mira tagħha għall-emissjonijiet speċifiċi.

8. F'kull Stat Membru, l-awtorità kompetenti għall-ġbir u l-komunikazzjoni tad-data dwar il-monitoraġġ skont dan ir-Regolament għandha tkun dik maħtura skont l-Artikolu 8(7) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati għall-monitoraġġ u r-rappurtaġġ tad-data msemmija f'dan l-Artikolu u għall-applikazzjoni tal-Anness II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Sabiex titqies l-esperjenza miksuba bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness II permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17.

10. L-Istati Membri għandom ukoll jiġbru u jirrappurtaw data, skont dan l-Artikolu, dwar ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi fil-kateogriji M_2 u N_2 kif imfisser fl-Anness II tad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx il-2 610 kg u vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.

Artikolu 9

Primjum għal emissjonijiet eċċessivi

1. Fir-rigward tal-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2014 u kull sena kalendarja sussegwenti, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għal emissjonijiet eċċessivi fuq manifattur jew amministratur ta' konsorzju, skont il-każ, meta l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 ta' manifattur jeċċedu l-mira għall-emissjonijiet speċifiċi tagħha.

2. Il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat bil-formulae li ġejjin:

(a) mill-2014 sal-2018:

(i) għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 3 g CO_2/km:

((Emissjonijiet eċċessivi – 3 g CO_2/km) × EUR 95 + EUR 45) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

(ii) għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 2 g CO_2/km iżda mhux aktar minn 3 g CO_2/km:

((Emissjonijiet eċċessivi – 2 g CO_2/km) × EUR 25 + EUR 20) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

(iii) għal emissjonijiet eċċessivi ta' aktar minn 1 g CO_2/km iżda mhux aktar minn 2 g CO_2/km:

((Emissjonijiet eċċessivi – 1 g CO_2/km) × EUR 15 + EUR 5) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

(iv) għal emissjonijiet eċċessivi ta' mhux aktar minn 1 g CO_2/km:

(Emissjonijiet eċċessivi × EUR 5) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda;

(b) mill-2019:

(Emissjonijiet eċċessivi × EUR 95) × l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

— "emissjonijiet eċċessivi" tfisser il-valur pożittiv tan-numru ta' grammi kull kilometru li bih l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-manifattur – b'kunsiderazzjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 minħabba teknoloġiji innovattivi approvati skont l-Artikolu 12, ikunu qabżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja jew f'parti minnha li għaliha japplika l-obbligu skont l-Artikolu 4, aġġustat għall-eqreb tliet punti deċimali; u

— "l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda" tfisser l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda li huma prodotti mill-manifattur u li ġew irreġistrati f'dak il-perjodu skont il-kriterji tad-dħul gradwali stipulati fl-Artikolu 4.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta arranġamenti dettaljati għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi msemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

4. L-ammonti tal-primjum għal emissjonijiet eċċessivi għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 10

Pubblikazzjoni tar-rendiment tal-manifatturi

1. Sal-31 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Ottubru ta' kull sena sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista li tindika għal kull manifattur:

(a) il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi għas-sena kalendarja preċedenti;

(b) l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 fis-sena kalendarja preċedenti;

(c) id-differenza bejn l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 fis-sena kalendarja preċedenti u l-mira speċifika tal-emissjonijiet tiegħu għal dik is-sena;

(d) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti; u

(e) il-massa medja għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti.

2. Mill-31 ta' Ottubru 2015, il-lista ppubblikata skont il-paragrafu 1 għandha tindika wkoll jekk il-manifattur ikunx konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 4 fir-rigward tas-sena kalendarja preċedenti.

Artikolu 11

Derogi għal ċerti manifatturi

1. Tista' ssir applikazzjoni għal deroga mill-mira għall-emissjonijiet speċifiċi kkalkulata f'konformità mal-Anness I minn manifattur ta' inqas minn 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni għal kull sena kalendarja fejn dak il-manifattur:

(a) ma jagħmilx parti minn grupp ta' manifatturi relatati; jew

(b) jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi relatati li b'kollox huwa responsabbli għal inqas minn 22 000 vettura kummerċjali ħafifa ġdida rreġistrata fl-Unjoni kull sena kalendarja; jew

(c) jagħmel parti minn grupp ta' manifatturi relatati iżda jħaddem il-faċilitajiet ta' produzzjoni u ċ-ċentru ta' disinn tiegħu stess.

2. Deroga li ssir applikazzjoni għaliha skont il-paragrafu 1 tista' tingħata għal perijodu massimu ta' 5 snin kalendarji. L-applikazzjoni għandha ssir lill-Kummissjoni u għandha tinkludi:

(a) l-isem tal-manifattur u l-persuna tal-kuntatt għalih;

(b) evidenza li l-manifattur huwa eliġibbli għal deroga msemmija fil-paragrafu 1;

(c) dettalji tal-vetturi kummerċjali ħfief li huwa jimmanifattura inkluż il-massa u l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' dawk il-vetturi kummerċjali ħfief; u

(d) mira speċifika tal-emissjonijiet konsistenti mal-potenzjal tat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal teknoloġiku u ekonomiku biex jitnaqqsu l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2 u b'konsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' vettura kummerċjali ħafifa mmanifatturata.

3. Fejn il-Kummissjoni tqis li manifattur ikun eliġibbli għal deroga li għaliha saret applikazzjoni taħt il-paragrafu 1 u tkun sodisfatta li l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, li l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 proposta mill-manifattur hija konsistenti mal-potenzjal għat-tnaqqis tiegħu, inkluż il-potenzjal ekonomiku u teknoloġiku għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 tiegħu u b'konsiderazzjoni għall-karatteristiċi tas-suq għat-tip ta' vettura kummerċjali ħafifa manifatturata, il-Kummisjoni għandha tagħti deroga lill-manifattur. Id-deroga għandha tapplika mill-1 ta' Jannar tas-sena wara d-data tal-għoti tad-deroga.

4. Manifattur li jkun suġġett għal deroga taħt dan l-Artikolu għandu jinnotifika lill-Kummissjoni immedjatament dwar kwalunkwe tibdil li jaffettwa jew li jista' jaffettwa l-eliġibbiltà tiegħu għal deroga.

5. Meta l-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi ta' notifika msemmija fil-paragrafu 4 jew b'mod ieħor, li manifattur ma jkunx baqa' eliġibbli għad-deroga, hija għandha tirrevoka d-deroga b'effett mill-1 ta' Jannar tas-sena kalendarja ta' wara u għandha tinnotifika lill-manifattur b'dan.

6. Jekk il-manifattur ma jilħaqx il-mira tiegħu għall-emissjonijiet speċifiċi, il-Kummissjoni għandha timponi l-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi fuq il-manifattur, kif speċifikat fl-Artikolu 9.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli biex jissuplementaw il-paragrafi mill-1 sas-6 ta' dan l-Artikolu, inter alia, dwar l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għad-derogi, dwar il-kontenut tal-applikazzjonijiet, u dwar il-kontenut u l-valutazzjoni ta' programmi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17.

8. L-applikazzjonijiet għal deroga, inklużi l-informazzjoni ta' sostenn, in-notifiki skont il-paragrafu 4, ir-revoki skont il-paragrafu 5 u kwalunkwe impożizzjoni ta' primjum għall-emissjonijiet eċċessivi skont il-paragrafu 6 u l-atti adottati skont il-paragrafu 7, għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku, soġġett għar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tat-30 ta' Mejju 2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni [1].

Artikolu 12

Eko-innovazzjoni

1. Fuq applikazzjoni minn fornitur jew manifattur, għandu jiġi kkunsidrat l-iffrankar tas-CO_2 miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi. Il-kontribut totali ta' dawk it-teknoloġiji biex titnaqqas il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur jista' jkun sa 7 g CO_2/km.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta dispożizzjonijiet dettaljati għal proċedura biex jiġu approvati tali teknoloġiji innovattivi sal-31 ta' Diċembru 2012. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' dan ir-Regolament. Dawk id-dispożizzjonijiet dettaljati għandhom ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009, u jkunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin għat-teknoloġiji innovattivi:

(a) il-fornitur jew manifattur għandu jkun responsabbli għall-iffrankar tas-CO_2 miksub permezz tal-użu ta' teknoloġiji innovattivi;

(b) it-teknoloġiji innovattivi għandhom jagħtu kontribut ivverifikat għat-tnaqqis ta' CO_2;

(c) it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx ikunu koperti miċ-ċiklu standard ta' testijiet għall-kejl ta' CO_2 jew mid-dispożizzjonijiet obbligatorji minħabba miżuri addizzjonali kumplimentari konformi mat-tnaqqis ta' 10 g CO_2/km imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 443/2009 jew ikunu obbligatorji taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni.

3. Fornitur jew manifattur li japplika għall-approvazzjoni ta' xi miżura bħala teknoloġija innovattiva għandu jressaq rapport lill-Kummissjoni, li jinkludi rapport ta' verifika mwettaq minn entità indipendenti u ċertifikata. Fil-każ ta' interazzjoni possibbli tal-miżura ma' teknoloġija innovattiva oħra li tkun diġà approvata, ir-rapport għandu jirreferi għal dik l-interazzjoni u r-rapport ta' verifika għandu jevalwa safejn dik l-interazzjoni timmodifika t-tnaqqis miksub minn kull miżura.

4. Il-Kummissjoni għandha tiċċertifika t-tnaqqis miksub fuq il-bażi tal-kriterji stipulati fil-paragrafu 2.

Artikolu 13

Reviżjoni u rapport

1. Sal-1 ta' Jannar 2013, il-Kummissjoni għandha tlesti analiżi tal-miri għall-emissjonijiet speċifiċi fl-Anness I u tad-derogi fl-Artikolu 11, bl-għan li tiddefinixxi:

— soġġett għall-konferma tal-fattibbiltà abbażi tar-riżultati aġġornati tal-valutazzjoni tal-impatt, il-modalitajiet biex, sas-sena 2020, tintlaħaq mira fit-tul ta' 147 g CO_2/km b'mod kost-effettiv; u

— l-aspetti tal-implimentazzjoni tal-mira, inkluż il-primjum għall-emissjonijiet eċċessivi.

Abbażi ta' din ir-reviżjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha, li tinkludi valutazzjoni ġenerali tal-impatt fuq l-industrija tal-karozzi u fuq l-industriji dipendenti minnha, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tressaq proposta għal emenda ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja, b'mod li jkun kemm jista' jkun newtrali mill-perspettiva tal-kompetizzjoni, u li jkun soċjalment ekwu u sostenibbli.

(1) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

2. Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tressaq proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-2014, biex tinkludi f'dan ir-Regolament vetturi fil-kateogrija N_2 u M_2 kif imfisser fl-Anness II tad-Direttiva Nru 2007/46/KE b'massa ta' referenza li ma taqbiżx l-2 610 kg u vetturi li l-approvazzjoni tat-tip għalihom tiġi estiża skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, bil-għan li l-objettiv fit-tul jintlaħaq mill-2020.

3. Il-Kummissjoni għandha, sal-2014, wara valutazzjoni tal-impatt, tippubblika rapport dwar id-disponibbiltà tad-data dwar il-footprint u l-piż tat-tagħbija u l-użu tagħhom bħala parametri ta' utilità sabiex jiġu stabbiliti l-miri għall-emissjonijiet speċifiċi u, jekk ikun meħtieġ, tibgħat proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jemendaw l-Anness I f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni għandha twaqqaf proċedura biex jinkisbu valuri rappreżentattivi tal-emissjonijiet ta' CO_2, tal-effiċjenzja tal-karburant u tal-massa ta' vetturi kkompletati filwaqt li tiżgura li l-manifattur tal-vettura ta' bażi jkollu aċċess f'waqtu għall-massa u għall-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 tal-vettura kkompletata.

5. Sal-31 ta' Ottubru 2016, u kull 3 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikoli 15, u soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17, biex tiġi aġġustata il-figura ta' M_0, imsemmija hemmhekk, għall-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda fit-3 snin kalendarji preċedenti.

Dawk l-aġġustamenti għandhom isiru effettivi għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2018 u kull tliet snin wara dan.

6. Il-Kummissjoni għandha tinkludi vetturi kummerċjali ħfief fir-reviżjoni tal-proċeduri biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO_2 skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

Mid-data tal-applikazzjoni tal-proċedura riveduta biex jitkejlu l-emissjonijiet tas-CO_2, it-teknoloġiji innovattivi m'għandhomx jibqgħu jiġu approvati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12.

Il-Kummissjoni għandha tinkludi l-vetturi kummerċjali ħfief fir-reviżjoni tad-Direttiva 2007/46/KE f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 443/2009.

Sabiex tirrifletti kwalunkwe bidla fil-proċedura ta' testijiet regolatorji għall-kejl tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2, il-Kummissjoni għandha tadatta l-formuli stipulati fl-Anness I permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15, u suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 16 u 17.

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar il-Bdil tal-Klima stabbilit bl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li tikkonċerna l-mekkaniżmu għall-moniteraġġ l-emissjonijiet ta' gass serra tal-Komunità u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kyoto ([1]). Dak il-kumitat huwa kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa biex jiġu adottati l-atti delegati msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9), fl-Artikolu 11(7), fl-Artikolu 13(5) u fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(6), għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perijodu ta' 5 snin minn 3 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa delegata mhux aktar tard minn 6 xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha f'konformità mal-Artikolu 16.

2. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 16 u 17.

Artikolu 16

Revoka tad-delega

1. Id-delega tas-setgħa msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(9), fl-Artikolu 11(7), fl-Artikolu 13(5) u fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 13(6) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk tirrevokax delega tas-setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tgħarraf lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, u tindika s-setgħa delegata li tista' tkun suġġetta għal revoka u r-raġunijiet possibbli għal revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tieħu effett minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ. Hija għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 1.

Artikolu 17

Oġġezzjonijiet għal atti delegati

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħa' joġġezzjona għal att delegat f'perijodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika.

Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn.

2. Jekk, kif jintemm il-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, l-att għandu jiġi pubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u għandu jidħol fis-seħħ fid-data ddikjarata fih.

L-att delegat jista' jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk jew il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att delegat fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għall-oġġezzjoni tagħha għall-att delegat.

Artikolu 18

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Mejju 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	GYŐRI E.

ANNESS I

MIRI TAL-EMISSJONIIET SPEĊIFIĊI TAS-CO_2

1. L-emissjonijiet speċifiċi u indikattivi ta' CO_2 għal kull vettura kummerċjali ħafifa, imkejla fi grammi għal kull kilometru, għandhom jiġu stabbiliti skont il-formuli li ġejjin:

(a) mill-2014 sal-2017:

Emissjonijiet speċifiċi indikattivi ta' CO_2 = 175 + a × (M – M_0)

fejn:

M = massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M_0 = 1 706,0

a = 0,093.

(b) mill-2018:

Emissjonijiet speċifiċi u indikattivi ta' CO_2 = 175 + a × (M – M_0)

fejn:

M = massa tal-vettura f'kilogrammi (kg)

M_0 = il-valur adottat skont l-Artikolu 13(5)

a = 0,093.

2. Il-mira għall-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur f'sena kalendarja għandha tiġi kkalkulata bħala l-medja tal-emissjonijiet speċifiċi indikattivi ta' CO_2 ta' kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida mmanifatturata minnu rreġistrata f'dik is-sena kalendarja.

ANNESS II

MONITORAĠĠ U RAPPURTAĠĠ TAL-EMISSJONIJIET

A. Ġbir ta' data dwar vetturi kummerċjali ħfief u determinazzjoni tal-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tas-CO_2

1. Għas-sena li tibda fl-1 ta' Jannar 2012 u għal kull sena sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jirreġistraw id-dettalji li ġejjin għal kull vettura kummerċjali ħafifa ġdida li tiġi rreġistrata fit-territorju tagħhom:

(a) il-manifattur;

(b) it-tip, il-varjant u l-verżjoni;

(c) l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 (g/km);

(d) il-massa (kg);

(e) it-tul bejn il-fusien (mm);

(f) il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir (f'mm) u ta' fusien oħra (f'mm);

(g) il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli (f'kg) skont l-Anness III tad-Direttiva 2007/46/KE.

2. Id-dettalji msemmijin fil-punt 1 għandhom jittieħdu miċ-ċertifikat ta' konformità għall-vettura kummerċjali ħafifa rilevanti. Meta ċ-ċertifikat ta' konformità jispeċifika kemm il-massa minima kif ukoll il-massa massima għal vettura kummerċjali ħafifa, l-Istati Membri għandhom jużaw biss iċ-ċifra massima għall-iskop ta' dan ir-Regolament. Fil-każ ta' vetturi li jagħmlu użu minn żewġ tipi ta' karburant (petrol/gass) li ċ-ċertifikati ta' konformità tagħhom juru ċifri speċifiċi ta' emissjonijiet ta' CO_2 għaż-żewġ tipi ta' karburant, l-Istati Membri għandhom jużaw biss iċ-ċifra mkejla għall-gass.

3. Għas-sena kalendarja li tibda fl-1 ta' Jannar 2012 u għal kull sena kalendarja sussegwenti, kull Stat Membru għandu jiddetermina, f'konformità mal-metodoloġija mfissra fil-Parti B ta' dan l-Anness, għal kull manifattur:

(a) l-għadd totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tiegħu;

(b) l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2, kif speċifikat fil-punt 2 tal-Parti B ta' dan l-Anness;

(c) il-massa medja, kif speċifikat fil-punt 3 tal-Parti B ta' dan l-Anness;

(d) għal kull verżjoni ta' kullvarjant ta' kull tip ta' vettura kummerċjali ħafifa ġdida:

(i) l-għadd totali ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tiegħu, kif speċifikat fil-punt 4 tal-Parti B ta' dan l-Anness;

(ii) l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2;

(iii) il-massa;

(iv) il-footprint tal-vettura, kif speċifikat fil-punt 5 tal-Parti B ta' dan l-Anness;

(v) il-piż tat-tagħbija.

B. Il-metodoloġija biex tiġi ddeterminata l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tas-CO_2 għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda

L-informazzjoni dwar il-monitoraġġ li l-Istati Membri huma marbuta li jiddeterminaw f'konformità mal-punt 3 tal-Parti A ta' dan l-Anness għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-metodoloġija f'din il-Parti.

1. L-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda li ġew irreġistrati (N)

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fit-territorju tagħhom matul is-sena ta' monitoraġġ rispettiva (N).

2. L-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO_2 tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda (S_{ave})

L-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO_2 għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru fis-sena ta' monitoraġġ (Save) jiġu kkalkulati billi t-total tal-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' kull vettura individwali ġdida, S, jiġi diviż bl-għadd ta' vetturi ġodda, N.

$$S_{ave} = (1/N) \times \Sigma\ S$$

3. Il-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda

Il-massa medja tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda kollha rreġistrati fit-territorju ta' Stat Membru fis-sena ta' monitoraġġ (M_{ave}) tiġi kkalkulata billi wieħed jiddividi t-total tal-massa ta' kull vettura individwali ġdida, M, bl-għadd ta' vetturi ġodda, N.

$$M_{ave} = (1/N) \times \Sigma\ M$$

4. It-tqassim ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda skont il-verżjoni

Għal kull verżjoni ta' kull varjant ta' kull tip ta' vettura kummerċjali ħafifa ġdida, għandu jitniżżel l-għadd ta' karozzi rreġistrati għall-ewwel darba, il-massa tal-vetturi, l-emissjonijiet speċifiċi tas-CO_2, it-tul bejn il-fusien, il-wisa' bejn ir-roti u l-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli.

5. Il-footprint

Il-footprint tal-vettura għandha tiġi kkalkulata billi wieħed jimmultiplika t-tul bejn il-fusien tal-vettura bil-wisa' medja bejn ir-roti tal-vettura.

6. Il-piż tat-tagħbija

Il-piż tat-tagħbija għandu jkun iddefinit bħala d-differenza bejn il-massa bit-tagħbija massima teknikament permissibbli f'konformità mal-Anness II tad-Direttiva 2007/46/KE u l-massa tal-vettura.

7. Vetturi kkompletati

Fil-każ ta' vetturi mibnija f'diversi stadji, l-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 ta' vetturi kkompletati għandhom jiġu allokati lill-manifattur tal-vettura ta' bażi.

Sabiex ikun żgurat li ċ-ċifri tal-emissjonijiet ta' CO_2, tal-effiċjenza tal-karburant u tal-massa tal-vetturi kkompletati jkunu rappreżentattivi, bla ma jitqiegħed piż eċċessiv fuq il-manifattur tal-vetttura ta' bażi, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proċedura ta' monitoraġġ speċifiku u għandha teżamina l-leġislazzjoni rilevanti dwar l-approvazzjoni tat-tip u tagħmel l-emendi meħtieġa sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

Meta tiddefinixxi proċedura bħal din, il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, għandha tiddetermina kif jiġu mmonitorjati l-valuri tal-massa u tas-CO_2, abbażi ta' tabella ta' valuri ta' CO_2 li jikkorrispondu għal klassijiet differenti ta' piż tal-inerzja finali jew abbażi ta' valur wieħed ta' CO_2 derivat mill-massa tal-vettura ta' bażi u massa speċifika miżjuda differenzjata mill-klassi N_1. Fl-aħħar każ, din il-massa tittieħed ukoll għall-parti C ta' dan l-Anness.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li l-manifattur tal-vettura ta' bażi jkollu aċċess f'waqtu għall-massa u għall-emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 tal-vettura kkompletata.

C. Format għat-trasmissjoni tad-data

Għal kull manifattur, u għal kull sena, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-data deskritta fil-punt 3 tal-Parti A ta' dan l-Anness fil-formati li ġejjin:

Taqsima 1 – Data ta’ monitoraġġ aggregata

Stat Membru ([1]):	
Sena:	
Sors tad-data:	

Manifattur	L-għadd totali ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati	L-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda li għandhom valur ta’ emissjonijiet	L-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda li għandhom valur ta’ massa	L-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda li għandhom valur ta’ tul bejn il-fusien	L-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda li għandhom valur ta’ wisa’ bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir	L-għadd ta’ vetturi kummerċjali ħfief ġodda li għandhom valur ta’ wisa’ bejn rota u oħra ta’ fusien oħra
(Manifattur 1)	…	…	…	…	…	…
(Manifattur 2)	…	…	…	…	…	…
…	…	…	…	…	…	…
Total tal-manifatturi kollha	…	…	…	…	…	…

([1]) Kodiċijiet ISO 3166 alpha-2 bl-eċċezzjoni għall-Greċja u r-Renju Unit li għalihom il-kodiċijiet huma “EL” u “UK” rispettivament.

Taqsima 2 – Data ta' monitoraġġ dettaljata

Isem il-manifattur Denominazzjoni standard tal-UE	Isem il-manifattur Denominazzjoni standard nazzjonali	Isem il-manifattur Denominazzjoni Reġistru Nazzjonali	Tip	Varjant	Verżjoni	Għamla	Isem kummerċjali	Kategorija tat-tip ta' vettura approvata	Kategorija tal-vettura rreġistrata	L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 (g/km)	Massa (kg)	Massa bit-tagħbija massima (kg) teknikament permissibbli	It-tul bejn rota u oħra (mm)	Il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir (mm)	Il-wisa' bejn rota u oħra ta' fusien oħra (mm)	Tip ta' fjuwil	Modalita ta' fjuwil	Kapaċità (cm^3)	Konsum ta' enerġija elettrika (Wh/km)	Kodiċi ta' teknoloġija innovattiva jew ta' grupp ta' teknoloġiji innovattivi	Tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' teknoloġiji innovattivi
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 1	Varjant 1	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 1	Varjant 1	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 1	Varjant 2	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 1	Varjant 2	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 2	Varjant 1	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 2	Varjant 1	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…

Isem il-manifattur Denominazzjoni standard tal-UE	Isem il-manifattur Denominazzjoni standard nazzjonali	Isem il-manifattur Denominazzjoni Reġistru Nazzjonali	Tip	Varjant	Verżjoni	Għamla	Isem kummerċjali	Kategorija tat-tip ta' vettura approvata	Kategorija tal-vettura rreġistrata	L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 (g/km)	Massa (kg)	Massa bit-tagħbija massima (kg) teknikament permissibbli	It-tul bejn rota u oħra (mm)	Il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir (mm)	Il-wisa' bejn rota u oħra ta' fusien oħra (mm)	Tip ta' fjuwil	Modalita ta' fjuwil	Kapaċità (cm^3)	Konsum ta' enerġija elettrika (Wh/km)	Kodiċi ta' teknoloġija innovattiva jew ta' grupp ta' teknoloġiji innovattivi	Tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' teknoloġiji innovattivi
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 2	Varjant 2	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	Tip 2	Varjant 2	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 1	Manif. 1	Manif. 1	…	…	…	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 1	Varjant 1	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 1	Varjant 1	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 1	Varjant 2	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…

Isem il-manifattur Denominazzjoni standard tal-UE	Isem il-manifattur Denominazzjoni standard nazzjonali	Isem il-manifattur Denominazzjoni Reġistru Nazzjonali	Tip	Varjant	Verżjoni	Għamla	Isem kummerċjali	Kategorija tat-tip ta' vettura approvata	Kategorija tal-vettura rreġistrata	L-għadd totali ta' reġistrazzjonijiet ġodda	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO_2 (g/km)	Massa (kg)	Massa bit-tagħbija massima (kg) teknikament permissibbli	It-tul bejn rota u oħra (mm)	Il-wisa' bejn rota u oħra tal-fus tat-tidwir (mm)	Il-wisa' bejn rota u oħra ta' fusien oħra (mm)	Tip ta' fjuwil	Modalità ta' fjuwil	Kapaċità (cm^3)	Konsum ta' enerġija elettrika (Wh/km)	Kodiċi ta' teknoloġija innovattiva jew ta' grupp ta' teknoloġiji innovattivi	Tnaqqis tal-emissjonijiet permezz ta' teknoloġiji innovattivi
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 1	Varjant 2	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 2	Varjant 1	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 2	Varjant 1	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 2	Varjant 2	Verżjoni 1	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	Tip 2	Varjant 2	Verżjoni 2	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…
Manif. 2	Manif. 2	Manif. 2	…	…	…	…	…	…	…	…	…	…		…	…	…	…	…	…	…	…	…

REGOLAMENT (UE) Nru 511/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Mejju 2011

li jimplimenta l-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz ta' att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati għal ftehim ta' kummerċ ħieles mar-Repubblika tal-Korea ("il-Korea") f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

(2) Dawk in-negozjati ġew fi tmiemhom u l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie ffirmat fis-6 ta' Ottubru 2010 ([2]), irċieva l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fis-17 ta' Frar 2011 ([3]) u ser japplika kif previst fl-Artikolu 15.10 tal-Ftehim.

(3) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jirrigwardaw is-salvagwardji.

(4) It-termini "dannu serju", "theddida ta' dannu serju" u "perijodu tranżitorju" kif imsemmija fl-Artikolu 3.5 tal-Ftehim għandhom jiġu ddefiniti.

(5) Jistgħu jitqiesu miżuri ta' salvagwardja biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi importat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal u taħt tali kondizzjonijiet li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 3.1 tal-Ftehim.

(6) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu minn fost dawk it-tipi msemmija fl-Artikolu 3.1 tal-Ftehim.

(7) Il-kompiti ta' segwitu u rieżami tal-Ftehim u, jekk ikun meħtieġ, l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja għandhom isiru bl-aktar mod trasparenti possibbli.

(8) Il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport darba kull sena dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja.

(9) Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-ftuħ tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni għandha tirċievi tagħrif inkluża l-evidenza disponibbli mill-Istati Membri dwar kwalunkwe xejra fl-importazzjonijiet li tista' teħtieġ l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja.

(10) L-affidibilità tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet kollha mill-Korea għall-Unjoni għalhekk hija kruċjali biex jiġi stabbilit jekk ġewx sodisfatti l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja.

(11) F'xi każi, żieda fl-importazzjonijiet konċentrata fi Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri tista' waħedha tikkawża jew thedded li tikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. Fil-każ li jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet konċentrata fi Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tintroduċi miżuri ta' sorveljanza preventivi. Il-Kummissjoni tikkunsidra bis-sħiħ kif il-prodott soġġett għal investigazzjoni, u konsegwentement l-industrija tal-Unjoni li tipproduċi prodott simili, tista' tiġi definita b'tali mod li jipprovdi għal remedju effettiv, filwaqt li jiġu osservati bis-sħiħ il-kriterji skont dan ir-Regolament u l-Ftehim.

(12) Jekk ikun hemm biżżejjed evidenza prima facie biex jiġi ġġustifikat il-ftuħ ta' proċediment, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż kif previst fl-Artikolu 3.2.2 tal-Ftehim f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(13) Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-ftuħ ta' investigazzjonijiet, l-aċċess għat-tagħrif miġbur u l-ispezzjonijiet imwettqa mill-partijiet interessati, seduti ta' smigħ għall-partijiet involuti u l-opportunitajiet għal dawk il-partijiet biex iressqu l-fehmiet tagħhom kif previst fl-Artikolu 3.2.2 tal-Ftehim.

(14) Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Korea bil-miktub dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni u tikkonsulta mal-Korea kif previst fl-Artikolu 3.2.1 tal-Ftehim.

(15) Huwa wkoll meħtieġ, skont l-Artikoli 3.2 u 3.3 tal-Ftehim, li jiġu stabbiliti l-limiti ta' żmien għall-ftuħ tal-investigazzjonijiet u għal konsiderazzjonijiet dwar jekk il-miżuri humiex xierqa jew le, bil-ħsieb li jiġi żgurat li dawn il-konsiderazzjonijiet isiru malajr, sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati.

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Frar 2011. (għadha mhijiex ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' April 2011.
([2]) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.
([3]) Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

(16) Għandu jkun hemm investigazzjoni qabel l-applikazzjoni ta' xi miżura ta' salvagwardja, bir-riżerva li l-Kummissjoni titħalla tapplika miżuri provviżorji f'ċirkostanzi kritiċi kif imsemmi fl-Artikolu 3.3 tal-Ftehim.

(17) Miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati biss sa fejn, u għal tant żmien, kif jista' jinħtieġ biex ma jsirx dannu serju u jiġi ffaċilitat l-aġġustament. It-tul ta' żmien massimu tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun iddeterminat u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-estensjoni u r-rieżami ta' dawn il-miżuri, kif imsemmi fl-Artikolu 3.2.5 tal-Ftehim.

(18) Il-monitoraġġ mill-qrib jiffaċilita kwalunkwe deċiżjoni f'waqtha dwar il-ftuħ possibbli ta' investigazzjoni jew l-impożizzjoni ta' miżuri. Il-Kummissjoni, għalhekk, għandha timmonitorja b'mod regolari l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet f'setturi sensittivi mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

(19) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti proċeduri marbutin mal-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (Ir-Rifużjoni ta' Dazji, jew l-Eżenzjoni minnhom) tal-Protokoll dwar id-definizzjoni ta' "Prodotti Oriġinarji" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva ("il-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini") tal-Ftehim biex tkun żgurata l-operazzjoni effettiva tal-mekkaniżmi previsti fih u biex ikun hemm provvediment għal skambju komprensiv ta' tagħrif mal-partijiet interessati rilevanti.

(20) Peress li mhux ser ikun possibbli li r-rifużjoni ta' dazji doganali tiġi limitata qabel ħames snin wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim, jista' jkun meħtieġ, fuq il-bażi ta' dan ir-Regolament, li jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja bħala reazzjoni għal dannu serju jew theddida ta' dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni li jkun ikkawżat mill-fatt li l-importazzjonijiet jibbenefikaw mir-rifużjoni tad-dazji jew mill-eżenzjoni mid-dazj doganalii. F'tali proċediment, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fatturi rilevanti kollha li jkollhom effett fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, inklużi l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 14.2.1 tal-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-istatistika Koreana għal setturi sensittivi li jkunu potenzjalment milquta mir-rifużjoni tad-dazji mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

(21) Għalhekk, mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim, il-Kummissjoni għandha wkoll timmonitorja partikolarment mill-qrib, speċjalment f'setturi sensittivi, l-istatistika li turi l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet lejn u l-esportazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea.

(22) Il-miżuri definittivi ta' salvagwardja adottati skont dan ir-Regolament jistgħu jissemmew mill-Istati Membri fl-applikazzjonijiet għal kontribuzzjonijiet finanzjarji taħt ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([1]).

(23) L-implimentazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim teżiġi kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji u definittivi, għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' sorveljanza preventivi, u għat-tmiem ta' investigazzjoni mingħajr miżuri. Dawk il-miżuri għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzji tal-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]).

(24) Huwa xieraq li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni tal-miżuri ta' sorveljanza u dawk provviżorji minħabba l-effetti ta' dawn il-miżuri u l-loġika sekwenzjali tagħhom f'rabta mal-adozzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja definittivi. Meta dewmien fl-impożizzjoni tal-miżuri jkun jikkawża dannu li jkun diffiċli li jissewwa hu meħtieġ li l-Kummissjoni titħalla tadotta minnufih il-miżuri provviżorji applikabbli.

(25) Dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-prodotti li joriġinaw fl-Unjoni jew fil-Korea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "prodotti" tfisser oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni jew fil-Korea. Prodott soġġett għal investigazzjoni jista' jkopri linja tariffarja waħda jew diversi linji tariffarji jew subsegment tagħhom skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi tas-suq, jew kwalunkwe segmentazzjoni tal-prodott li tkun applikata b'mod komuni fl-industrija tal-Unjoni;

(b) "partijiet interessati" tfisser il-partijiet milquta mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat;

(c) "industrija tal-Unjoni" tfisser il-produtturi tal-Unjoni kollha kemm hi ta' prodotti simili jew ta' prodotti f'kompetizzjoni diretta, li jkunu joperaw fit-territorju tal-Unjoni, jew dawk il-produtturi tal-Unjoni li l-produttività kollettiva tagħhom ta' prodotti simili jew ta' prodotti f'kompetizzjoni diretta tikkostitwixxi proporzjon ewlieni tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' dawk il-prodotti. Fil-każi fejn prodott simili jew f'kompetizzjoni diretta jkun biss wieħed minn fost diversi prodotti magħmulin minn produtturi li jikkostitwixxu l-industrija tal-Unjoni, l-industrija għandha tkun definita bħala l-operazzjonijiet speċifiċi li huma involuti fil-produzzjoni tal-prodott simili jew f'kompetizzjoni diretta;

(d) "dannu serju" tfisser ħsara ġenerali sinifikanti fil-pożizzjoni tal-produtturi tal-Unjoni;

(e) "theddida ta' dannu serju" tfisser dannu serju li jkun imminenti b'mod ċar. Determinazzjoni tal-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju għandha tkun ibbażata fuq fatti verifikabbli u mhux sempliċement fuq allegazzjoni, konġentura jew possibbiltà remota. It-tbassir, l-istimi u l-analiżijiet magħmulin fuq il-bażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5), għandhom, inter alia, jiġu kkunsidrati sabiex tiġi determinata l-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju;

([1]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

(f) "perijodu ta' transizzjoni" tfisser, għal prodott, il-perijodu mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim, kif previst fl-Artikolu 15.10 tiegħu, sa għaxar snin mid-data ta' tlestija tat-tneħijja jew tnaqqis tat-tariffi, skont kif ikun il-każ għal kull prodott.

Artikolu 2

Prinċipji

1. Miżura ta' salvagwardja tista' tiġi imposta f'konformità ma' dan ir-Regolament fejn prodott li joriġina fil-Korea, bħala riżultat tat-tnaqqis jew it-tneħħija tad-dazji fuq dan il-prodott, jiġi importat fl-Unjoni fi kwantitajiet tant ikbar min-normal, f'termini assoluti jew relattivi mal-produzzjoni tal-Unjoni, u taħt kondizzjonijiet tali li jikkawża jew jhedded li jikkawża dannu serju lill-industrija tal-Unjoni li tipproduċi prodott simili jew f'kompetizzjoni diretta.

2. Il-miżuri ta' salvagwardja jistgħu jieħdu waħda mill-forom li ġejjin:

(a) is-sospensjoni ta' tnaqqis ulterjuri tar-rata tad-dazju doganali fuq il-prodott ikkonċernat previst skont il-Ftehim; jew

(b) żieda tar-rata ta' dazju doganali fuq il-prodott sa livell li ma jaqbiżx l-inqas minn dawn:

— ir-rata applikata ta' dazju doganali tan-nazzjon l-aktar iffavorit ("MFN") fuq il-prodott li tkun effettiva fiż-żmien meta tittieħed il-miżura; jew

— ir-rata ta' bażi tad-dazju doganali speċifikata fl-Iskedi fl-Anness 2-A tal-Ftehim skont l-Artikolu 2.5.2 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-evoluzzjoni tal-istatistika dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-prodotti Koreani f'setturi sensittivi li jkunu potenzjalment milquta mir-rifużjoni tad-dazji mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim u għandha tikkoopera u tiskambja data fuq bażi regolari mal-Istati Membri u l-industrija tal-Unjoni.

2. Fuq talba debitament iġġustifikata mill-industriji kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li twessa' l-ambitu tal-monitoraġġ għal setturi oħra.

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' monitoraġġ annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istatistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet mill-Korea ta' prodotti fis-setturi sensittivi u dawk is-setturi li l-monitoraġġ ikun twessa' għalihom.

4. Għal perijodu ta' ħames snin mid-data meta jibda japplika l-Ftehim u fuq talba debitament motivata mill-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lil kwalunkwe żieda fl-importazzjoni fl-Unjoni ta' prodotti sensittivi mitmuma li joriġinaw fil-Korea meta tali żieda tkun attribwibbli għal użu akbar ta' partijiet jew komponenti importati lejn il-Korea minn pajjiżi terzi li ma jkunux ikkonkludew ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Unjoni u li huma koperti mid-dispożizzjonijiet dwar ir-rifużjoni tad-dazji doganali jew l-eżenzjoni mid-dazji doganali.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għallinqas dawn il-prodotti li ġejjin għandhom jitqiesu bħala inklużi fil-kategorija ta' prodotti sensittivi: tessuti u ħwejjeġ (SA 2007 intestaturi 5204, 5205, 5206, 5207, 5408, 5508, 5509, 5510, 5511), tagħmir elettroniku għall-konsumatur (SA 2007 intestaturi 8521, 8528), karozzi tal-passiġġieri (SA 2007 intestaturi 870321, 870322, 870323, 870324, 870331, 870332, 870333) u anke dawk inklużi fil-lista addizzjonali mfassla f'konformita mal-Artikolu 11.

Artikolu 4

Il-ftuħ tal-proċedimenti

1. Investigazzjoni għandha tinfetaħ fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed evidenza prima facie, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5), li tiġġustifika tali ftuħ.

2. It-talba għall-ftuħ ta' investigazzjoni għandha tinkludi evidenza li l-kondizzjonijiet biex tiġi imposta l-miżura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 2(1) ikunu ġew sodisfatti. It-talba għandha ġeneralment tinkludi it-tagħrif li ġej: ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud minn importazzjonijiet miżjuda, il-bidliet fil-livell ta' bejgħ, produzzjoni, produttività, użu tal-kapaċità, qligħ u telf, u impjegi.

Tista' tiġi inzjata wkoll investigazzjoni fil-każ li jkun hemm żieda qawwija tal-importazzjonijiet ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri, bil-kondizzjoni li jkun hemm biżżejjed evidenza prima facie li l-kondizzjonijiet għall-ftuħ ikunu ġew sodisfatti, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5).

3. Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni f'każ li x-xejriet fl-importazzjonijiet mill-Korea jidhru li jirrikjedu miżuri ta' salvagwardja. Dan it-tagħrif għandu jinkludi l-evidenza disponibbli kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5). Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dan it-tagħrif lill-Istati Membri kollha.

4. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri minnufih jekk tirċievi talba skont il-paragrafu 1 jew jekk il-Kummissjoni tikkunsidra l-ftuħ ta' investigazzjoni fuq inizjattiva tagħha stess. Il-konsultazzjoni mal-Istati Membri għandha sseħħ fi żmien tmint ijiem tax-xogħol minn meta l-Kummissjoni tibgħat it-talba jew l-informazzjoni, kif previst fil-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu rispettivament, fi ħdan il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 14. Meta, wara l-konsultazzjoni, ikun jidher li hemm biżżejjed evidenza prima facie kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5) li tiġġustifika ftuħ ta' proċediment il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-ftuħ għandu jseħħ fi żmien xahar minn meta tirċievi t-talba skont il-paragrafu 1.

5. L-avviż imsemmi fil-paragrafu 4 għandu:

(a) jagħti sommarju tat-tagħrif li jasal, u jeżiġi li t-tagħrif rilevanti kollu jiġi kkomunikat lill-Kummissjoni;

(b) jiddikjara l-perijodu ta' żmien li fih il-partijiet interessati jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jippreżentaw it-tagħrif, jekk iridu li dawn il-fehmiet u t-tagħrif jitqiesu matul l-investigazzjoni;

(c) jiddikjara l-perijodu ta' żmien li fih il-partijiet interessati jistgħu japplikaw biex jinstemgħu oralment mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 5(9).

6. L-evidenza li tinġabar għall-iskop tal-ftuħ tal-proċedimenti f'konformità mal-Artikolu 14.2 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini tista' tintuża wkoll f'investigazzjonijiet li jkollhom l-iskop li jimponu miżuri ta' salvagwardja meta l-kondizzjonijiet stipulati f'dan l-artikolu jkunu ġew sodisfatti, b'mod partikolari matul l-ewwel perijodu ta' ħames snin wara d-data meta jibda japplika l-Ftehim.

Artikolu 5

L-investigazzjoni

1. Wara l-ftuħ tal-proċediment, il-Kummissjoni għandha tibda investigazzjoni. Il-perjodu kif stipulat fil-paragrafu 3 għandu jibda fil-jum li d-deċiżjoni dwar il-ftuħ tal-investigazzjoni tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Il-Kummissjoni tista' titlob li l-Istati Membri jipprovdu tagħrif u l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jissodisfaw tali talba. Jekk dan it-tagħrif ikun ta' interess ġenerali u ma jkunx kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12, għandu jiżdied mal-fajls mhux kunfidenzjali kif previst fil-paragrafu 8.

3. L-investigazzjoni għandha tiġi konkluża, fejn ikun possibbli, fi żmien sitt xhur mill-iftuħ tagħha. Dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż b'perijodu addizzjonali ta' tliet xhur f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħall-involviment ta' numru aktar għoli mis-soltu ta' partijiet jew sitwazzjonijiet kumplessi tas-suq. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-partijiet interessati kollha bi kwalunkwe estensjoni ta' dan it-tip u tispjega r-raġunijiet li wasslu għal din l-estensjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha titlob it-tagħrif kollu li jidhrilha meħtieġ biex tkun tista' tiddetermina dwar il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1), u, fejn jidhrilha li jkun xieraq, tfittex li tivverifika dan it-tagħrif.

5. Fl-investigazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li jkollhom influwenza fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet żejda, it-tibdil fil-livell ta' bejgħ, produzzjoni, produttività, użu tal-kapaċità, qligħ u telf, u impjiegi. Din il-lista mhix eżawrjenti u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra relevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħalma huma l-istokkijiet, il-prezzijiet, ir-redditu fuq il-kapital użat, il-likwidità, u fatturi oħra li jkunu qed jikkawżaw jew għandu mnejn ikkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni.

6. Il-partijiet interessati li jkunu ppreżentaw ruħhom skont l-Artikolu 4(5)(b) u r-rappreżentanti tal-Korea jistgħu, fuq talba bil-miktub, jispezzjonaw it-tagħrif kollu magħmul disponibbli lill-Kummissjoni b'konnessjoni mal-investigazzjoni għajr id-dokumenti interni mħejjija mill-awtoritajiet tal-Unjoni jew tal-Istati Membri, bil-kondizzjoni li dan it-tagħrif ikun rilevanti għall-preżentazzjoni tal-każ tagħhom u mhux kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12 u li jintuża mill-Kummissjoni fl-investigazzjoni. Il-partijiet interessati li jkunu ppreżentaw ruħhom jistgħu jikkomunikaw il-fehmiet tagħhom dwar it-tagħrif lill-Kummissjoni. Dawk il-fehmiet għandhom jiġu kkunsidrati meta jkunu mirfuda b'biżżejjed evidenza *prima facie*.

7. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data u l-istatistika kollha li jintużaw għall-investigazzjoni jkunu disponibbli, jinftehmu, trasparenti u verifikabbli.

8. Il-Kummissjoni, hekk kif jitwaqqaf il-qafas tekniku neċessarju, għandha tiżgura l-aċċess bl-Internet b'password ta' protezzjoni għall-fajl mhux kunfidenzjali ("pjattaforma onlajn"), li hija għandha tiġġestixxi u li permezz tiegħu għandu jitqassam it-tagħrif kollu rilevanti u mhux kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12. Il-partijiet interessati fl-investigazzjoni, kif ukoll l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew għandhom jingħataw aċċess għal din il-pjattaforma onlajn.

9. Il-Kummissjoni għandha tisma' lill-partijiet interessati, b'mod partikolari meta jkunu għamlu applikazzjoni bil-miktub fil-perijodu ta' żmien stipulat fl-avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fejn juru li fil-verità x'aktarx ikunu sejrin jintlaqtu mir-riżultat tal-investigazzjoni u li jeżistu raġunijiet speċjali biex jinstemgħu oralment.

Il-Kummissjoni għandha tisma' lil tali partijiet f'okkażjonijiet oħra jekk ikun hemm raġunijiet speċjali biex dawn jerġgħu jinstemgħu.

10. Meta t-tagħrif ma jitressaqx fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-Kummissjoni, jew l-investigazzjoni tiġi mxekkla b'mod sinifikanti, jistgħu jinsiltu riżultati abbażi tal-fatti disponibbli. Fejn il-Kummissjoni ssib li xi parti interessata jew parti terza tkun ipprovdiet tagħrif falz jew qarrieqi, ma għandhiex tagħti kas ta' dan it-tagħrif u tista' tagħmel użu mill-fatti disponibbli.

11. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Korea bil-miktub dwar il-ftuħ ta' investigazzjoni u tikkonsulta mal-Korea minn kemm jista' jkun qabel ma tapplika miżura bilaterali ta' salvagwardja, bil-ħsieb li tanalizza mill-ġdid it-tagħrif li jirriżulta mill-investigazzjoni u twettaq skambju ta' fehmiet dwar il-miżura.

Artikolu 6

Miżuri ta' sorveljanza preventivi

1. Fejn it-tendenza fl-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina fil-Korea hija tali li dawn jistgħu jwasslu għal waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2 u 3, l-importazzjonijiet ta' dak il-prodott jistgħu jkunu soġġetti għal miżuri ta' sorveljanza preventiva.

2. Fil-każ li jkun hemm żieda qawwija fl-importazzjonijiet ta' prodotti li jaqgħu fis-setturi sensittivi kkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tintroduċi miżuri ta' sorveljanza preventiva.

3. Il-miżuri ta' sorveljanza preventiva għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 14(2).

4. Il-miżuri ta' sorveljanza preventiva għandu jkollhom perijodu limitat ta' validità. Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, dawn ma jibqgħux validi fi tmiem it-tieni perijodu ta' sitt xhur wara l-ewwel sitt xhur wara li l-miżuri jkunu ġew introdotti.

Artikolu 7

Impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja provviżorji

1. Miżuri ta' salvagwardja provviżorji għandhom jiġu applikati f'ċirkostanzi kritiċi fejn dewmien jikkawża dannu li tkun diffiċli li jissewwa, skont determinazzjoni preliminari abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 5(5) li hemm biżżejjed evidenza prima facie li l-importazzjonijiet ta' prodott li joriġina mill-Korea jkunu żdiedu bħala riżultat tat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni ta' dazju doganali skont il-Ftehim, u li dawn l-importazzjonijiet jikkawżaw dannu serju, jew theddida ta' dan, lill-industrija tal-Unjoni.

Il-miżuri provviżorji għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 14(2). F'każi ta' raġunijiet imperattivi ta' urġenza, inkluż il-każ imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' salvagwardja provviżorji applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(4).

2. Fejn Stat Membru jitlob intervent immedjat mill-Kummissjoni u fejn il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 jiġu sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi t-talba.

3. Il-miżuri provviżorji m'għandhomx japplikaw għal aktar minn 200 jum.

4. Jekk il-miżuri ta' salvagwardja provviżorji jitħassru minħabba li l-investigazzjoni turi li ma ġewx sodisfatti l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(1), kull dazju doganali miġbur bħala riżultat ta' dawn il-miżuri provviżorji għandu jintradd lura awtomatikament.

5. Il-miżuri msemmija f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal kull prodott li jitqiegħed f'ċirkolazzjoni libera wara d-dħul fis-seħħ tagħhom. Madankollu, tali miżuri m'għandhomx jipprevjenu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tal-prodotti li diġà jinsabu fi triqthom lejn l-Unjoni bil-kondizzjoni li d-destinazzjoni tagħhom ma tkunx tista' tinbidel.

Artikolu 8

Terminazzjoni tal-investigazzjoni u l-proċediment mingħajr miżuri

1. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(1) mhumiex sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni biex jintemmu l-investigazzjoni u l-proċediment f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(3).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, waqt li tqis kif dovut il-protezzjoni tat-tagħrif kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12, rapport fejn tippreżenta s-sejbiet tagħha u l-konklużjonijiet motivati li tkun waslet għalihom dwar kull konsiderazzjoni rilevanti ta' fatt u ta' liġi.

Artikolu 9

Impożizzjoni ta' miżuri definittivi

1. Meta l-fatti kif finalment stabbiliti juru li ċ-ċirkostanzi stipulati fl-Artikolu 2(1) huma sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni biex jiġu imposti miżuri ta' salvagwardja definittivi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(3).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, waqt li tqis kif dovut il-protezzjoni tat-tagħrif kunfidenzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 12, rapport li jkun fih sommarju tal-fatti materjali u l-konsiderazzjonijiet rilevanti għad-determinazzjoni.

Artikolu 10

Tul ta' żmien u rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja

1. Miżura ta' salvagwardja għandha tibqa' fis-seħħ biss għall-perijodu taż-żmien meħtieġ biex ma jitħalliex li jsir jew jitranġa dannu serju u jkun jista' jsir l-aġġustament. Dak il-perijodu m'għandux jaqbeż is-sentejn, għajr jekk jiġġedded skont il-paragrafu 3.

2. Miżura ta' salvagwardja għandha tibqa' fis-seħħ, sakemm joħroġ ir-riżultat tar-rieżami, tul kwalunkwe perijodu ta' estensjoni.

3. Il-perijodu inizjali ta' tul ta' żmien ta' miżura ta' salvagwardja jista' jiġġedded b'mod eċċezzjonali sa mhux iktar minn sentejn kemm-il darba jiġi ddeterminat li l-miżura ta' salvagwardja tibqa' meħtieġa biex ma jitħalliex isir jew jirranġa dannu serju u jkun jista' jsir l-aġġustament u li hemm biżżejjed evidenza li l-industrija tal-Unjoni tkun qed taġġusta.

4. L-estensjonijiet għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċeduri ta' dan ir-Regolament li japplikaw għall-investigazzjonijiet u billi jintużaw l-istess proċeduri bħal fil-każ tal-miżuri inizjali.

It-tul ta' żmien totali ta' miżura ta' salvagwardja ma jistax jaqbeż l-erba' snin, inkluża xi miżura provviżorja.

5. Miżura ta' salvagwardja ma għandhiex tiġi applikata lil hinn mill-iskadenza tal-perijodu ta' tranżizzjoni, għajr bil-kunsens tal-Korea.

Artikolu 11

Proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 14 tar-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini, il-Kummissjoni għandha timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-istatistika relevanti dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni kemm bħala valur u, skont kif xieraq, bħala kwantitajiet u għandha tikkondividi b'mod regolari din id-data mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-industriji kkonċernati tal-Unjoni u tirraportalhom dwar is-sejbiet tagħha. Il-monitoraġġ għandu jibda mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim u d-data għandha tiġi kondiviża fuq bażi ta' kull xahrejn.

Apparti l-linji tariffarji inklużi fl-Artikolu 14.1 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini, il-Kummissjoni għandha tfassal, b'kooperazzjoni mal-industrija tal-Unjoni, lista ta' linji tariffarji fundamentali li ma jkunux speċifiċi għas-settur awtomobilistiku, iżda li jkunu importanti għas-settur tal-manifattura tal-karozzi u setturi oħrajn relatati. Għandu jsir monitoraġġ speċifiku kif stipulat fl-Artikolu 14.1 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini.

2. Meta jkun hemm talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha teżamina minnufih jekk humiex sodisfatti l-kondizzjonijiet biex jiġi invokat l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini u tagħmel rapport dwar is-sejbiet tagħha fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mit-talba. Wara li jsiru l-konsultazzjoni fil-qafas tal-kumitat speċjali msemmi fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 207(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha titlob li jsiru konsultazzjonijiet mal-Korea kulmeta l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini jiġu sodisfatti. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li l-kondizzjonijiet ikunu sodisfatti, inter alia, meta jintlaħqu l-limiti msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

3. Differenza ta' 10 punti perċentwali għandha titqies "sinifikattiva" għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 2.1(a) tal-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini meta tkun ivvalutata r-rata miżjuda ta' importazzjonijiet ta' partijiet jew komponenti lejn il-Korea meta mqabbla mar-rata miżjuda ta' esportazzjonijiet mill-Korea lejn l-Unjoni ta' prodotti lesti. Żieda ta' 10 % għandha titqies bħala "sinifikattiva" għall-finijiet tal-applikazzjonijiet tal-paragrafu 2.1(b) tal-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini meta ssir valutazzjoni taż-żieda fl-esportazzjonijiet mill-Korea lejn l-Unjoni tal-prodotti lesti f'termini assoluti, jew relattivament għall-produzzjoni tal-Unjoni. Żidiet taħt dawn il-livelli jistgħu wkoll jitqiesu "sinifikattivi" fuq bażi individwali.

Artikolu 12

Kunfidenzjalità

1. It-tagħrif li jasal skont dan ir-Regolament għandu jintuża biss għall-għan li għalih ikun intalab.

2. L-ebda tagħrif ta' natura kunfidenzjali jew xi tagħrif li jintbagħat fuq bażi kunfidenzjali skont dan ir-Regolament ma għandu jiġi żvelat mingħajr il-permess speċifiku ta' min jipprovdi dan it-tagħrif.

3. Kull talba għall-kunfidenzjalità għandha tagħti r-raġunijiet għaliex it-tagħrif huwa kunfidenzjali. Madakollu, jekk min jipprovdi t-tagħrif ma jixtieqx la li jagħmlu pubbliku u lanqas li jawtorizza l-iżvelar tiegħu f'termini ġenerali jew f'għamla ta' taqsira u jekk ikun jidher li t-talba għall-kunfidenzjalità ma tkunx ġustifikata, dan it-tagħrif jista' ma jitqiesx.

4. It-tagħrif għandu f'kull każ jitqies bħala kunfidenzjali jekk l-iżvelar tiegħu x'aktarx ikollu effett negattiv sinifikanti fuq min jipprovdih jew fuq is-sors ta' dan it-tagħrif.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx jipprekludu r-referenza mill-awtoritajiet tal-Unjoni għal tagħrif ġenerali u b'mod partikolari għar-raġunijiet li fuqhom jissejsu d-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament. Dawk l-awtoritajiet għandhom, madankollu, iqisu l-interess leġittimu tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi kkonċernati li ma jiġux żvelati s-sigrieti kummerċjali tagħhom.

Artikolu 13

Rapport

1. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubbliku rapport annwali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Ir-rapport għandu jinkludi tagħrif dwar l-attivitajiet tal-korpi varji responsabbli għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-issodisfar tal-obbligi li jirriżultaw minnu, inklużi obbligi rigward xkiel għall-kummerċ.

2. Taqsimiet speċjali tar-rapport għandhom jirrigwardaw it-twettiq tal-obbligi skont il-Kapitolu 13 tal-Ftehim u l-attivitajiet tal-Grupp Konsultattiv Domestiku u l-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

3. Ir-rapport għandu wkoll jippreżenta sommarju tal-istatistika u l-evoluzzjoni tal-kummerċ mal-Korea. Fih għandhom jissemmew b'mod speċjali r-riżultati tal-monitoraġġ tar-rifużjoni tad-dazji.

4. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

5. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar minn meta l-Kummissjoni tagħmel ir-rapport pubbliku, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat responsabbli tiegħu u jispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni tal-Ftehim.

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħejuna mill-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 260/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikoli 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu.

5. Il-paragrafi 2, 3 u 4 ma jippreġudikaw bl-ebda mod l-eżerċitar mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-setgħa stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2009, p. 1.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim kif previst fl-Artikolu 15.10 tiegħu. Għandu jiġi ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jispeċifika d-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Mejju 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	GYŐRI E.

ANNESS I

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Il-Kummissjoni tilqa' l-ftehim fl-ewwel qari bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar ir-Regolament dwar is-Salvagwardja.

Kif previst fir-Regolament, il-Kummissjoni se tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea u se tkun lesta li tiddiskuti mal-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew kwalunkwe kwistjoni li tirriżulta mill-implimentazzjoni tal-Ftehim.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni lejn dan li ġej:

(a) Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-implimentazzjoni mill-Korea tal-impenji tagħha dwar kwistjonijiet regolatorji, inklużi b'mod partikolari l-impenji relatati mar-regolamenti tekniċi fis-settur tal-karozzi. Il-monitoraġġ għandu jinkludi l-aspetti kollha tal-ostakli mhux tariffarji u r-riżultati tiegħu għandhom jiġu dokumentati u rrapurtati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(b) Il-Kummissjoni se tagħti wkoll importanza partikolari lill-implimentazzjoni effettiva tal-impenji dwar ix-xogħol u l-ambjent tal-Kapitolu 13 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tfittex il-parir tal-Grupp Konsultattiv Domestiku, li se jinkludi rappreżentanti mill-organizzazjonijiet tan-negozju, l-unjons u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi. L-implimentazzjoni tal-Kapitolu 13 tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles għandu jiġi dokumentat kif xieraq u għandu jintbagħat rapport dwaru kif xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Il-Kummissjoni taqbel ukoll dwar l-importanza li tiġi provduta protezzjoni effettiva fil-każ ta' żiediet f'salt fl-importazzjonijiet f'setturi sensittivi, inklużi dak tal-karozzi żgħar. Il-monitoraġġ tas-setturi sensittivi għandu jinkludi l-karozzi, it-tessuti u t-tagħmir elettroniku għall-konsumatur. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li s-settur tal-karozzi żgħar jista' jitqies bħala suq rilevanti għall-iskop ta' investigazzjoni ta' salvagwardja.

Il-Kummissjoni tinnota li l-għażla ta' żoni tal-ipproċessar 'il barra fuq il-Peniżola Koreana, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tal-Protokoll dwar ir-Regoli ta' Oriġini, se tirrikjedi ftehim internazzjonali bejn il-Partijiet li għalih il-Parlament Ewropew ikun irid jagħti l-kunsens tiegħu. Il-Kummissjoni se żżomm lill-Parlament infurmat bis-sħiħ dwar id-deliberazzjonijiet mill-Kumitat dwar iż-Żoni tal-Ipproċessar 'il barra fuq il-Peniżola Koreana.

Finalment, il-Kummissjoni tinnota wkoll li jekk minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali tiddeċiedi li testendi t-tul tal-investigazzjoni skont l-Artikolu 5(3), hi se tiżgura li tali żmien estiż ma jaqbiżx id-data ta' skadenza ta' ebda miżura provviżorja introdotta skont l-Artikolu 7.

ANNESS II

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew jaqblu dwar l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea u r-Regolament ta' Salvagwardja. Għal dan il-għan huma jaqblu fuq dan li ġej:

— Fil-każ li l-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni għall-ftuħ ta' investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kondizzjonijiet tar-Regolament għal ftuħ *ex officio*. Fil-każ li l-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi se tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-ftuħ ta' investigazzjoni bħal din.

— Fuq talba mill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lilu dwar kwalunkwe tħassib speċifiku relatat mal-implimentazzjoni mill-Korea tal-impenji tagħha dwar miżuri mhux tariffarji jew dwar il-Kapitolu 13 (Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli) tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles.

REGOLAMENT (UE) Nru 512/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Mejju 2011

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposti mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) Mill-1971, l-Unjoni tat preferenzi kummerċjali lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, fil-qafas tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (is-SĠP) tagħha. Is-SĠP ġiet implimentata permezz ta' Regolamenti suċċessivi li japplikaw skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati ("l-iskema") b'perjodi ta' applikazzjoni li normalment ilaħħqu t-tliet snin kull darba.

(2) L-iskema attwali ġiet stabbilita permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([2]) u tapplika sal-31 ta' Diċembru 2011. Dar ir-Regolament għandu jiżgura li l-operat tal-iskema jissokta japplika wara dik id-data.

(3) Titjib ulterjuri għall-iskema għandu jkun ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni għal regolament ġdid ("ir-Regolament li jmiss") li għandu jqis kunsiderazzjonijiet rilevanti relatati mal-effikaċja tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 fil-kisba tal-għanijiet tal-iskema. Ir-Regolament li jmiss għandu jinkludi l-emendi meħtieġa biex jiżgura l-effikaċja kontinwa tal-iskema. Huwa essenzjali wkoll li l-proposta tal-Kummissjoni tqis id-data tal-istatistika kummerċjali, li saret disponibbli biss f'Lulju 2010, dwar importazzjonijiet koperti mill-iskema għall-perjodu li jinkludi l-2009, sena mmarkata minn tnaqqis sinifikanti fil-kummerċ globali inkluż dak ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw. Huwa ugwalment importanti li jiġi żgurat li l-operaturi ekonomiċi u l-pajjiżi benefiċjarji jingħataw avviż adegwat tal-bidliet li jġib miegħu r-Regolament li jmiss. Għal dawk ir-raġunijiet, il-perjodu li baqa' ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 mhuwiex biżżejjed biex jippermetti li l-Kummissjoni tfassal proposta u l-adozzjoni sussegwenti tar-Regolament li jmiss skont il-proċedura leġislattiva ordinarja. Minkejja dan, huwa preferibbli li tiġi żgurata l-kontinwità fl-operat tal-iskema lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2011 sakemm jasal il-waqt li jiġi adottat u jibda japplika r-Regolament li jmiss.

(4) Il-perjodu ta' estensjoni tar-Regolament (KE) Nru 732/2008 ma għandux ikun indefinit. Konsegwentement u biex jingħata ż-żmien meħtieġ għall-proċedura leġislattiva għall-adozzjoni tal-iskema l-ġdida, il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament għandu jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2013. Fil-każ li r-Regolament li jmiss isir applikabbli qabel dik id-data, il-perjodu ta' estensjoni għandu jitqassar b'mod korrispondenti.

(5) Huma meħtieġa xi emendi tekniċi għar-Regolament (KE) Nru 732/2008 biex tiġi żgurata koerenza u kontinwità fl-operat tal-iskema.

(6) Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li jissodisfaw il-kriterji biex ikunu eliġibbli għall-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SĠP+) għandhom ikunu jistgħu jgawdu minn preferenzi tariffarji addizzjonali taħt dak l-arranġament jekk, mat-talba tagħhom sal-31 ta' Ottubru 2011 jew it-30 ta' April 2013, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħtihom l-arranġament speċjali ta' inċentiv sal-15 ta' Diċembru 2011 jew il-15 ta' Ġunju 2013 rispettivament. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw li diġà ngħataw benefiċċji li jaqgħu taħt l-arranġament speċjali ta' inċentiv bħala riżultat tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2008/938/KE tad-9 ta' Diċembru 2008 dwar il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([3]), u 2010/318/UE tad-9 ta' Ġunju 2010 dwar il-pajjiżi benefiċjarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-perjodu ta' bejn l- 1 ta' Lulju 2010 u l- 31 ta' Diċembru 2011, kif stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([4]) għandhom iżommu dak l-istatus tul l-estensjoni tal-iskema attwali.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) It-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati mill- 1 ta' Jannar 2009 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007".

([1]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Marzu 2011 (għadha mhix pubblikata fil-Ġurmal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' April 2011.

([2]) ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

([3]) ĠU L 334, 12.12.2008, p. 90.

([4]) ĠU L 142, 10.6.2010, p. 10.

(2) Fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2), jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(c) għall-finijiet tal-Artikolu 9(1)(a)(iii) - dawk disponibbli fl-1 ta' Settembru 2010, bħala medja annwali fuq tliet snin konsekuttivi;

(d) għall-finijiet tal-Artikolu 9(1)(a)(iv) – dawk disponibbli fl-1 ta' Settembru 2012, bħala medja annwali fuq tliet snin konsekuttivi.".

(3) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a) tal-paragrafu 1, wara l-punt (ii) jiddaħħal dan li ġej:

"jew

(iii) sal-31 ta' Ottubru 2011, li jrid jingħata arranġament speċjali ta' inċentiv mill-1 ta' Jannar 2012;

jew

(iv) sat-30 ta' April 2013, li jrid jingħata l-arranġament speċjali ta' inċentiv mill-1 ta' Lulju 2013;";

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-pajjiżi mogħtija l-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba abbażi ta' talba skont il-paragrafu 1(a)(i) m'għandhomx l-obbligu li jippreżentaw talba skont il-paragrafu 1(a)(ii), 1(a)(iii) jew 1(a)(iv).";

(ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-pajjiżi mogħtija l-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba abbażi ta' talba skont il-paragrafu 1(a)(ii) m'għandhomx l-obbligu li jippreżentaw talba skont il-paragrafu 1(a)(iii), jew il-paragrafu 1(a)(iv). Il-pajjiżi mogħtija l-arranġament speċjali ta' inċentiv għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba abbażi ta' talba skont il-paragrafu 1(a)(iii) m'għandhomx l-obbligu li jippreżentaw talba skont il-paragrafu 1(a)(iv).".

(4) l-Artikolu 10(3) huwa emendat kif ġej:

(a) il-kelma "jew" tiżdied fl-aħħar tal-punt (b);

(b) jiżdiedu il-punti li ġejjin:

"(c) sal- 15 ta' Diċembru 2011 għal talba skont l-Artikolu 9(1)(a)(iii); jew

(d) sal-15 ta' Ġunju 2013 għal talba skont l-Artikolu 9(1)(a)(iv).".

(5) Fl-Artikolu 32(2), il-kliem "31 ta' Diċembru 2011" huma sostitwiti bil-kliem: "31 ta' Diċembru 2013 jew sa data stipulata mir-Regolament li jmiss, skont liema minnhom tiġi l-ewwel".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Mejju 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	GYŐRI E.

REGOLAMENT (UE) Nru 513/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Mejju 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Ir-rapport finali, ippubblikat fil-25 ta' Frar 2009, ta' grupp ta' esperti ta' livell għoli ppresedut minn Jacques de Larosière, taħt mandat tal-Kummissjoni, ikkonkluda li l-qafas superviżorju tas-settur finanzjarju fl-Unjoni Ewropea jeħtieġlu jissaħħaħ sabiex jitnaqqas ir-riskju u l-gravità ta' kriżijiet finanzjarji futuri. Huwa rrakkomanda riformi estensivi fl-istruttura superviżjorja. Il-grupp ta' esperti kkonkluda wkoll li għandha tinħoloq Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF), li tinkludi tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, waħda għas-settur bankarju, waħda għas-settur tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet tax-xogħol u rrakkomanda waħda għas-settur tat-titoli u tas-swieq, u l-ħolqien ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-4 ta' Marzu 2009, intitolata "Nixprunaw l-Irkupru Ewropew", il-Kummissjoni pproponiet li jitressaq abbozz ta' leġislazzjoni li joħloq is-SESF, u fil-Komunikazzjoni tagħha tas-27 ta' Mejju 2009, intitolata "Superviżjoni Finanzjarja Ewropea", ipprovdiet aktar dettalji rigward l-arkitettura possibbli ta' tali qafas superviżorju ġdid, b'enfasi fuq l-ispeċifiċità tas-superviżjoni tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu.

(3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill Ewropew irrakkomanda li tiġi stabbilita s-SESF, li tikkonsisti minn netwerk ta' superviżuri finanzjarji nazzjonali li jaħdmu flimkien ma' tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej ġodda. Is-SESF għandu jkollha l-għan li ttejjeb il-kwalità u l-konsistenza tas-superviżjoni nazzjonali, issaħħaħ is-superviżjoni ta' gruppi transkonfinali permezz tal-istabbiliment ta' kulleġġi superviżorji u tis-tabbilixxi ġabra Ewropea unika tar-regoli applikabbli għall-parteċipanti kollha tas-suq finanzjarju fis-suq intern. Il-Kunsill Ewropew enfasizza li awtorità Ewropea tat-titoli u s-swieq għandu jkollha setgħat superviżorji fuq l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kompetenza tagħha li tinforza t-Trattati, b'mod partikolari l-Kapitolu 1 tat-Titolu VII tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward ir-regoli komuni tal-kompetizzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet adottati għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (AETS).

(5) L-ambitu tal-kompetenza tal-AETS għandu jkun definit b'mod ċar biex il-parteċipanti fis-suq finanzjarju jkunu jistgħu jidentifikaw l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-attività tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu. L-AETS għandha tingħata kompetenza ġenerali skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) fil-kwistjonijiet relatati mar-reġistrazzjoni u s-sorveljanza kontinwa ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu rreġistrati.

(6) L-AETS għandha tkun esklużivament responsabbli għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu fl-Unjoni. Meta l-AETS tiddelega kompiti speċifiċi lill-awtoritajiet kompetenti, l-AETS għandha tkompli tkun legalment responsabbli. Il-kapijiet u persunal ieħor tal-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu involuti fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fl-AETS f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, li jaġixxu bħala membri ta' korpi tal-AETS, bħall-bord tas-superviżuri jew panels interni tagħha. L-AETS għandu jkollha s-setgħa esklużiva li tikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi. Sa fejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jipparteċipaw fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-AETS jew meta jwettqu kompiti f'isem l-AETS huma għandhom ikunu koperti minn dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni.

([1]) ĠU C 337, 14.12.2010, p. 1.
([2]) ĠU C 54, 19.2.2011, p. 37.
([3]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2010 għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' April 2011.
([4]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.
([5]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

(7) It-trasparenza tal-informazzjoni mogħtija mill-emittent ta' strument finanzjarju gradat lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu maħtura jista' jkollha ħafna valur miżjud potenzjali għall-funzjonament tas-suq u l-protezzjoni tal-investitur. Għandha għalhekk tingħata kunsiderazzjoni dwar kif l-aħjar li tiġi estiża t-trasparenza tal-informazzjoni fil-bażi tal-gradazzjonijiet tal-istrumenti finanzjarji kollha. L-ewwel, l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni lill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu oħrajn irreġistrati jew ċertifikati x'aktarx isaħħaħ il-kompetizzjoni bejn l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, għaliex dan jista' jwassal, b'mod partikolari, għal żieda fin-numru ta' gradazzjonijiet mhux mitluba. Il-ħruġ ta' tali gradazzjonijiet mhux mitluba għandu jippromwovi l-użu ta' aktar minn gradazzjoni waħda għal kull strument finanzjarju. Dan x'aktarx jgħin ukoll biex jiġu evitati xi kunflitti ta' interess li jista' jkun hemm, speċjalment fil-mudell 'l-emittent iħallas', u għandu jtejjeb il-kwalità tal-gradazzjonijiet. It-tieni, l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni lis-suq kollu jista' wkoll iżid il-kapaċità tal-investituri biex jiżviluppaw l-analiżi tar-riskji tagħhom stess billi jibbażaw id-diliġenza dovuta tagħhom fuq din l-informazzjoni addizzjonali. Dan l-iżvelar jista' jwassal ukoll biex tonqos id-dipendenza fuq il-gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu. Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi fundamentali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta dawk il-kwistjonijiet f'iktar dettall billi tagħti konsiderazzjoni ulterjuri lill-ambitu xieraq tal-obbligu ta' żvelar, wara li jiġi kkunsidrat l-impatt fuq is-swieq tat-titolizzazzjoni lokali, aktar djalogu mal-partijiet interessati, il-monitoraġġ tas-suq u l-iżviluppi regolatorji, kif ukoll l-esperjenza miksuba minn ġurisdizzjonijiet oħra. Fid-dawl ta' dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha tressaq proposti leġislattivi xierqa. Il-valutazzjoni u proposti tal-Kummissjoni għandhom jippermettu d-definizzjoni tal-obbligi ta' trasparenza ġodda bl-aktar mod xieraq biex jiġi ssodisfat l-interess pubbliku, u jkun l-aktar konsistenti mal-protezzjoni tal-investituri.

(8) Minħabba li l-gradazzjonijiet tal-kreditu jintużaw fl-Unjoni kollha, id-distinzjoni tradizzjonali bejn l-awtorità kompetenti ta' domiċilju u l-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn u l-użu ta' koordinazzjoni minn kulleġġi superviżorji mhumiex l-istruttura l-aktar adegwata għas-sorveljanza tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu. Bit-twaqqif tal-AETS, m'hemmx aktar ħtieġa li tinżamm tali struttura. Il-proċess tar-reġistrazzjoni għandu b'hekk ikun issimplifikat u l-limiti taż-żmien għandhom għaldaqstant jitnaqqsu.

(9) L-AETS għandha tkun responsabbli għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, madankollu ma għandhiex tkun responsabbli għas-sorveljanza tal-utenti tal-gradazzjonijiet tal-kreditu. L-awtoritajiet kompetenti maħturin skont il-leġislazzjoni settorjali rilevanti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, id-ditti ta' investiment, l-impriżi tal-assigurazzjoni, l-impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja, l-impriżi ta' riassigurazzjoni, l-impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), l-istituzzjonijiet għall-provvediment ta' rtirar okkupazzjonali u fondi ta' investiment alternattivi għandhom għalhekk jibqgħu responsabbli għas-superviżjoni tal-użu ta' gradazzjonijiet tal-kreditu minn dawn l-istituzzjonijiet u entitajiet finanzjarji, li jkunu taħt superviżjoni f'livell nazzjonali fil-kuntest u għall-fini tal-applikazzjoni ta' direttivi oħra dwar is-servizzi finanzjarji, u tal-użu ta' gradazzjonijiet tal-kreditu fil-prospetti.

(10) Hemm ħtieġa għal strument effettiv biex ikunu stabbiliti standards tekniċi regolatorji armonizzati li jiffaċilitaw l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 fil-prattika ta' kuljum u biex ikunu żgurati kondizzjonijiet indaqs għal kulħadd u protezzjoni adegwata tal-investituri u l-konsumaturi fl-Unjoni kollha. Bħala korp b'kompetenza esperta speċjalizzata ħafna, ikun effiċjenti u adatt li l-AETS tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji.

(11) Fil-qasam tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, l-AETS għandha tippreżenta lill-Kummissjoni, abbozz ta' standards tekniċi fir-rigward ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn aġenzija li tiggrada l-kreditu fl-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni, l-informazzjoni li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu trid tipprovdi għall-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni u għal valutazzjoni tal-importanza sistemika tagħha għall-istabbiltà finanzjarja jew l-integrità tas-swieq finanzjarji, il-preżentazzjoni tal-informazzjoni, inkluża l-istruttura, il-format, il-metodu u l-perijodu tar-rappurtar li għandhom ikunu żvelati mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni tal-kreditu mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1060/2009, u l-kontenut u l-format tar-rappurtar perjodiku tad-data ta' gradazzjoni li għandhom jiġu mitluba mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu għall-fini tas-superviżjoni li tkun għaddejja mill-AETS. B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandu jkun adottat mill-Kummissjoni biex dawn jingħataw effett legali vinkolanti. Fl-iżvilupp tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji tagħha, l-AETS għandha tikkunsidra u, jekk ikun xieraq u meħtieġ, taġġorna l-linji gwida li diġà nħarġu mill-Kumitat tar-Regolaturi tat-Titoli Ewropej rigward il-kontenut tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(12) F'oqsma mhux koperti minn standards tekniċi regolatorji, l-AETS għandu jkollha s-setgħa li toħroġ u taġġorna linji gwida mhux vinkolanti dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(13) Sabiex twettaq dmirijietha b'mod effettiv l-AETS għandu jkun jista' jirrikjedi, permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, l-informazzjoni meħtieġa mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, persuni involuti fl-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu , entitatjiet iggradati u partijiet terzi relatati, partijiet terzi li lilhom l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu esternalizzaw funzjonijiet operattivi u persuni li huma b'xi mod ieħor relatati jew konnessi mill-qrib u b'mod

sostanzjali mal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu jew l-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu. Il-grupp ta' persuni tal-aħħar għandu jkopri, pereżempju, il-persunal ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu li mhuwiex direttament involut f'attivitajiet ta' gradazzjoni, iżda li minħabba l-funzjoni tiegħu fl-aġenzija li tiggrada l-kreditu jista' jżomm informazzjoni importanti dwar każ speċifiku. Kumpaniji li jkunu pprovdew servizzi lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu jistgħu wkoll jaqgħu f'dik il-kategorija. Impriżi li jużaw il-gradazzjoni tal-kreditu m'għandhomx jaqgħu f'dik il-kategorija. Jekk l-AETS tirrikjedi informazzjoni bħal din permezz ta' talba sempliċi, id-destinatarju ma jkunx obbligat li jipprovdi l-informazzjoni, iżda, fil-każ li jagħmel dan b'mod volontarju, l-informazzjoni pprovduta ma għandhiex tkun inkorretta jew qarrieqa. Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli mingħajr dewmien.

(14) Sabiex teżerċita s-setgħat superviżorji tagħha b'mod effettiv, l-AETS għandu jkollha d-dritt li twettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fil-post.

(15) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw kwalunkwe informazzjoni mitluba skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u jgħinu u jikkooperaw mal-AETS. L-AETS u l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti settorjali responsabbli għas-superviżjoni tal-impriżi msemmijin fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. L-AETS għandha tkun tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, pereżempju fejn kompitu superviżorju jkun jeħtieġ għarfien u esperjenza fir-rigward tal-kondizzjonijiet lokali, li huma disponibbli aktar faċilment fil-livell nazzjonali. It-tip ta' kompiti li għandu jkun possibbli li jiġu ddelegati jinkludi t-twettiq ta' kompiti speċifiċi ta' investigazzjonijiet u spezzjonijiet fil-post. Qabel tiddelega l-kompiti, l-AETS għandha tikkonsulta mal-awtorità kompetenti rilevanti dwar il-kondizzjonijiet dettaljati relatati ma' tali delega tal-kompiti, inkluż l-ambitu tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat, l-iskeda biex jitwettaq il-kompitu, u t-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-AETS u għall-AETS. L-AETS għandha tikkumpensa lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq ta' kompitu ddelegat skont regolament dwar il-ħlas li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att iddelegat. L-AETS ma għandhiex tkun tista' tiddelega s-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni.

(16) Huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jitolbu li l-AETS teżamina jekk ikunux ġew issodisfatti l-kondizzjonijiet għall-irtirar tar-reġistrazzjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu u jitolbu li l-AETS tissospendi l-użu ta' gradazzjonijiet meta aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun meqjusa li tkun kisret serjament u b'mod persistenti r-Regolament (KE) Nru 1060/2009. L-AETS għandha tevalwa dawn it-talbiet u twettaq kwalunkwe miżura adattata.

(17) L-AETS għandha tkun tista' timponi ħlasijiet perjodiċi ta' penali biex iġġiegħel lill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu jwaqqfu ksur tal-liġi, biex jipprovdu informazzjoni kompluta rikjesta mill-AETS jew biex jissottomettu rwieħhom għal investigazzjoni jew spezzjoni fuq il-post.

(18) L-AETS għandha tkun ukoll tista' timponi multi fuq l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, meta tikkonstata li huma jkunu kkommettew, intenzjonalment jew b'negliġenza, ksur tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Il-multi għandhom ikunu imposti skont il-livell ta' gravità tal-ksur. Il-każijiet ta' ksur għandhom jinqasmu fi gruppi differenti u għandha tiġi allokata multa speċifika għal kull grupp. Biex tiġi kkalkolata l-multa relatata ma' ksur speċifiku, l-AETS għandha tuża metodoloġija f'żewġ fażijiet li tikkonsisti fl-iffissar ta' ammont bażiku u l-aġġustament ta' dak l-ammont bażiku, jekk ikun meħtieġ, b'ċerti koeffiċjenti. L-ammont bażiku għandu jkun stabbilit billi jitqies il-fatturat annwali tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata, u l-aġġustamenti għandhom isiru billi jiżdied jew jitnaqqas l-ammont bażiku permezz tal-applikazzjoni tal-koeffiċjenti rilevanti skont dan ir-Regolament.

(19) Dan ir-Regolament jistabbilixxi koeffiċjenti marbuta ma' ċirkustanzi aggravanti u attenwanti sabiex jingħataw l-għodod meħtieġa lill-AETS biex tiddeċiedi dwar multa li tkun proporzjonata għall-gravità ta' ksur imwettaq minn aġenzija li tiggrada l-kreditu, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi li taħthom dak il-ksur ikun ġie kommess.

(20) Qabel ma tittieħed deċiżjoni li timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, l-AETS għandha tagħti lill-persuni suġġetti għall-proċedimenti l-opportunità li jinstemgħu sabiex ikunu rispettati d-drittijiet ta' difiża tagħhom.

(21) L-Istati Membri għandhom jibqgħu kompetenti biex jistabbilixxu u jimplimentaw ir-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-obbligu fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-entitajiet oħra li jużaw biss, għal skopijiet regolatorji, gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu rreġistrati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(22) Dan ir-Regolament ma għandux joħloq preċedent għall-impożizzjoni ta' penali finanzjarji jew mhux finanzjarji mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fuq parteċipanti fis-suq finanzjarju jew impriżi oħra fir-rigward ta' tipi oħra ta' attività.

(23) L-AETS għandha żżomm lura milli timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta liberazzjoni mill-akkuża jew kundanna minn qabel li tirriżulta minn fatti identiċi, jew minn fatti li jkunu sostanzjalment l-istess tkun diġà saret *res judicata* bħala riżultat ta' proċedimenti kriminali skont il-liġi nazzjonali.

(24) Deċiżjonijiet tal-AETS li jimponu multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandhom ikunu infurzabbli u l-infurzar tagħhom għandu jiġi rregolat mir-regoli tal-proċedura ċivili li jkunu fis-seħħ fl-Istat li fit-territorju tiegħu jitwettaq l-infurzar. Regoli tal-proċeduri ċivili m'għandhomx jinkludu regoli tal-proċedura kriminali iżda għandu jkun possibbli li jinkludu regoli tal-proċedura amministrattiva.

(25) F'każ ta' ksur li jitwettaq minn aġenzija li tiggrada l-kreditu, l-AETS għandu jkollha s-setgħa li twettaq firxa ta' miżuri superviżorji, inkluż, iżda mhux limitat għal fatt, li tesiġi li aġenzija li tiggrada l-kreditu ttemm proċedura ta' ksur, tissospendi l-użu ta' gradazzjonijiet, għal finijiet regolatorji, b'mod temporanju tipprojbixxi l-aġenzija li tiggrada l-kreditu milli toħroġ gradazzjonijiet u, bħala l-aħħar miżura, li tirtira r-reġistrazzjoni meta l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun kisret b'mod serju u ripetut id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Il-miżuri superviżorji għandhom ikunu applikati mill-AETS b'kont meħud tan-natura u l-gravità tal-ksur u għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-proporzjonalità. Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni, l-AETS għandha tagħti lill-persuni suġġetti għall-proċeduri l-opportunità li jinstemgħu sabiex jiġu rrispetti d-drittijiet tad-difiża tagħhom.

(26) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali fl-Istati Membri. Għaldaqstant, ir-Regolament għandu jiġi interpretat u applikat skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji, inklużi dawk relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni fil-media, u d-dritt għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni għal dawk li ma jitkellmux jew ma jifhmux il-lingwa tal-proċedimenti bħala parti mid-dritt ġenerali għal proċess ġust.

(27) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa adatt li jkunu stabbiliti miżuri tranżizzjonali ċari għat-trażmissjoni ta' fajls u dokumenti ta' ħidma mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal għand l-AETS.

(28) Ir-reġistrazzjoni ta' aġenzija tal-gradazzjoni tal-kreditu mogħtija mill-awtorità kompetenti għandha tibqa' valida fl-Unjoni kollha wara t-tranżizzjoni tas-setgħat superviżorji mill-awtoritajiet kompetenti għall-AETS).

(29) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tispeċifika aktar jew temenda l-kriterji għall-valutazzjoni tal-ekwivalenza tal-qafas regolatorju u superviżorju ta' pajjiż terz biex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji, l-adozzjoni ta' regolament dwar l-imposti u regoli dettaljati dwar il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali, u għall-emendar tal-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti.

(30) Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti ta' delega, għandha tiżgura trażmissjoni bikrija u kontinwa tal-informazzjoni u tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(31) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandu jkollhom tliet xhur mid-data tan-notifika biex joġġezzjonaw għal att iddelegat. Fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew il-Kunsill, għandu jkun possibbli li jittawwal il-perjodu bi tliet xhur fir-rigward ta' oqsma sinifikanti ta' tħassib. Għandu jkun possibbli wkoll għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jinfurmaw lill-istituzzjonijiet l-oħrajn bl-intenzjoni tagħhom li ma jqajmux oġġezzjonijiet. Approvazzjoni bikrija bħal din ta' atti ddelegati hija partikolarment xierqa meta l-iskadenzi jkunu jridu jintlaħqu, pereżempju fejn hemm skedi fl-att bażiku biex il-Kummissjoni tadotta atti ddelegati.

(32) Fid-Dikjarazzjoni dwar l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, annessa mal-Att Finali tal-Konferenza Intergovernattiva li adottat it-Trattat ta' Lisbona, il-Konferenza ħadet nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tikkonsulta l-esperti maħtura mill-Istati Membri fit-tħejjija tal-abbozz ta' atti ddelegati fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, f'konformità mal-prattika stabbilita tagħha.

(33) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data [1] tapplika għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(34) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [2] huwa applikabbli b'mod sħiħ għall-ipproċessar ta' data personali għall-iskopijiet tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

---
(1) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
(2) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(35) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas superviżorju effiċjenti u effettiv għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, billi awtorità superviżorja waħda tingħata r-responsabilità għas-superviżjoni tal-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu fl-Unjoni, sabiex jiġi pprovdut punt uniku ta' kuntatt għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu u tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti fil-livell tal-Istati Membri u għalhekk, bl-istruttura pan-Ewropea u l-impatt tal-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu li għandhom ikunu taħt superviżjoni, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(36) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 għandu jkun emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi

Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 huwa b'dan emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(1) għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(p) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet maħturin minn kull Stat Membru għall-fini ta' dan ir-Regolament kif previst fl-Artikolu 22;

(q) 'leġislazzjoni settorjali' tfisser l-atti legali tal-Unjoni msemmijin fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1);

(r) 'awtoritajiet kompetenti settorjali' tfisser l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali maħturin skont il-lezzjoni settorjali rilevanti għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, kumpaniji tal-investiment, impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tar-riassigurazzjoni, impriżi għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), istituzzjonijiet għall-provvediment ta' rtirar okkupazzjonali u fondi ta' investiment alternattivi.".

(2) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Istituzzjonijiet tal-kreditu kif definiti fid-Direttiva 2006/48/KE, ditti ta' investiment kif definiti fid-Direttiva 2004/39/KE, impriżi tal-assigurazzjoni soġġetti għall-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE tal-24 ta' Lulju 1973 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja (*), impriżi tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja kif definiti fid-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (**), impriżi ta' riassigurazzjoni kif definiti fid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar ir-riassigurazzjoni (***), il-UCITS kif definiti fid-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinament ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (****), istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali kif definiti fid-Direttiva 2003/41/KE u fondi ta' investiment alternattivi jistgħu jużaw il-gradazzjonijiet tal-kreditu għal finijiet regolatorji biss jekk dawn jinħarġu minn aġenziji li jiggradaw il-kreditu stabbiliti fl-Unjoni u rreġistrati skont dan ir-Regolament.

(*) ĠU L 228, 16.8.1973, p. 3.
(**) ĠU L 345, 19.12.2002, p. 1.
(***) ĠU L 323, 9.12.2005, p. 1.
(****) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.";

(b) Il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(i) Il-punti (b), (c) u (d) għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) l-aġenzija li tiggrada l-kreditu vverifikat u tista' turi fuq bażi kontinwa lill-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) (AETS), li t-twettiq tal-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu mill-aġenzija li tiggrada l-kreditu ta' pajjiż terz li jirriżultaw fil-ħruġ ta' gradazzjoni tal-kreditu li għandu jiġi approvat, jissodisfa r-rekwiżiti li huma stretti tal-inqas daqs ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 12;

(c) il-kapaċità tal-AETS li tevalwa u timmonitorja l-konformità tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita fil-pajjiż terz mar-rekwiżiti msemmija fil-punt (b) mhijiex limitata;

(d) l-aġenzija li tiggrada l-kreditu meta tintalab, tagħmel disponibbli lill-AETS l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex l-AETS tkun tista' tissorvelja fuq bażi kontinwa l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(*) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.";

(ii) Il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(h) hemm arranġament adatt ta' kooperazzjoni bejn l-AETS u l-awtorità superviżorja rilevanti tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita f'pajjiż terz. L-AETS għandha tiżgura li tali arranġament ta' kooperazzjoni għandu tal-inqas jispeċifika:

(i) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-awtorità superviżorja rilevanti tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu stabbilita f'pajjiż terz; u

(ii) il-proċeduri li jirrigwardaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji sabiex l-AETS tkun tista' timmonitorja l-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu li jirriżultaw fil-ħruġ ta' gradazzjoni tal-kreditu approvata fuq bażi kontinwa.".

(3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu msemmija fil-paragrafu 1 tista' tapplika għal ċertifikazzjoni. L-applikazzjoni għandha titressaq lill-AETS skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 15.";

(b) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-AETS għandha teżamina u tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għal ċertifikazzjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 16. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu msemmija fil-paragrafu 1 tista' tapplika wkoll biex tkun eżentata:

(a) fuq bażi ta' każ b'każ milli tikkonforma ma' xi wħud mir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness I u l-Artikolu 7(4) jew milli tikkonforma magħhom kollha jekk l-aġenzija li tiggrada l-kreditu hija kapaċi turi li r-rekwiżiti mhumiex proporzjonati minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tagħha, u n-natura u l-firxa tal-ħruġ minnha ta' gradazzjonijiet tal-kreditu;

(b) mir-rekwiżit tal-preżenza fiżika fl-Unjoni fejn rekwiżit bħal dan ikun ta' piż żejjed u mhux proporzjonat minħabba n-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tagħha, u n-natura u l-firxa tal-ħruġ minnha ta' gradazzjonijiet tal-kreditu.

Applikazzjoni għal eżenzjoni taħt il-punt (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun sottomessa mill-aġenzija li tiggrada l-kreditu flimkien mal-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni. Meta tkun qed tevalwa applikazzjoni bħal din, l-AETS għandha tqis id-daqs tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li titqies in-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tagħha, u n-natura u l-firxa tal-ħruġ ta' gradazzjonijiet tal-kreditu minnha, kif ukoll tal-impatt ta' gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-aġenzija li tiggrada l-kreditu għall-istabbiltà u l-integrità finanzjarja tas-swieq finanzjarji ta' Stat Membru wieħed jew aktar. Abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, L-AETS tista' tagħti tali eżenzjoni lil aġenzija li tiggrada l-kreditu msemmija fil-paragrafu 1.";

(d) il-paragrafu 5 għandu jitħassar;

(e) fil-paragrafu 6, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi dwar is-swieq finanzjarji, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 38a, u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 38b u 38c, tadotta miżuri sabiex jiġu speċifikati aktar jew emendati l-kriterji stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.";

(f) il-paragrafi 7 u 8 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"7. L-AETS għandha tistabbilixxi ftehimiet ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji rilevanti ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali u superviżorji tagħhom ikunu tqiesu ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 6. Tali arranġamenti għandhom jispeċifikaw tal-inqas:

(a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-AETS u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti tal-pajjiżi terzi kkonċernati; u

(b) il-proċeduri li jirrigwardaw il-koordinazzjoni ta' attivitajiet superviżorji.

8. L-Artikoli 20 u 24 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu u għall-gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minnhom.".

(4) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"3. Fuq talba ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu, l-AETS tista' teżenta aġenzija li tiggrada l-kreditu milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punti 2, 5 u 6 tat-Taqsima A tal-Anness I u l-Artikolu 7(4) jekk l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun kapaċi turi li dawk ir-rekwiżiti mhumiex proporzjonati fid-dawl tan-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tagħha, u n-natura u l-firxa tal-ħruġ ta' gradazzjonijiet tal-kreditu u li:";

(b) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fil-każ ta' grupp ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu, l-AETS għandha tiżgura li tal-inqas waħda mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu fil-grupp ma tkunx eżentata milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-punti 2, 5 u 6 tat-Taqsima A tal-Anness I u l-Artikolu 7(4).";

(5) l-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

Outsourcing

Ma jistax isir outsourcing ta' funzjonijiet operattivi importanti b'tali mod li ssir ħsara materjali lill-kwalità tal-kontroll intern tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu u l-ħila tal-AETS li tissorvelja l-konformità tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu mal-obbligi skont dan ir-Regolament.";

(6) fl-Artikolu 10, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Aġenzija li tiggrada l-kreditu ma għandhiex tuża l-isem tal-AETS jew kwalunkwe awtorità kompetenti b'tali mod li jkun indikat jew issuġġerit endorsjar jew approvazzjoni, minn l-AETS jew kwalunkwe awtorità kompetenti, tal-gradazzjonijiet tal-kreditu jew kwalunkwe attività ta' gradazzjoni tal-kreditu tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu.";

(7) fl-Artikolu 11, il-paragrafi 2 u 3 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tagħmel disponibbli f'maħżen ċentrali stabbilit mill-AETS informazzjoni dwar id-data tal-prestazzjoni storika tagħha, inkluża l-frekwenza tat-tranżizzjoni tal-gradazzjonijiet u informazzjoni dwar gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa fil-passat u dwar il-bidliet fihom. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tipprovdi informazzjoni lil dak il-maħżen fuq formola standard kif provduta mill-AETS. L-AETS għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u għandha tippubblika informazzjoni fil-qosor dwar l-iżviluppi ewlenin osservati fuq bażi annwali.

3. Kull sena, aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tipprovdi lill-AETS, sal-31 ta' Marzu, bl-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fil-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I.";

(8) l-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun effettiva għat-territorju kollu tal-Unjoni ladarba d-deċiżjoni li tiġi rreġistrata aġenzija li tiggrada l-kreditu adottata mill-AETS kif imsemmi fl-Artikolu 16(3) jew l-Artikolu 17(3) tkun ġiet adottata.";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tinnotifika, mingħajr dewmien żejjed, lill-AETS dwar kwalunkwe bidla materjali fil-kondizzjonijiet tar-reġistrazzjoni inizjali, inkluż kwalunkwe ftuħ jew għeluq ta' fergħat fl-Unjoni.";

(c) il-paragrafi 4 u 5 għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 16 u 17, l-AETS għandha tirreġistra l-aġenzija li tiggrada l-kreditu, jekk hija tikkonkludi mill-eżami tal-applikazzjoni li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikkonforma mal-kondizzjonijiet għall-ħruġ ta' gradazzjonijiet tal-kreditu stabbiliti f'dan ir-Regolament, filwaqt li tqis l-Artikoli 4 u 6.

5. L-AETS ma għandhiex timponi rekwiżiti rigward ir-reġistrazzjoni, li mhumiex previsti f'dan ir-Regolament.";

(9) l-Artikoli 15 sa 21 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 15*

Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni

1. Aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tissottometti applikazzjoni għar-reġistrazzjoni lill-AETS. L-applikazzjoni għandu jkun fiha informazzjoni dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

2. Meta grupp ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu japplika għar-reġistrazzjoni, il-membri tal-grupp għandhom jagħtu s-setgħa lil wieħed minnhom biex jibgħat l-applikazzjonijiet kollha lill-AETS f'isem il-grupp. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu maħtura għandha tipprovdi l-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet stabbiliti fl-Anness II għal kull membru tal-grupp.

3. Aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tippreżenta l-applikazzjoni tagħha bi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (*) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal kwalunkwe komunikazzjoni oħra bejn l-AETS u l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu u l-persunal tagħhom.

4. Fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tasal l-applikazzjoni, l-AETS għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-AETS għandha tistabbilixxi data ta' skadenza sa meta l-aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tipprovdi informazzjoni addizzjonali.

Wara li tevalwa applikazzjoni bħala kompluta, l-AETS għandha tinnotifika lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu kif adatt.

Artikolu 16

Evalwazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu mill-AETS

1. L-AETS għandha fi żmien 45 jum ta' xogħol min-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(4) teżamina l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu abbażi tal-konformità tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-AETS tista' testendi l-perijodu tal-eżami bi 15-il jum ta' xogħol, b'mod partikolari jekk l-aġenzija li tiggrada l-kreditu:

(a) tipprevedi l-approvazzjoni tal-gradazzjonijiet tal-kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 4(3);

(b) tipprevedi l-użu tal-outsourcing; jew

(c) titlob l-eżenzjoni mill-konformità skont l-Artikolu 6(3).

3. Fi żmien 45 jum ta' xogħol min-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(4), jew fi żmien 60 jum ta' xogħol minnha meta jkun japplika l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-AETS għandha tadotta deċiżjoni motivata b'mod sħiħ li taċċetta jew tiċħad ir-reġistrazzjoni.

4. Id-deċiżjoni adottata mill-AETS skont il-paragrafu 3 għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum ta' xogħol wara l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 17

Evalwazzjoni tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu mill-AETS

1. L-AETS għandha fi żmien 55 jum ta' xogħol min-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(4) teżamina l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' grupp ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu abbażi tal-konformità ta' dawk l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-AETS tista' testendi l-perijodu tal-eżami bi 15-il jum ta' xogħol, b'mod partikolari jekk kwalunkwe waħda mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu fil-grupp:

(a) tipprevedi l-approvazzjoni tal-gradazzjonijiet tal-kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 4(3);

(b) tipprevedi l-użu tal-outsourcing; jew

(c) titlob l-eżenzjoni mill-konformità skont l-Artikolu 6(3).

3. Fi żmien 55 jum ta' xogħol min-notifika msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(4), jew fi żmien 70 jum ta' xogħol minnha meta jkun japplika l-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-AETS għandha tadotta deċiżjoni motivata b'mod sħiħ li taċċetta jew tiċħad ir-reġistrazzjoni għal kull aġenzija li tiggrada l-kreditu fil-grupp.

4. Id-deċiżjoni adottata mill-AETS skont il-paragrafu 3 għandha tidħol fis-seħħ fil-ħames jum ta' xogħol wara l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 18

Notifika ta' deċiżjoni tar-reġistrazzjoni, ċaħda jew irtirar tar-reġistrazzjoni, u pubblikazzjoni tal-lista ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu rreġistrati

1. Fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikoli 16, 17 jew 20, l-AETS għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata. Meta l-ASE(AETS) tirrifjuta li tirreġistra l-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew tirtira r-reġistrazzjoni tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu, hija għandha tagħti r-raġunijiet fid-deċiżjoni tagħha.

2. L-AETS għandha tikkomunika lill-Kummissjoni, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**) (ABE), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) (AEAPX), lill-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet settorjali kompetenti, kwalunkwe deċiżjoni adottata taħt l-Artikolu 16, 17 jew 20.

3. L-AETS għandha tippubblika fuq il-websajt tagħha lista ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament. Dik il-lista għandha tiġi aġġornata fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni taħt l-Artikolu 16, 17 jew 20. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik il-lista aġġornata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fi żmien 30 ġurnata minn tali aġġornament.

Artikolu 19

Drittijiet għar-reġistrazzjoni u għas-superviżjoni

1. L-AETS għandha timponi imposti fuq l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-regolament dwar l-imposti msemmi fil-paragrafu 2. Dawk l-imposti għandhom ikopru għalkollox l-infiq tal-AETS meħtieġ għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu u għar-rimborż ta' kwalunkwe spiża li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jġarrbu fit-twettiq ta' ħidma skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kwalunkwe delega tal-kompiti f'konformità mal-Artikolu 30.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regolament dwar l-imposti. Dak ir-regolament għandu jiddetermina b'mod partikolari t-tip ta' imposti u l-kwistjonijiet li għalihom ikunu dovuti l-imposti, l-ammont tal-imposti, il-mod li bih dawn għandhom jitħallsu u l-mod li bih l-AETS għandha tirrimborża lill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe spiża li huma jistgħu jġarrbu fit-twettiq ta' ħidma skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari bħala riżultat ta' kwalunkwe delega tal-kompiti f'konformità mal-Artikolu 30.

L-ammont ta' imposta imponuta fuq aġenzija li tiggrada l-kreditu għandu jkopri l-ispejjeż amministrattivi kollha u jkun proporzjonat għall-introjtu tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata.

Il-Kummissjoni għandha tadotta r-regolament dwar l-imposti msemmi fl-ewwel subparagrafu permezz ta' att iddelegat f'konformità mal-Artikolu 38a u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 38b u 38c.

Artikolu 20

L-irtirar tar-reġistrazzjoni

1. Bla ħsara għall-Artikolu 24, l-AETS għandha tirtira r-reġistrazzjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu meta l-aġenzija li tiggrada l-kreditu:

(a) espressament tirrinunzja r-reġistrazzjoni jew ma tipprovdi l-ebda gradazzjoni tal-kreditu għas-sitt xhur ta' qabel;

(b) tkun kisbet ir-reġistrazzjoni billi għamlet dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz irregolari ieħor; jew

(c) ma tkunx għadha tissodisfa l-kondizzjonijiet li skonthom kienet irreġistrata.

2. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li fih jintużaw il-gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata u li tikkunsidra li waħda mill-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ġiet issodisfata, tista' titlob li l-AETS teżamina jekk il-kondizzjonijiet għall-irtirar tar-reġistrazzjoni tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata humiex issodisfati. Jekk l-AETS tiddeċiedi li ma tirtirax ir-reġistrazzjoni tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu konċernata, għandha tipprovdi r-raġunijiet sħaħ.

3. Id-deċiżjoni dwar l-irtirar tar-reġistrazzjoni għandha tidħol fis-seħħ minnufih fl-Unjoni kollha, soġġett għall-perijodu tranżitorju għall-użu ta' gradazzjonijiet tal-kreditu msemmija fl-Artikolu 24(4).

KAPITOLU II

SUPERVIŻJONI MILL-AETS

Artikolu 21

AETS

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25a, l-AETS għandha tiżgura li dan ir-Regolament jiġi applikat.

2. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-AETS għandha toħroġ u taġġorna l-linji gwida dwar il-kooperazzjoni bejn l-AETS, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet kompetenti settorjali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għal dawk tal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti, inklużi l-proċeduri u l-kondizzjonijiet dettaljati relatati mad-delega tal-kompiti.

3. B'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-AETS għandha, b'kooperazzjoni mal-ABE u mal-AEAPX, toħroġ u taġġorna linji gwida dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' approvazzjoni skont l-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament sas-7 ta' Ġunju 2011.

4. Sat-2 ta' Jannar 2012, l-AETS għandha tippreżenta abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għall-approvazzjoni mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 dwar:

(a) l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn aġenzija li tiggrada l-kreditu fl-applikazzjoni tagħha kif imniżżel fl-Anness II;

(b) informazzjoni li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tipprovdi għall-applikazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni u għall-valutazzjoni tal-importanza sistemika tagħha għall-istabbiltà u l-integrità finanzjarja tas-swieq finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5;

(c) il-preżentazzjoni tal-informazzjoni, inkluża l-istruttura, il-format, il-metodu u l-perijodu tar-rappurtar, li l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu għandhom jiżvelaw skont l-Artikolu 11(2) u l-punt 1 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I;

(d) il-valutazzjoni tal-konformità tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni tal-kreditu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(3);

(e) il-kontenut u l-format tar-rappurtar perjodiku tad-data ta' gradazzjoni li l-AETS għandha titlob mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu għall-fini tas-superviżjoni li tkun għaddejja.

5. L-AETS għandha tippubblika, kull sena u għall-ewwel darba sal-1 ta' Jannar 2012, rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jkun fih, b'mod partikolari, valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Anness I mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament.

6. L-AETS għandha tippreżenta kull sena lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport dwar miżuri superviżorji meħuda u penali imposti mill-AETS, inklużi multi u ħlasijiet perjodiċi ta' penali.

7. L-AETS għandha tikkoopera mal-ABE u mal-AEAPX biex twettaq il-kompiti tagħha u għandha tikkonsulta lill-ABE u mal-AEAPX qabel toħroġ u taġġorna linji gwida u tippreżenta abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4.

(*) ĠU 17, 6.10.1958, p. 385/58.
(**) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
(***) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.";

(10) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 22a

Eżami tal-konformità tal-obbligu tal-back-testing

1. Fl-eżerċizzju ta' superviżjoni kontinwa tagħha ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament, l-AETS għandha teżamina regolarment il-konformità mal-Artikolu 8(3).

2. Bla ħsara għall-Artikolu 23, l-AETS għandha wkoll, fil-qafas tal-eżami msemmi fil-paragrafu 1:

(a) tivverifika l-eżekuzzjoni tal-back-testing mill-aġenziji li jiggradaw il-kreditu;

(b) tanalizza r-riżultati ta' dak il-back-testing; u

(c) tivverifika li l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu jkollhom proċessi stabbiliti biex iqisu r-riżultati tal-back-testing fil-metodoloġiji tagħhom ta' gradazzjoni.".

(11) L-Artikoli 23 sa 27 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 23

Nuqqas ta' interferenza mal-kontenut tal-gradazzjonijiet jew il-metodoloġiji

Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom taħt dan ir-Regolament, l-AETS, il-Kummissjoni jew kwalunkwe awtorità pubblika ta' Stat Membru ma għandhomx jinterferixxu mal-kontenut ta' gradazzjonijiet tal-kreditu jew ta' metodoloġiji.

Artikolu 23a

Eżerċizzju tas-setgħat imsemmijin fl-Artikoli 23b sa 23d

Il-poteri konferiti fuq l-AETS jew xi uffiċjali tal-AETS jew persuna oħra awtorizzata mill-AETS taħt l-Artikoli 23b sa 23d ma għandhomx jintużaw biex jesiġu l-iżvelar ta' informazzjoni jew dokumenti li huma suġġetti għall-privileġġ legali.

Artikolu 23b

Talbiet għal informazzjoni

1. L-AETS tista', permezz ta' talba sempliċi jew ta' deċiżjoni, teħtieġ li l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, persuni involuti fl-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu, entitatjiet gradati u partijiet terzi relatati, partijiet terzi li lilhom l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu esternalizzaw funzjonijiet jew attivitajiet operattivi u persuni li huma b'xi mod ieħor relatati jew konnessi mill-qrib u b'mod sostanzjali mal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu jew l-attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu jipprovdu l-informazzjoni kollha li hija meħtieġa biex twettaq id-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament.

2. Meta tibgħat talba sempliċi għal informazzjoni skont il-paragrafu 1, l-AETS għandha:

(a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali tat-talba;

(b) tiddikjara l-fini tat-talba;

(c) tispeċifika x'informazzjoni hija mitluba;

(d) tistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni;

(e) tinforma lill-persuna li tkun intalbet din l-informazzjoni li hi mhix obbligata tipprovdi l-informazzjoni, iżda li kwalunkwe tweġiba għat-talba għall-informazzjoni ma għandhiex tkun skorretta jew li tiżgwida;

(f) tindika l-multa prevista fl-Artikolu 36a, flimkien mal-punt 7 tat-Taqsima II tal-Anness III, meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru ma jkunux korretti jew ikunu jiżgwidaw.

3. Meta tirrikjedi li tingħatalha informazzjoni skont il-paragrafu 1 b'deċiżjoni, l-AETS għandha:

(a) tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali għat-talba;

(b) tiddikjara l-fini tat-talba;

(c) tispeċifika x'informazzjoni hija mitluba;

(d) tistabbilixxi l-limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni;

(e) tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 36b meta l-produzzjoni tal-informazzjoni mitluba ma tkunx kompluta;

(f) tindika l-multa prevista fl-Artikolu 36a, flimkien mal-punt 7 tat-Taqsima II tal-Anness III, meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru ma jkunux korretti jew ikunu jiżgwidaw; u

(g) tindika d-dritt għal appell tad-deċiżjoni quddiem il-Bord tal-Appell għar-rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. Il-persuni msemmija fil-paragrafu 1 jew ir-rappreżentanti tagħhom u, fil-każ ta' persuni legali jew assoċjazzjonijiet li ma għandhomx personalità legali, il-persuni awtorizzati biex jirrappreżentawhom bil-liġi jew mill-kostituzzjoni tagħhom, għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba. Avukati debitament awtorizzati li jaġixxu, jistgħu jipprovdu l-informazzjoni f'isem il-klijenti tagħhom. Dawn tal-aħħar għandhom jibqgħu kompletament responsabbli jekk l-informazzjoni mogħtija ma tkunx kompluta, ma tkunx korretta jew tkun tiżgwida.

5. L-AETS għandha tibgħat, mingħajr dewmien, kopja tat-talba sempliċi jew tad-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih ikunu domiċiljati jew stabbiliti l-persuni msemmija fil-paragrafu 1 li huma kkonċernati mit-talba għal informazzjoni.

Artikolu 23c

Investigazzjonijiet ġenerali

1. Sabiex twettaq dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-AETS tista' twettaq l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa ta' persuni msemmijin fl-Artikolu 23b(1). Għal dak il-għan, l-uffiċjali tal-AETS u persuni oħrajn awtorizzati minnha għandu jkollhom is-setgħa li:

(a) jeżaminaw kwalunkwe rekord, data, proċedura u kwalunkwe materjal ieħor rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom irrispettivament mill-mezz li jkunu miżmumin fih;

(b) jieħdu jew jakkwistaw kopji ċċertifikati ta' jew estratti minn tali rekords, data, proċeduri u materjal ieħor;

(c) isejħu u jitolbu lil kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 23b(1) jew rappreżentanti jew membri tal-persunal tagħhom għal spjegazzjonijiet orali jew bil-miktub dwar fatti jew dokumenti relatati mas-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u biex jinżamm rekord tat-tweġibiet;

(d) jintervistaw kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra li taqbel li tiġi intervistata bil-fini li tinġabar informazzjoni relatata mas-suġġett tal-investigazzjoni;

(e) jitolbu rekords tat-telefon u tat-traffiku tad-data.

2. L-uffiċjali tal-AETS jew persuni oħra awtorizzati minnha għall-fini ta' dawn l-investigazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom meta jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tindika wkoll il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 36b meta l-produzzjoni tar-rekords, data, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ, jew it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmijin fl-Artikolu 23b(1) ma jiġux ipprovduti jew ma jkunux kompluti, u l-multi previsti fl-Artikolu 36a, flimkien mal-punt 8 tat-Taqsima II tal-Anness III, meta t-tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru lill-persuni msemmijin fl-Artikolu 23b(1) ma jkunux korretti jew ikunu jiżgwidaw.

3. Il-persuni msemmijin fl-Artikolu 23b(1) għandhom jissottomettu ruħhom għal investigazzjonijiet imnedija abbażi ta' deċiżjoni tal-AETS. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 36b, ir-rimedji legali disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 kif ukoll id-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

4. Fi żmien adatt qabel l-investigazzjoni, l-AETS għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li fih għandha ssir l-investigazzjoni, bl-investigazzjoni u l-identità tal-persuni awtorizzati. Uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, fuq talba tal-AETS, jgħinu lil dawk il-persuni awtorizzati fit-twettiq ta' dmirijiethom. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu wkoll jattendu l-investigazzjonijiet jekk jitolbu li jagħmlu dan.

5. Jekk talba għal rekords tat-traffiku tat-telefon jew tad-data msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, għandha ssir applikazzjoni għal tali awtorizzazzjoni. Tista' wkoll issir applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni bħala miżura prekawzjonarja.

6. Meta tkun saret applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 5, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali għandha tivverifika li d-deċiżjoni tal-AETS tkun awtentika u li l-miżuri koersivi previsti la jkunu arbitrarji u lanqas eċċessivi wara li jkun tqies is-suġġett tal-investigazzjonijiet. Meta tivverifika l-proporzjonalità tal-miżuri koersivi, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-AETS għal spjegazzjonijiet dettaljati, b'mod partikolari dwar ir-raġunijiet li jkollha l-AETS biex tissuspetta li jkun sar ksur ta' dan ir-Regolament u l-gravità tal-ksur issuspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna li tkun soġġetta għall-miżuri koersivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali m'għandhiex tirrevedi l-ħtieġa għal investigazzjoni jew talba li għandha tiġi pprovduta bl-informazzjoni fuq il-fajl tal-AETS. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-AETS għandha tkun suġġetta għal rieżami biss mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea skont il-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 23d

Spezzjonijiet fil-post

1. Biex twettaq id-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament, l-AETS tista' twettaq l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fil-post fil-bini tan-negozju tal-persuni ġuridiċi msemmijin fl-Artikolu 23b(1). Meta t-twettiq u l-effiċjenza adatti tal-ispezzjonijiet ikunu jeħtieġu hekk, l-AETS tista' twettaq spezzjonijiet fil-post b'notifika minn qabel.

2. Biex l-uffiċjali tal-AETS u persuni oħrajn awtorizzati minnha jwettqu spezzjonijiet fil-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini ta' negozju u art tal-persuni ġuridiċi soġġetti għal investigazzjoni mal-preżentazzjoni ta' deċiżjoni adottata mill-AETS u għandu jkollhom is-setgħat kollha stipulati fl-Artikolu 23c(1). Huma għandu jkollhom ukoll is-setgħa li jissiġillaw kwalunkwe bini u kotba jew reġistri ta' negozju għall-perijodu u sal-limitu meħtieġa għall-ispezzjoni.

3. Biex l-uffiċjali tal-AETS u persuni oħrajn awtorizzati minnha jwettqu spezzjonijiet fil-post għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom billi jipproduċu awtorizzazzjoni bil-miktub li tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-ispezzjoni u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 36b meta l-persuni kkonċernati ma jissottomettux irwieħhom għall-ispezzjoni. Fi żmien adattat qabel l-ispezzjoni, l-AETS għandha tagħti avviż tal-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun ser titwettaq l-ispezzjoni.

4. Il-persuni msemmijin fl-Artikolu 23b(1) għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fil-post ordnati b'deċiżjoni tal-AETS. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, tispeċifika d-data meta għandha tibda u tindika l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali previsti fl-Artikolu 36b, ir-rimedji legali disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 kif ukoll id-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-AETS għandha tieħu tali deċiżjonijiet wara li tikkonsulta mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih għandha titwettaq l-ispezzjoni.

5. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih għandha titwettaq l-ispezzjoni, kif ukoll dawk awtorizzati jew maħtura minnha, għandhom fuq talba tal-AETS, jgħinu attivament lill-uffiċjali tal-AETS u persuni oħra awtorizzati minnha. Għal dan il-għan, huma għandhom igawdu s-setgħat stabbiliti fil-paragrafu 2. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fil-post jekk jitolbu li jagħmlu dan.

6. L-AETS tista' tesiġi wkoll li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jwettqu kompiti investigattivi speċifiċi u spezzjonijiet fil-post kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 23c(1) f'isimha. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom igawdu l-istess setgħat tal-AETS kif stabbilit f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 23c(1).

7. Meta l-uffiċjali tal-AETS u persuni oħrajn li jakkumpanjawhom awtorizzati minnha jsibu li persuna topponi xi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħtihom l-għajnuna neċessarja, u titlob fejn adatt l-għajnuna tal-pulizija jew ta' awtorità ta' infurzar oħra ekwivalenti, sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-ispezzjoni tagħhom fil-post.

8. Jekk l-ispezzjoni fil-post prevista fil-paragrafu 1 jew jekk l-għajnuna prevista fil-paragrafu 7 tkun teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja skont ir-regoli nazzjonali, din l-awtorizzazzjoni għandha ssir applikazzjoni għaliha. Tista' wkoll issir applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni bħala miżura prekawzjonarja.

9. Meta l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 8 tkun saret applikazzjoni għaliha, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali għandha tikkontrolla li d-deċiżjoni tal-AETS tkun awtentika u li l-miżuri koersivi previsti la jkunu arbitrarji u l-inqas eċċessivi wara li jkun tqies is-suġġett tal-ispezzjoni. Meta tikkontrolla l-proporzjonalità tal-miżuri koersivi, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali tista' titlob lill-AETS għal spjegazzjonijiet iddettaljati, b'mod partikolari relatati mar-raġunijiet li jkollha l-AETS biex tissuspetta li jkun sar ksur ta' dan ir-Regolament, u l-gravità tal-ksur issuspettat u n-natura tal-involviment tal-persuna soġġetta għall-miżuri koersivi. Madankollu, l-awtorità ġudizzjarja nazzjonali ma għandhiex tirrevedi n-neċessità tal-ispezzjoni u lanqas titlob li tiġi provduta bl-informazzjoni fil-fajl tal-AETS. Il-legalità tad-deċiżjoni tal-AETS għandha tkun soġġetta għal rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss skont il-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 23e

Regoli proċedurali biex jittieħdu miżuri superviżorji u jiġu imposti l-multi

1. Meta, fit-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament, l-AETS issib li hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu tip wieħed jew aktar ta' ksur elenkat fl-Anness III, l-AETS għandha taħtar uffiċjal indipendenti tal-investigazzjoni fl-AETS biex jinvestiga l-kwistjoni. L-uffiċjal tal-investigazzjoni ma għandux ikun involut fis-superviżjoni diretta tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu u għandu jwettaq il-funzjonijiet tiegħu indipendentement mill-Bord tas-Superviżuri tal-AETS.

2. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinvestiga l-ksur allegat, filwaqt li jqis kwalunkwe kumment ippreżentat mill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u għandu jippreżenta fajl komplet bis-sejbiet tiegħu lill-Bord tas-Superviżuri tal-AETS.

Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal tal-investigazzjoni jista' jeżerċita s-setgħa li jirrkjedi informazzjoni skont l-Artikolu 23b u jwettaq investigazzjonijiet u spezzjonijiet fil-post skont l-Artikoli 23c u 23d. Meta juża dawn is-setgħat, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jikkonforma mal-Artikolu 23a.

Meta jwettaq il-kompiti tiegħu, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jkollu aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha miġburin mill-AETS fl-attivitajiet superviżorji tagħha.

3. Meta jikkompleta l-investigazzjoni tiegħu u qabel jippreżenta l-fajl bil-konklużjonijiet tiegħu lill-Bord tas-Superviżuri tal-AETS, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jagħti lill-persuni li jkunu soġġetti għall-investigazzjoni l-opportunità li jinstemgħu dwar il-kwistjonijiet li jkunu qed jiġu investigati. L-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu biss fuq fatti li l-persuni soġġetti għall-investigazzjoni kellhom l-opportunità jikkummentaw dwarhom.

Matul l-investigazzjonijiet taħt dan l-Artikolu, id-drittijiet tad-difiża tal-persuni kkonċernati għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ.

4. Meta jippreżenta l-fajl bil-konklużjonijiet tiegħu lill-Bord tas-Superviżuri tal-AETS, l-uffiċjal tal-investigazzjoni għandu jinnotifika dak il-fatt lill-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet. Il-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet għandhom ikunu intitolati li jkollhom aċċess għall-fajl, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl m'għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali li taffettwa lil partijiet terzi.

5. Abbażi tal-fajl li jkun fih il-konklużjonijiet tal-uffiċjal tal-investigazzjoni u, meta jintalab mill-persuni kkonċernati, wara li jkun sema' lill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni skont l-Artikolu 25 u 36c, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jiddeċiedi jekk wieħed jew aktar mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III jkunx twettaq mill-persuni li kienu soġġetti għall-investigazzjonijiet, u f'każ bħal dan, għandu jieħu miżura superviżorja skont l-Artikolu 24 u jimponi multa skont l-Artikolu 36a.

6. L-uffiċjal tal-investigazzjoni ma għandux jipparteċipa fid-deliberazzjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri tal-AETS jew bi kwalunkwe mod ieħor jindaħal fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord tas-Superviżuri tal-AETS.

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta aktar regoli ta' proċedura biex tiġi eżerċitata s-setgħa li jiġu imposti multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' difiża, dispożizzjonijiet temporali, u l-ġbir ta' multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali, u għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-perjodi ta' limitazzjoni għall-impożizzjoni u l-infurzar tal-penali.

Ir-regoli msemmijin fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 38a u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 38b u 38c.

8. L-AETS għandha tirreferi kwistjonijiet għall-prosekuzzjoni kriminali lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti meta, fit-twettiq ta' dmirijietha skont dan ir-Regolament, hija ssib li jkun hemm indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jkunu jistgħu jikkostitwixxu reati kriminali. Barra minn hekk, l-AETS għandha żżomm lura milli timponi multi jew ħlasijiet perjodiċi ta' penali meta liberazzjoni mill-akkuża jew kundanna minn qabel li tirriżulta minn fatti identiċi, jew minn fatti li jkunu sostanzjalment l-istess, tkun saret *res judicata* bħala riżultat tal-proċedimenti kriminali skont il-liġi nazzjonali.

Artikolu 24

Miżuri superviżorji mill-AETS

1. Meta skont l-Artikolu 23e(5), il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS isib li aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun wettqet wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III, dan għandu jieħu deċiżjoni jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) jirtira r-reġistrazzjoni tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu;

(b) jipprojbixxi temporanjament lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu milli toħroġ gradazzjonijiet tal-kreditu b'effett fl-Unjoni kollha, sakemm jintemm il-ksur;

(c) jissospendi l-użu, għal finijiet regolatorji, tal-gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa mill-aġenzija li tiggrada l-kreditu b'effett fl-Unjoni kollha, sakemm jintemm il-ksur;

(d) jesiġi li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu ttemm il-ksur;

(e) joħroġ avviżi pubbliċi.

2. Meta jieħu d-deċiżjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jqis in-natura u l-gravità tal-ksur, wara li jkun qies il-kriterji li ġejjin:

(a) it-tul ta' żmien u l-frekwenza tal-ksur;

(b) jekk il-ksur ikunx kixef dgħufijiet serji jew sistemiċi fil-proċeduri tal-impriża jew fis-sistemi tal-ġestjoni jew kontrolli interni tagħha;

(c) jekk ir-reat finanzjarju kienx iffaċilitat mill-ksur, ikkawżat mill-ksur jew b'xi mod ieħor attribwibbli għall-ksur;

(d) jekk il-ksur ikunx twettaq intenzjonalment jew b' negliġenza.

3. Qabel jieħu d-deċiżjonijiet imsemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jinforma lill-ABE u lill-AEAPX b'dan.

4. Il-gradazzjonijiet tal-kreditu jistgħu jkomplu jintużaw għal finijiet regolatorji wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet imsemmijin fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 matul perijodu li ma jaqbiżx:

(a) 10 ijiem ta' xogħol mid-data meta d-deċiżjoni tal-AETS tkun saret pubblika skont il-paragrafu 5 jekk hemm gradazzjonijiet tal-kreditu tal-istess strument finanzjarju jew entità finanzjarja maħruġin minn aġenziji oħrajn ta' gradazzjoni tal-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament; jew

(b) tlett xhur mid-data meta d-deċiżjoni tal-AETS tkun saret pubblika skont il-paragrafu 5 jekk ma jkunx hemm gradazzjonijiet tal-kreditu tal-istess strument finanzjarju jew entità finanzjarja maħruġin minn aġenziji oħrajn ta' gradazzjoni tal-kreditu rreġistrati skont dan ir-Regolament.

Il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS jista' jestendi, inkluż wara talba mill-ABE u mill-AEAPX, il-perijodu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu bi tlett xhur f'ċirkostanzi eċċezzjonali relatati mal-potenzjal għal tfixkil fis-suq jew instabbiltà finanzjarja.

5. Mingħajr dewmien bla bżonn, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jinnotifika kwalunkwe deċiżjoni adottata skont il-paragrafu 1, lill-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata, u għandu jikkomunika kwalunkwe tali deċiżjoni lill-awtoritajiet kompetenti u lill-awtoritajiet kompetenti settorjali, lill-Kummissjoni, lill-ABE u lill-AEAPX. Dan għandu jagħmel pubblika kwalunkwe tali deċiżjoni fuq il-websajt tiegħu fi żmien 10 ijiem ta' xogħol mid-data meta tkun ġiet adottata.

Meta jagħmel pubblika d-deċiżjoni tiegħu kif imsemmi flewwel subparagrafu, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu wkoll jagħmel pubbliku d-dritt tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu li tappella d-deċiżjoni, il-fatt, fejn rilevanti, li tali appell ikun sar, waqt li jispeċifika li tali appell ma jkollux effett ta' sospensjoni, u l-fatt li huwa possibbli għall-Bord tal-Appell li jissospendi l-applikazzjoni taddeċiżjoni kkontestata skont l-Artikolu 60(3) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 25

Smigħ tal-persuni konċernati

1. Qabel jieħu kwalunkwe deċiżjoni taħt l-Artikolu 24(1), il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jagħti l-opportunità lill-persuni li huma soġġetti għal proċediment li jinstemgħu fuq is-sejbiet tal-AETS. Il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu biss fuq sejbiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunità li jikkummentaw.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika jekk tkun meħtieġa azzjoni urġenti biex ma titħalliex li ssir ħsara sinifikanti u imminenti lis-sistema finanzjarja. F'każ bħal dan, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS jista' jadotta deċiżjoni interim u għandu jagħti lill-persuni kkonċernati l-opportunità li jinstemgħu malajr kemm jista' jkun wara li jkun ħa d-deċiżjoni tiegħu.

2. Id-dritt ta' difiża tal-persuni soġġetti għall-proċedimenti għandu jiġi rispettat bis-sħiħ matul il-proċedimenti. Huma għandhom ikunu intitolati għal aċċess għall-fajl tal-AETS, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħrajn filprotezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt ta' aċċess għall-fajl m'għandux jestendi għal informazzjoni kunfidenzjali.

Artikolu 25a

Awtoritajiet kompetenti settorjali responsabbli għas-superviżjoni u l-infurzar tal-Artikolu 4(1) (l-użu tal-gradazzjonijiet tal-kreditu)

L-awtoritajiet kompetenti settorjali għandhom ikunu responsabbli għas-superviżjoni u l-infurzar tal-Artikolu 4(1) skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti.

KAPITOLU III

KOOPERAZZJONI BEJN L-AETS, L-AWTORITAJIET KOMPETENTI U L-AWTORITAJIET KOMPETENTI SETTORJALI

Artikolu 26

Obbligu ta' kooperazzjoni

L-AETS, l-ABE, l-AEAPX, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet kompetenti settorjali għandhom jikkooperaw meta jkun meħtieġ għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għal dawk tal-leġislazzjoni settorjali rilevanti.

Artikolu 27

Skambju ta' informazzjoni

1. L-AETS, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet kompetenti settorjali għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet tat-twettiq ta' dmirijiethom skont dan ir-Regolament u skont il-leġislazzjoni settorjali rilevanti.

2. L-AETS tista' tittrażmetti lill-banek ċentrali, lis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u lill-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u, fejn adatt, lill-awtoritajiet pubbliċi l-oħrajn responsabbli mis-superviżjoni tas-sistemi ta' ħlas u ta' saldu, informazzjoni kunfidenzjali maħsuba għat-twettiq tal-kompiti tagħhom. Bl-istess mod, tali awtoritajiet jew korpi ma għandhomx jitwaqqfu milli jgħaddu lill-AETS, informazzjoni li l-AETS tista' tkun teħtieġ għat-twettiq tad-dmiriijet tagħha skont dan ir-Regolament.";

(12) L-Artikoli 28 u 29 jitħassru;

(13) L-Artikoli 30, 31 u 32 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 30*

Delega ta' kompiti mingħand l-AETS lill-awtoritajiet kompetenti

1. Meta jkun meħtieġ għat-twettiq adatt ta' kompitu superviżorju, l-AETS tista' tiddelega kompiti superviżorji speċifiċi lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru skont il-linji gwida maħruġin mill-AETS skont l-Artikolu 21(2). Dawk il-kompiti superviżorji speċifiċi jistgħu b'mod partikolari jinkludu s-setgħa li tintalab informazzjoni skont l-Artikolu 23b u li jitwettqu investigazzjonijiet u spezzjonijiet fil-post skont l-Artikolu 23d(6).

2. Qabel id-delega ta' kompitu, l-AETS għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti relevanti. Tali konsultazzjoni għandha tikkonċerna:

(a) l-ambitu tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat;

(b) l-iskeda għat-twettiq tal-kompitu li għandu jiġi ddelegat; u

(c) it-trażmissjoni tal-informazzjoni meħtieġa mill-AETS u lill-AETS.

3. Skont ir-Regolament dwar is-saldu tal-imposti adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(2), l-AETS għandha tirrimborża lil awtorità kompetenti għal spejjeż imġarrbin minħabba t-twettiq ta' kompiti ddelegati.

4. L-AETS għandha tirrieżamina d-delega msemmija fil-paragrafu 1 f'intervalli adatti. Delega ta' kompiti tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin.

Id-delega tal-kompiti m'għandhiex taffettwa r-responsabbiltà tal-AETS u m'għandhiex tillimita l-abbiltà tal-AETS li twettaq jew tissorvelja l-attività ddelegata. Ir-responsabilitajiet superviżorji taħt dan ir-Regolament, inklużi d-deċiżjonijiet ta' reġistrazzjoni, il-valutazzjonijiet finali u d-deċiżjonijiet ta' segwitu fir-rigward ta' ksur, ma għandhomx jiġu ddelegati.

Artikolu 31

Notifiki u talbiet għal sospensjoni mill-awtoritajiet kompetenti

1. Meta awtorità kompetenti ta' Stat Membru ssib li atti li jmorru kontra dan ir-Regolament ikunu qegħdin, jew kienu qed jitwettqu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, hija għandha tinnotofika dan il-fatt bl-aktar mod speċifiku possibbli lill-AETS. Meta l-awtorità kompetenti tqis li dan ikun xieraq għal finijiet investigattivi, l-awtorità kompetenti tista' wkoll tissuġġerixxi li l-AETS tivvaluta l-ħtieġa għall-użu tas-setgħat taħt l-Artikoli 23b u 23c fir-rigward tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu involuta f'dawn l-atti.

L-AETS għandha tieħu azzjoni adatta. Hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tinnotifika bir-riżultat u, sa fejn ikun possibbli, bi kwalunkwe żvilupp interim sinifikanti.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' notifika stabbilit fil-paragrafu 1, meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tinnotifika tqis li aġenzija li tiggrada l-kreditu rreġistrata, li l-gradazzjonijiet tal-kreditu tagħha jintużaw fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, tikser l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u l-ksur ikun serju u persistenti biżżejjed biex ikollu impatt sinifikanti fuq il-protezzjoni tal-investituri jew fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja f'dak l-Istat Membru, l-awtorità kompetenti li tinnotifika tista' titlob li l-AETS tissospendi l-użu, għal finijiet regolatorji, tal-gradazzjonijiet tal-kreditu tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata mill-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra msemmijin fl-Artikolu 4(1). L-awtorità kompetenti li tinnotifika għandha tipprovdi lill-AETS bir-raġunijiet sħaħ għal din it-talba.

Meta l-AETS tqis li t-talba mhijiex iġġustifikata, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti li tinnotifika bil-miktub, u tistipula r-raġunijiet. Meta l-AETS tqis li t-talba hija ġustifikata, hija għandha tieħu l-miżuri adatti biex issolvi l-kwistjoni.

Artikolu 32

Sigriet professjonali

1. L-obbligu tas-sigriet professjonali għandu japplika għall-AETS, l-awtoritajiet kompetenti, u l-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-AETS, għall-awtoritajiet kompetenti jew għal kwalunkwe persuna oħra li l-AETS tkun iddelegat xi kompiti lilha, inklużi awdituri u esperti li jkunu ngħataw kuntratt mill-AETS. L-informazzjoni koperta mis-sigriet professjonali ma għandhiex tiġi żvelata lil xi persuna jew awtorità oħra għajr meta tali żvelar ikun meħtieġ għal proċedimenti legali.

2. L-informazzjoni kollha li, skont dan ir-Regolament tinkiseb, jew tiġi skambjata bejn l-AETS, l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti settorjali u awtoritajiet u korpi oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 27(2) għandha titqies kunfidenzjali, ħlief meta l-AETS jew l-awtorità kompetenti jew awtorità jew korp ieħor ikkonċernat jiddikjaraw fil-ħin tal-komunikazzjoni li tali informazzjoni tista' tkun żvelata jew meta tali żvelar ikun meħtieġ għal proċedimenti legali.";

(14) L-Artikolu 33 jitħassar.

(15) l-Artikoli 34 u 35 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 34*

Ftehim dwar skambju ta' informazzjoni

L-AETS tista' tikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji tas-sigriet professjonali li jkunu tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Artikolu 32.

Tali skambju ta' informazzjoni għandu jkun maħsub għat-twettiq tal-kompiti tal-AETS jew ta' dawk l-awtoritajiet superviżorji.

Fir-rigward tat-trasferiment ta' data personali għal pajjiż terz, l-AETS għandha tapplika r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (*).

Artikolu 35

Żvelar ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi

L-AETS tista' tiżvela l-informazzjoni li rċeviet mingħand l-awtoritajiet superviżorji ta' pajjiżi terzi biss jekk l-AETS jew awtorità superviżorja tkun kisbet il-qbil espliċitu tal-awtorità superviżorja li tkun bagħtet l-informazzjoni u, fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni għandha tkun żvelata biss għall-finijiet li għalihom dik l-awtorità superviżorja tkun tat il-qbil tagħha jew fejn tali żvelar huwa meħtieġ għal proċedimenti legali.

(*) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.";

(16) l-intestatura tal-Kapitolu I tat-Titolu IV "Penali, proċeduri tal-kumitat, rappurtaġġ" għandha tiġi sostitwita bl-intestatura "Penali, multi, ħlasijiet perjodiċi ta' penali, proċedura ta' kumitat, setgħat iddelegati u rappurtaġġ".

(17) fl-Artikolu 36, l-ewwel u t-tieni subparagrafi għandhom jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tal-Artikolu 4(1) u għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti settorjali tiżvela lill-pubbliku kull penali li tkun ġiet imposta għall-ksur tal-Artikolu 4(1), sakemm tali żvelar ma jippreġudikax b'mod serju s-swieq finanzjarji jew jikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.";

(18) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 36a*

Multi

1. Meta skont l-Artikolu 23e(5), il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS isib li aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun wettqet, intenzjonalment jew bi traskuraġni, wieħed mit-tipi ta' ksur elenkati fl-Anness III, dan għandu jadotta deċiżjoni li timponi multa skont il-paragrafu 2.

Għandu jiġi kkunsidrat li ksur minn aġenzija li tiggrada l-kreditu jkun twettaq intenzjonalment, jekk l-AETS issib fatturi oġġettivi li juru li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew il-maniġment għoli tagħha jkunu aġixxew apposta biex iwettqu l-ksur.

2. L-ammont bażiku tal-multi msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jiġu inklużi fil-limiti li ġejjin:

(a) għall-ksur imsemmi fil-punti 1 sa 5, 11 sa 15, 19, 20, 23, 28, 30, 32, 33, 35, 41, 43, 50, u 51 tat-Taqsima I tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 500 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 750 000;

(b) għall-ksur imsemmi fil-punti 6 sa 8, 16 sa 18, 21, 22, 24, 25, 27, 29, 31, 34, 37 sa 40, 42, 45 sa 47, 48, 49, 52 u 54 tat-Taqsima I tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 300 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 450 000;

(c) għall-ksur imsemmi fil-punti 9, 10, 26, 36, 44 u 53 tat-Taqsima I tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 100 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 200 000;

(d) għall-ksur imsemmi fil-punti 1, 6, 7 u 8 tat-Taqsima II tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 50 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 150 000;

(e) għall-ksur imsemmi fil-punti 2, 4 u 5 tat-Taqsima II tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 25 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 75 000;

(f) għall-ksur imsemmi fil-punt 3 tat-Taqsima II tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 10 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 50 000;

(g) għall-ksur imsemmi fil-punti 1 sa 3 u 11 tat-Taqsima III tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 150 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 300 000;

(h) għall-ksur imsemmi fil-punti 4, 6, 8 u 10 tat-Taqsima III tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 90 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 200 000;

(i) għall-ksur imsemmi fil-punti 5, 7 u 9 tat-Taqsima III tal-Anness III, il-multi għandhom jammontaw għal mill-inqas EUR 40 000 u m'għandhomx jaqbżu EUR 100 000.

Sabiex tiddeċiedi jekk l-ammont bażiku tal-multi għandux ikun stabbilit fl-aktar livell baxx, fil-livell tan-nofs jew fl-ogħla livell tal-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, l-AETS għandha tqis il-fatturat annwali fis-sena kummerċjali preċedenti tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata. L-ammont bażiku għandu jkun lejn l-aktar livell baxx tal-limitu għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu li l-fatturat annwali tagħhom ikun anqas minn EUR 10 miljuni, lejn il-livell tan-nofs tal-limitu għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu li l-fatturat annwali tagħhom ikun bejn EUR 10 u 50 miljun u lejn l-ogħla livell tal-limitu għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu li l-fatturat annwali tagħhom ikun ogħla minn EUR 50 miljun.

3. L-ammonti bażiċi ddefiniti fil-limiti stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiġu aġġustati, jekk ikun hemm bżonn, billi jitqiesu fatturi aggravanti jew attenwanti skont il-koeffiċjenti relevanti stipulati fl-Anness IV.

Il-koeffiċjenti aggravanti relevanti għandhom jiġu applikati wieħed wara l-ieħor lill-ammont bażiku. Jekk ikun applikabbli aktar minn koeffiċjenti aggravanti wieħed, id-differenza bejn l-ammont bażiku u l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' kull koeffiċjenti aggravanti individwali għandha tiżdied mal-ammont bażiku.

Il-koeffiċjenti attenwanti relevanti għandhom jiġu applikati wieħed wara l-ieħor lill-ammont bażiku. Jekk ikun applikabbli aktar minn koeffiċjenti attenwanti wieħed, id-differenza bejn l-ammont bażiku u l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' kull koeffiċjenti attenwanti individwali għandha titnaqqas mill-ammont bażiku.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, il-multa m'għandhiex taqbeż l-20 % tal-fatturat annwali tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata fis-sena kummerċjali preċedenti u meta l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun ibbenefikat finanzjarjament, direttament jew indirettament, mill-ksur, il-multa għandha tkun tal-inqas daqs dak il-benefiċċju finanzjarju.

Meta att jew omissjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu jikkostitwixxu aktar minn ksur wieħed minn dawk elenkati fl-Anness III, għandha tapplika biss l-ogħla multa kkalkolata skont il-paragrafi 2 u 3 u relatata ma wieħed minn dawn it-tipi ta' ksur.

Artikolu 36b

Ħlasijiet perjodiċi ta' penali

1. B'deċiżjoni, il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jimponi l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali sabiex iġiegħel:

(a) lil aġenzija li tiggrada l-kreditu ttemm il-ksur, f'konformità ma' deċiżjoni meħuda skont il-punt (d) tal-Artikolu 24(1);

(b) lil persuna msemmija fl-Artikolu 23b(1) tipprovdi informazzjoni kompleta li tkun ġiet rikjesta b'deċiżjoni skont l-Artikolu 23b;

(c) lil persuna msemmija fl-Artikolu 23b(1) tissottometti ruħha għal investigazzjoni u b'mod partikolari tipproduċi reġistri, data, proċeduri jew kwalunkwe materjal ieħor meħtieġ b'mod komplut u ttemm u tikkoreġi informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 23c;

(d) lil persuna msemmija fl-Artikolu 23b(1) tissottometti ruħha għal spezzjoni fil-post ordnata b'deċiżjoni skont l-Artikolu 23d.

2. Il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandhom ikunu effettivi u proporzjonati. Il-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandhom jiġu imposti fuq il-bażi ta' kull jum li jgħaddi sakemm l-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew il-persuna konċernata tikkonforma mad-deċiżjoni rilevanti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-ammont ta' ħlas perjodiku ta' penali għandu jkun mill-inqas ta' 3 % tal-fatturat medju ta' kuljum fis-sena kummerċjali preċedenti jew, fil-każ ta' persuni fiżiċi, it-2 % tad-dħul medju ta' kuljum fis-sena kalendarja preċedenti. Dan għandu jkun ikkalkulat mid-data stipulata fid-deċiżjoni li timponi l-ħlas perjodiku ta' penali.

4. Ħlas perjodiku ta' penali jista' jiġi impost għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-AETS.

Artikolu 36c

Smigħ tal-persuni soġġetti għall-proċedimenti

1. Qabel jieħu kwalunkwe deċiżjoni li timponi multa u/jew ħlas perjodiku ta' penali kif previst fl-Artikolu 36a jew punti (a) sa (d) tal-Artikolu 36b(1), il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jagħti lill-persuni li huma soġġetti għall-proċedimenti, l-opportunità li jinstemgħu dwar is-sejbiet tal-AETS. Il-Bord tas-Superviżuri tal-AETS għandu jibbaża d-deċiżjonijiet tiegħu biss fuq oġġezzjonijiet li dwarhom il-persuni soġġetti għall-proċedimenti kellhom l-opportunita' li jikkummentaw.

2. Id-dritt ta' difiża tal-persuni soġġetti għall-proċedimenti għandu jiġi rispettat bis-sħiħ matul il-proċedimenti. Huma għandhom ikunu intitolati għal aċċess għall-fajl tal-AETS, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħrajn fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom. Id-dritt għal aċċess għall-fajl ma għandux ikun estiż għal informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni tal-AETS.

Artikolu 36d

L-iżvelar, in-natura, l-infurzar u l-allokazzjoni tal-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali

1. L-AETS għandha tiżvela lill-pubbliku kull multa u ħlas perjodiku ta' penali li jkun ġie impost skont l-Artikoli 36a u 36b, sakemm tali żvelar lill-pubbliku ma jippreġudikax b'mod serju s-swieq finanzjarji jew jikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.

2. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 36a u 36b għandhom ikunu ta' natura amministrattiva.

3. Il-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali imposti skont l-Artikoli 36a u 36b għandhom ikunu infurzabbli.

L-infurzar għandu jiġi rregolat bir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat li jitwettaq fit-territorju tiegħu. L-ordni għall-infurzar tiegħu għandha tiġi mehmuża mad-deċiżjoni, mingħajr formalità oħra ħlief il-verifika tal-awtentiċità tad-deċiżjoni, mill-awtorità nazzjonali li l-gvern ta' kull Stat Membru għandu jaħtar għal dan il-fini u għandu jgħarraf lill-AETS u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Meta dawn il-formalitajiet ikunu ġew ikkompletati f'applikazzjoni mill-parti kkonċernata, din tal-aħħar tista' tipproċedi għall-infurzar skont il-liġi nazzjonali, billi tressaq il-kwistjoni direttament quddiem il-korp kompetenti.

L-infurzar jista' jiġi sospiż biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-qrati tal-Istat Membru kkonċernat għandhom ikollhom ġurisdizzjoni fuq ilmenti li l-infurzar qed jitwettaq b'mod irregolari.

4. L-ammonti tal-multi u l-ħlasijiet perjodiċi ta' penali għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 36e

Rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ġurisdizzjoni mingħajr limiti biex tirrieżamina d-deċiżjonijiet li bihom l-AETS tkun imponiet multa jew ħlas perjodiku ta' penali. Hija tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-ħlas perjodiku ta' penali imposti.";

(19) l-Artikolu 37 huwa sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 37*

Emendi għall-Annessi

Sabiex tqis l-iżviluppi, inklużi l-iżviluppi internazzjonali, fis-swieq finanzjarji, b'mod partikolari fir-rigward ta' strumenti finanzjarji ġodda, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikolu 38a u soġġett għall-kondizzjonijiet tal-Artikoli 38b u 38c, miżuri biex jiġu emendati l-Annessi, eskluż l-Anness III.";

(20) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 2 jitħassar.

(21) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 38a*

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa biex jiġu adottati l-atti ddelegati msemmijin fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(6), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 23e(7) u l-Artikolu 37 għandhom jiġu konferiti lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin mill-1 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħat delegati mill-inqas sitt xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' erba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokawha b'konformità mal-Artikolu 38b.

2. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha simultanjament tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan.

3. Is-setgħa biex tadotta atti ddelegati tiġi kkonferita lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 38b u 38c.

Artikolu 38b

Revoka tad-delega

1. Id-delega ta' setgħat imsemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(6), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 23e(7) u l-Artikolu 37 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax delega ta' setgħa għandha tagħmel ħilitha biex tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed l-aħħar deċiżjoni, filwaqt li tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu soġġetti għar-revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 38c

Oġġezzjonijiet għal atti ddelegati

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att iddelegat fi żmien tlett xhur mid-data tan-notifika.

Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perijodu għandu jkun estiż bi tlett xhur.

2. Jekk, meta jiskadi l-perijodu msemmi fil-paragrafu 1, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, dan għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ fid-data indikata fih.

L-att iddelegat jista' jkun ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1, dan ma għandux jidħol fis-seħħ. F'konformità ma-Artikolu 296 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att iddelegat.";

(22) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jitħassar;

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Sal-1 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tal-iżviluppi fil-qafas regolatorju u superviżorju għall-aġenziji li jiggradaw il-kreditu f'pajjiżi terzi, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-effetti ta' dawk l-iżviluppi u tad-dispożizzjonijiet tranżitorji msemmija fl-Artikolu 40 dwar l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji fl-Unjoni.";

(23) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 39a*

Rapport mill-AETS

Sal-31 ta' Diċembru 2011, l-AETS għandha tivvaluta l-ħtiġijiet ta' persunal u riżorsi li jirriżultaw mill-assunzjoni tas-setgħat u d-dmirijiet tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.".

(24) fl-Artikolu 40, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-aġenziji li jiggradaw il-kreditu eżistenti jistgħu jkomplu joħorġu gradazzjonijiet tal-kreditu li jistgħu jintużaw għal finijiet regolatorji mill-istituzzjonijiet finanzjarji u entitajiet oħra msemmijin fl-Artikolu 4(1) sakemm ir-reġistrazzjoni ma tkunx ġiet irrifjutata. Meta r-reġistrazzjoni tiġi rrifjutata, għandu japplika l-Artikolu 24(4) u (5).";

(25) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 40a*

Miżuri tranżitorji relatati mal-AETS

1. Il-kompetenzi u l-kompiti kollha relatati mal-attività superviżorja u ta' infurzar fil-qasam tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, li ġew konferiti lill-awtoritajiet kompetenti, kemm jekk jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju kemm jekk le, u fuq il-kulleġġi fejn dawn ikunu ġew stabbiliti, għandhom jintemmu fl-1 ta' Lulju 2011.

Madankollu, applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li tkun ġiet riċevuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew mill-kulleġġ relevanti sas-7 ta' Settembru 2010 m'għandhiex tiġi ttrasferita lill-AETS, u d-deċiżjoni li taċċetta jew tiċħad ir-reġistrazzjoni għandha tittieħed minn dawk l-awtoritajiet jew mill-kulleġġ relevanti.

2. Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, kwalunkwe fajl jew dokument ta' ħidma relatat mal-attività superviżorja u ta' infurzar fil-qasam tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu, inkluż kwalunkwe eżami jew azzjoni ta' infurzar li tkun għaddejja, jew kopji ċċertifikati tagħhom, għandha tgħaddi f'idejn l-AETS fid-data msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti u l-kulleġġi msemmijin fil-paragrafu 1 għandom jiżguraw li kwalunkwe reġistru u dokument ta' ħidma, jew kopji ċċertifikati tagħhom, għandu jiġi ttrasferit lill-AETS malajr kemm jista' jkun u f'kull każ sal-1 ta' Lulju 2011. Dawk l-awtoritajiet kompetenti u l-kulleġġi għandhom jagħtu wkoll lill-AETS l-għajnuna u l-pariri kollha meħtieġa biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment u l-istabbiliment effettiv u effiċjenti tal-attività superviżorja u tal-infurzar fil-qasam tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu.

4. L-AETS għandha taġixxi bħala s-suċċessur legali tal-awtoritajiet kompetenti u l-kulleġġi msemmija fil-paragrafu 1 fi kwalunkwe proċediment amministrattiv jew ġuridiku li jirriżulta minn attività superviżorja u tal-infurzar segwita minn dawk l-awtoritajiet kompetenti u kulleġġi fir-rigward tal-kwistjonijiet li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

5. Kwalunkwe reġistrazzjoni ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu, f'konformità mat-termini tal-Kapitolu I tat-Titolu III, minn awtorità msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tibqa' valida wara t-trasferiment tal-kompetenzi lill-AETS.

6. Sal-1 Lulju 2014 u fl-ambitu tas-superviżjoni li tkun qed twettaq, AETS għandha twettaq tal-anqas verifika waħda tal-aġenziji li jiggradaw il-kreditu kollha li jaqgħu taħt il-kompetenzi superviżorji tagħha.".

(26) l-Anness I huwa b'dan emendat f'konformità mal-Anness I għal dan ir-Regolament.

(27) l-Annessi li jinsabu fl-Anness II għal dan huma miżjuda.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta’ Mejju 2011.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
J. BUZEK	GYŐRI E.

ANNESS I

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-punt 2 tat-Taqsima A, l-aħħar paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-opinjonijiet tal-membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju maħruġa dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) għandhom ikunu ppreżentati lill-bord perjodikament u għandhom isiru disponibbli għall-AETS fuq talba.";

(2) fil-punt 8 tat-Taqsima B, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Ir-rekords u s-sekwenzi ta' verifika msemmija fil-punt 7 għandhom jinżammu fil-bini tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu rreġistrata għal tal-inqas ħames snin u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-AETS meta jkunu mitluba.";

(3) fil-punt 2 tal-Parti II, tat-Taqsima E, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'li ġej:

"2. kull sena, l-informazzjoni li ġejja:

(a) lista tal-akbar 20 klijent tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu skont id-dħul iġġenerat minnhom;

(b) lista ta' dawk il-klijenti tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu li l-kontribut tagħhom fir-rata ta' tkabbir fl-iġġenerar ta' dħul tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu fis-sena finanzjarja ta' qabel qabeż ir-rata ta' tkabbir fid-dħul totali tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu f'dik is-sena b'fattur ta' aktar minn 1,5 darba. Kwalunkwe klijent ta' dan it-tip għandu jkun inkluż f'din il-lista biss fejn f'dik is-sena kellu sehem ta' aktar minn 0,25 % tad-dħul dinji totali tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu fil-livell globali; u

(c) lista ta' gradazzjonijiet ta' kreditu maħruġa matul is-sena, li tindika l-proporzjon ta' gradazzjonijiet ta' kreditu mhux mitluba fosthom.".

ANNESS II

L-Annessi li ġejjin għandhom jiżdiedu mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009:

"ANNESS III

Lista ta' ksur imsemmija fl-Artikolu 24(1) u l-Artikolu 36a(1)

I. *Ksur relatat ma' kunflitti ta' interess, rekwiżiti organizzattivi jew operattivi*

1. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 4(3) billi tapprova gradazzjoni tal-kreditu maħruġa f'pajjiż terz mingħajr ma tikkonforma mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu, sakemm ir-raġuni għal dan il-ksur ikun barra l-għarfien jew il-kontroll tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu.

2. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(4) billi tuża l-approvazzjoni ta' gradazzjoni tal-kreditu maħruġa f'pajjiż terz bl-intenzjoni li tevita r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

3. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 1 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tistabilixxix bord amministrattiv jew superviżorju.

4. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ewwel paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tiżgurax li l-interess kummerċjali tagħha ma jtellifx l-indipendenza jew il-preċiżjoni tal-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu.

5. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mat-tieni paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi taħtar maniġment għoli li ma jkunx ta' reputazzjoni tajba, b'ħiliet jew esperjenza suffiċjenti, jew li ma jistax jiżgura l-ġestjoni soda u prudenti tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu.

6. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mat-tielet paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma taħtarx l-għadd meħtieġ ta' membri indipendenti fil-bord amministrattiv jew superviżorju tagħha.

7. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mar-raba' paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi tistabbilixxi sistema ta' kumpens għall-membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju tagħha li tkun assoċjata mal-prestazzjoni kummerċjali tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew li ma tkunx maħsuba biex tiżgura l-indipendenza tal-ġudizzju tagħhom; jew billi tistabbilixxi mandat tal-membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju tagħha għal perijodu li jaqbeż il-ħames snin jew għal mandat li jiġġedded; jew billi tkeċċi membru indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju ħlief fil-każ ta' mġiba ħażina jew sottoprestazzjoni professjonali.

8. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ħames paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi taħtar membri fil-bord amministrattiv jew superviżorju li ma jkollhomx ħila esperta suffiċjenti fisservizzi finanzjarji; jew, fejn l-aġenzija li tiggrada l-kreditu toħroġ gradazzjonijiet tal-kreditu ta' strumenti finanzjarji strutturati, billi ma taħtarx mill-inqas membru wieħed indipendenti u membru ieħor tal-bord li jkollu għarfien u esperjenza profonda f'livell għoli tas-swieq fi strumenti finanzjarji strutturati.

9. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mas-sitt paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tiżgurax li l-membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju jwettqu l-kompiti ta' monitoraġġ ta' kwalunkwe waħda mill-kwistjonijiet imsemmijin fis-sitt paragrafu ta' dak il-punt.

10. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mas-seba' paragrafu tal-punt 2 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tiżgurax li l-membri indipendenti tal-bord amministrattiv jew superviżorju jippreżentaw perijodikament lill-bord l-opinjoni tagħhom dwar il-kwistjonijiet imsemmijin fis-sitt paragrafu ta' dak il-punt jew jagħmlu dawk l-opinjonijiet disponibbli lill-AETS meta jiġu mitluba.

11. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 3 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tistabbilixxix linji politiċi jew proċeduri adegwati li jiżguraw konformità mal-obbligi tagħha skont dan ir-Regolament.

12. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 4 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma jkollhiex proċeduri amministrattivi jew ta' kontabilità, mekkaniżmi ta' kontroll intern, proċeduri effettivi dwar il-valutazzjoni tar-riskju, jew kontroll effettiv jew arranġamenti ta' salvagwardja għas-sistemi għall-ipproċessar tal-informazzjoni; jew billi ma timplimentax jew ma żżommx proċeduri għat-teħid ta' deċiżjonijiet jew strutturi organizzattivi kif meħtieġ minn dak il-punt.

13. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 5 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tistabbilixxix jew ma żżommx dipartiment ta' funzjoni ta' konformità (funzjoni ta' konformità) permanenti u effettiv li jopera indipendentement.

14. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ewwel paragrafu tal-punt 6 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tiżgurax li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li jippermettu li l-funzjoni ta' konformità twettaq ir-responsabbilitajiet tagħha kif suppost jew independentement, kif stabbilit fl-ewwel pargrafu ta' dak il-punt.

15. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 7 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tistabbilixxix arranġamenti organizzattivi jew amministrattivi adatti u effettivi li jipprevjenu, jidentifikaw, jeliminaw jew jimmaniġġjaw u jiżvelaw kull kunflitt ta' interess imsemmi fil-punt 1 tat-Taqsima B tal-Anness I, jew billi ma tagħmilx arranġamenti għaż-żamma ta' rekords dwar it-theddid sinifikanti kollu għall-indipendenza tal-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu, inkluż it-theddid għar-regoli dwar l-analisti tal-gradazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima C tal-Anness I, kif ukoll is-salvagwardji applikati biex jattenwaw dak it-theddid.

16. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 8 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tapplikax sistemi, riżorsi jew proċeduri adatti biex tiżgura l-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tal-attivitajiet ta' klassifikazjoni tal-kreditu.

17. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 9 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma tistabbilixxix funzjoni ta' rieżami li:

(a) tkun responsabbli biex perjodikament terġa' teżamina l-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet prinċipali ta' gradazzjoni tagħha jew kwalunkwe bidliet jew modifiki sinifikanti għaliha, jew l-adegwatezza ta' dawk il-metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet prinċipali ta' gradazzjoni fejn huma jkunu użati jew maħsuba li jkunu użati għall-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji ġodda;

(b) li tkun indipendenti mil-linji tan-negozju li huma responsabbli mill-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu; jew

(c) tirrapporta lill-membri tal-bord amministrattiv jew superviżorju.

18. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 10 tat-Taqsima A tal-Anness I, billi ma timmonitorjax jew ma tevalwax l-adegwatezza u l-effettività tas-sistemi, il-mekkaniżmi ta' kontroll intern u l-arranġamenti tagħhastabbiliti skont dan ir-Regolament jew ma tiħux miżuri xierqa biex tindirizza kull nuqqas.

19. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 1 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi tonqos milli tidentifika, telimina jew tamministra u tiżvela, b'mod ċar jew prominenti, kull kunflitt attwali jew potenzjali ta' interess li jista' jinfluwenza l-analiżi jew ġudizzji tal-analisti tal-gradazzjonijiet tagħha, l-impjegati tagħha, jew kull persuna oħra fiżika li s-servizzi tagħha jitpoġġew għad-dispożizzjoni jew taħt il-kontroll tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu u li huma direttament involuti fil-ħruġ ta' gradazzjoni tal-kreditu jew tal-persuni li japprovaw il-gradazzjonijiet tal-kreditu.

20. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ewwel paragrafu tal-punt 3 tat-Taqsima B tal-Anness I, bil-ħruġ ta' gradazzjoni tal-kreditu fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-ewwel paragrafu ta' dak il-punt jew, fil-każ ta' gradazzjoni tal-kreditu eżistenti, billi ma tiżvelax minnufih li l-gradazzjoni tal-kreditu tista' tkun potenzjalment affettwata minn dawk iċ-ċirkostanzi.

21. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mat-tieni paragrafu tal-punt 3 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma tivvalutax immedjatament jekk hemmx ġustifikazzjonijiet biex terġa ssir il-gradazzjoni jew biex il-gradazzjoni tal-kreditu eżistenti tiġi rtirata.

22. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ewwel paragrafu tal-punt 4 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi tipprovdi servizzi ta' konsulenza jew ta' pariri lill-entità ggradata jew xi parti terza relatata dwar l-istruttura korporattiva jew legali, l-assi, l-obbligi jew l-attivitajiet ta' dik l-entità ggradata jew xi parti terza relatata.

23. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ewwel parti tat-tielet paragrafu tal-punt 4 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma tiżgurax li l-forniment ta' servizz anċillari ma jippreżentax kunflitt ta' interess mal-attività tagħha ta' gradazzjoni tal-kreditu.

24. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 5 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma tiżgurax li l-analisti tal-gradazzjonijiet jew il-persuni li japprovaw il-gradazzjonijiet ma jagħmlux proposti jew rakkomandazzjonijiet dwar it-tfassil ta' strumenti finanzjarji strutturati li dwarhom l-aġenzija li tiggrada l-kreditu hija mistennija toħroġ gradazzjoni tal-kreditu.

25. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 6 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma tfassalx il-mezzi tar-rappurtaġġ jew tal-komunikazzjoni tagħha biex tiżgura l-indipendenza tal-persuni msemmijin fil-punt 1 tat-Taqsima B mill-attivitajiet l-oħra tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu li jitwettqu fuq bażi kummerċjali.

26. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mat-tieni paragrafu tal-punt 8 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma żżommx rekords tal-inqas għal perijodu ta' tlett snin ladarba r-reġistrazzjoni tagħha tkun irtirata.

27. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(1) billi ma tiżgurax li l-analisti tal-gradazzjonijiet, l-impjegati tagħha jew kull persuna oħra fiżika li s-servizzi tagħha jitpoġġew għad-dispożizzjoni jew taħt il-kontroll tagħha u li huma direttament involuti fl-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu jkollhom għarfien u esperjenza adatta skont il-kompiti assenjati.

28. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(2) billi ma tiżgurax li persuna msemmija fl-Artikolu 7(1) ma tibdiex jew tipparteċipa f'negozjati rigward imposti jew ħlasijiet ma' kull entità ggradata, parti terza relatata jew kull persuna direttament jew indirettament marbuta mal-entità ggradata bħala kontroll.

29. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 3(a) tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima tieħu l-miżuri raġonevoli kollha biex tipproteġi l-proprjetà jew ir-rekords fil-pussess tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu minn frodi, serq jew użu ħażin, waqt li jitqiesu n-natura, id-daqs u l-kumplessità tan-negozju tagħha u n-natura u l-firxa tal-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu tagħha.

30. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 5 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi timponi konsegwenzi negattivi fuq persuna msemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima meta dik il-persuna tirrapporta l-informazzjoni lill-uffiċjal għall-konformità bl-effett li persuna oħra kif imsemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima tkun wettqet imġiba li tikkunsidra bħala illegali.

31. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 6 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma terġax teżamina l-ħidma rilevanti tal-analista tal-gradazzjonijiet matul sentejn qabel it-tluq tiegħu jew tagħha, meta l-analista tal-gradazzjonijiet itemm l-impjieg tiegħu jew tagħha u jingħaqad ma' entità ggradata li hu jew hi kienu involuti fil-gradazzjoni tagħha, jew ditta finanzjarja, li hu jew hi kellhom x'jaqsmu magħha bħala parti mill-kompiti tiegħu jew tagħha fl-aġenzija li tiggrada l-kreditu.

32. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 1 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija f'dak il-punt ma tixtrix, ma tbigħx jew ma tidħolx fi transazzjoni fi kwalunkwe strument finanzjarju imsemmi f'dak il-punt.

33. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 2 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima ma tipparteċipax fi jew tinfluwenza mod ieħor id-determinazzjoni ta' gradazzjoni tal-kreditu kif imsemmi fil-punt 2 ta' dik it-Taqsima.

34. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punti (b), (c) u (d) tal-punt 3 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima ma tiżvelax jew ma tużax jew ma taqsamx informazzjoni, kif imsemmi f'dawk il-punti.

35. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 4 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima ma titlobx jew ma taċċettax flus, rigali jew favuri mingħand xi ħadd li miegħu l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tagħmel in-negozju.

36. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(3), flimkien mal-punt 7 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija fil-punt 1 ta' dik it-Taqsima ma tokkupax pożizzjoni maniġerjali kruċjali mal-entità ggradata jew parti terza relatata tagħha fi żmien sitt xhur mill-gradazzjoni tal-kreditu.

37. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(4), flimkien mal-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-punt 8 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li l-analista ewlieni tal-gradazzjonijiet mhuwiex involut f'attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu relatati mal-istess entità ggradata jew il-partijiet terzi relatati tagħha għal perijodu li jaqbeż erba' snin.

38. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(4), flimkien mal-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-punt 8 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li analista tal-gradazzjonijiet mhuwiex involut f'attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu relatati mal-istess entità ggradata jew il-partijiet terzi relatati tagħha għal perijodu li jaqbeż ħames snin.

39. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(4), flimkien mal-punt (c) tal-ewwel paragrafu tal-punt 8 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna li tapprova gradazzjoni tal-kreditu mhijiex involuta f'attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu attivitajiet ta' gradazzjoni ta' kreditu relatati mal-istess entità ggradata jew il-partijiet terzi relatati tagħha għal perijodu li jaqbeż seba' snin.

40. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(4), b'rabta mat-tieni paragrafu tal-punt 8 tat-Taqsima C tal-Anness I, billi ma tiżgurax li persuna msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel paragrafu ta' dak il-punt mhijiex involuta f'attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu relatati mal-entità ggradata jew partijiet terzi relatati msemmija f'dawk il-punti fi żmien sentejn mit-tmiem tal-perijodi stabbiliti f'dawk il-punti.

41. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 7(5) billi tintroduċi kumpens jew evalwazzjoni tal-prestazzjoni kontinġenti fuq l-ammont ta' dħul li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikseb mingħand l-entitajiet iggradati jew partijiet terzi relatati.

42. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 8(2) billi ma tadottax, ma timplimentax jew ma tinfurzax miżuri adegwati biex tiżgura li l-gradazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minnha jkunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa tal-informazzjoni kollha disponibbli għaliha u li tkun rilevanti għall-analiżi tagħha skont il-metodoloġiji ta' gradazzjoni tagħha.

43. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 8(3) billi ma tużax metodoloġiji ta' gradazzjoni li huma rigorużi, sistematiċi, kontinwi u soġġetti għal validazzjoni bbażata fuq l-esperjenza storika, inkluż l-ittestjar retrospettiv.

44. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(4) billi tirrifjuta li toħroġ gradazzjoni tal-kreditu ta' entità jew strument finanzjarju għax porzjon mill-entità jew l-istrument finanzjarju kien ingħata gradazzjoni qabel minn aġenzija oħra ta' gradazzjoni tal-kreditu.

45. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(4) billi ma tirreġistrax l-istanti kollha fejn, fil-proċess ta' gradazzjoni tal-kreditu tagħha, tħalli l-gradazzjonijiet tal-kreditu eżistenti ppreparati minn aġenzija li tiggrada l-kreditu oħra fir-rigward tal-assi sottostanti jew strumenti finanzjarji strutturati u billi ma tipprovdix-ġustifikazzjoni għall-evalwazzjoni differenti.

46. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-ewwel sentenza tal-Artikolu 8(5) billi ma timmonitorjax il-gradazzjonijiet tal-kreditu tagħha jew billi ma terġax teżamina l-gradazzjonijiet jew il-metodoloġiji tal-kreditu tagħha fuq bażi kontinwa u mill-inqas kull sena.

47. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser it-tieni sentenza tal-Artikoli 8(5) billi ma tistabbilixxix arranġamenti interni biex timmonitorja l-impatt tal-bidliet tal-kondizzjonijiet makroekonomiċi jew tas-suq finanzjarju dwar il-gradazzjonijiet tal-kreditu.

48. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser il-punt (b) tal-Artikolu 8(6), fejn il-metodoloġiji, mudelli u suppożizzjonijiet prinċipali ta' gradazzjoni użati f'attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu jinbidlu, billi ma teżaminax mill-ġdid il-gradazzjonijiet tal-kreditu affettwati f'konformità ma' dak il-punt, jew billi ma tqiegħedx, sadanittant dawk il-gradazzjonijiet taħt osservazzjoni.

49. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser il-punt (c) tal-Artikolu 8(6) billi ma tiggradax mill-ġdid gradazzjoni tal-kreditu li tkun ibbażata fuq metodoloġiji, mudelli jew suppożizzjonijiet prinċipali ta' gradazzjonili jkunu mibdula jekk l-effett ġenerali kkombinat ta' dawk il-bidliet jaffettwa lil dik il-gradazzjoni tal-kreditu.

50. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 9 billi testernalizza funzjonijiet operattivi importanti b'tali mod li jtellef materjalment il-kwalità tal-kontroll intern tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew il-ħila tal-AETS li tissorvelja l-konformità tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu mal-obbligi skont dan ir-Regolament.

51. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(2), flimkien mat-tieni paragrafu tal-punt 4 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I, billi toħroġ gradazzjoni tal-kreditu jew ma tirtirax gradazzjoni eżistenti fil-każ fejn in-nuqqas ta' data affidabbli jew il-kumplessità tal-istruttura ta' tip ġdid ta' strument finanzjarju jew il-kwalità tal-informazzjoni disponibbli ma tkunx sodisfaċenti jew tqajjem dubji serji dwar jekk l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tistax tipprovdi gradazzjoni tal-kreditu kredibbli.

52. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(6) billi tuża l-isem tal-AETS jew ta' kwalunkwe awtorità kompetenti b'tali mod li jindika jew jissuġġerixxi l-appoġġ jew l-approvazzjoni mill-AETS jew kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-gradazzjonijiet tal-kreditu jew kwalunkwe attività ta' gradazzjoni tal-kreditu tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu.

53. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 13 billi titlob imposta għall-informazzjoni pprovduta skont l-Artikoli 8 sa 12.

54. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu, meta tkun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni, tikser l-Artikolu 14(1), billi ma tapplikax għal reġistrazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 2(1).

II. *Ksur relatat mal-ostakoli għall-attivitajiet superviżorji*

1. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 7 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma tagħmilx arranġamenti għal rekords jew sekwenzi ta' verifika tal-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu tagħha kif meħtieġ minn dawk id-dispożizzjonijiet.

2. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-punt 8 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma żżommx ir-rekords jew sekwenzi ta' verifika msemmija fil-punt 7 ta' dik it-Taqsima fl-uffiċji tagħja għal tal-inqas ħames snin jew billi ma tqiegħedx, fuq talba, dawk ir-rekords jew is-sekwenzi ta' verifika għad-dispożizzjoni tal-AETS.

3. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 9 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma żżommx rekords li jistipulaw id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu jew l-entità ggradata jew xi parti terza relatata skont ftehim, biex tipprovdi servizzi ta' gradazzjoni tal-kreditu għall-perijodu tar-relazzjoni ma' dik l-entità ggradata jew parti terza relatata tagħha.

4. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 11(2) billi ma tagħmilx disponibbli l-informazzjoni meħtieġa jew billi ma tipprovdix dik l-informazzjoni fil-format meħtieġ kif imsemmi f'dak il-paragrafu.

5. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 11(3), flimkien mal-punt 2 tal-Parti I tat-Taqsima E tal-Anness I, billi ma tipprovdix lill-AETS lista tas-servizzi anċillari tagħha.

6. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 14(3) billi ma tinnotifikax lill-AETS dwar kwalunkwe tibdil materjali fil-kondizzjonijiet tar-reġistrazzjoni inizjali skont dak is-subparagrafu.

7. L-aġenzija ta' gradazzjoni tal-kreditu tikser l-Artikolu 23b(1) billi tipprovdi informazzjoni skorretta jew qarrieqa bħala tweġiba għal talba sempliċi għal informazzjoni skont l-Artikolu 23b(2) jew bħala tweġiba għal deċiżjoni li tkun teħtieġ informazzjoni skont l-Artikolu 23b(3).

8. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser il-punt (c) tal-Artikolu 23c(1) billi tipprovdi tweġibiet skorretti jew qarrieqa għall-mistoqsijiet li jsiru skont dak il-punt.

III. *Ksur relatat mad-dispożizzjonijiet dwar l-iżvelar*

1. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mal-punt 2 tat-Taqsima B tal-Anness I billi ma tiżvelax lill-pubbliku l-ismijiet tal-entitajiet iggradati jew tal-partijiet terzi relatati li mingħandhom tirċievi aktar minn 5 % tad-dħul annwali tagħha.

2. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 6(2), flimkien mat-tieni parti tat-tielet paragrafu tal-punt 4 tat-Taqsima B tal-Anness I, billi ma tiżvelax fir-rapport ta' gradazzjoni finali servizz anċillari pprovdut lill-entità ggradata jew kwalunkwe parti terza relatata.

3. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 8(1) billi ma tiżvelax lill-pubbliku l-metodoloġiji, il-mudelli jew is-suppożizzjonijiet prinċipali ta' gradazzjoni li tuża fl-attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu tagħha kif deskritt fil-punt 5 tal-Parti I ta' Taqsima E tal-Anness I.

4. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser il-punt (a) tal-Artikolu 8(6), fejn jinbidlu l-metodoloġiji, il-mudelli jew is-suppożizzjonijiet prinċipali ta' gradazzjoni użati f'attivitajiet ta' gradazzjoni tal-kreditu, billi ma tiżvelax immedjatament, jew billi tiżvela u ma tużax l-istess mezz ta' komunikazzjoni li ntuża għad-distribuzzjoni tal-gradazzjonijiet ta' kreditu affettwati, l-ambitu probabbli tal-gradazzjonijiet tal-kreditu affettwati.

5. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(1) billi ma tiżvelax fuq bażi mhux selettiva jew fil-ħin deċiżjoni li ma tkomplix il-gradazzjoni tal-kreditu, inklużi r-raġunijiet sħaħ għad-deċiżjoni.

6. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(2), flimkien mal-punti 1 jew 2, l-ewwel paragrafu tal-punt 4 jew il-punt 5 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I, jew tal-Parti II tat-Taqsima D tal-Anness I, billi ma tipprovdix l-informazzjoni kif meħtieġ minn dawk id-dispożizzjonijiet, meta tippreżenta gradazzjoni.

7. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(2), flimkien mal-punt 3 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I, billi ma tinformax lill-entità ggradata tal-inqas 12-il siegħa qabel il-pubblikazzjoni tal-gradazzjoni tal-kreditu.

8. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(3) billi ma tiżgurax li l-kategoriji ta' gradazzjoni li huma attribwiti lil strumenti finanzjarji strutturati jkunu distinti b'mod ċar bl-użu ta' simbolu addizzjonali li jiddistingwihom mill-kategoriji ta' gradazzjoni użati għal kull entità, strument finanzjarju jew obbligu finanzjarju oħra.

9. L-aġenzija ta' klassifikazjoni tal-kreditu tikser l-Artikolu 10(4) billi ma tiżvelax il-politiki jew il-proċeduri tagħha rigward il-gradazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba.

10. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 10(5) billi ma tipprovdix l-informazzjoni kif meħtieġ minn dak il-paragrafu meta toħroġ gradazzjoni tal-kreditu mhux mitluba jew billi ma tidentifikax gradazzjoni tal-kreditu mhux mitluba bħala tali.

11. L-aġenzija li tiggrada l-kreditu tikser l-Artikolu 11(1) billi ma tiżvelax b'mod sħiħ jew ma taġġornax immedjatament l-informazzjoni relatata mal-kwistjonijiet stabbiliti fil-Parti I tat-Taqsima E tal-Anness I.

ANNESS IV

Lista tal-koeffiċjenti marbuta ma' fatturi aggravanti u attenwanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 36a(3)

Il-koeffiċjenti li ġejjin għandhom ikunu applikabbli b'mod kumulattiv mal-ammonti bażiċi imsemmijin fl-Artikolu 36a(2) abbażi ta' kull waħda miċ-ċirkostanzi aggravanti u attenwanti li ġejjin:

I. *Koeffiċjenti ta' aġġustament marbutin ma' fatturi aggravanti*

1. Jekk il-ksur jitwettaq ripetutament, għal kull darba li jiġi ripetut, għandu japplika koeffiċjent addizzjonali ta' 1,1.

2. Jekk il-ksur jitwettaq għal aktar minn sitt xhur, għandu japplika koeffiċjent addizzjonali ta' 1,5.

3. Jekk il-ksur jiżvela dgħufijiet sistemiċi fl-organizzazzjoni tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu, b'mod partikulari fil-proċeduri jew fis-sistemi ta' ġestjoni jew fil-kontrolli interni tagħha, għandu japplika koeffiċjent ta' 2,2.

4. Jekk il-ksur kellu impatt negattiv fuq il-kwalità tal-gradazzjonijiet tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu kkonċernata, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5.

5. Jekk il-ksur twettaq intenzjonalment, għandu japplika koeffiċjent ta' 2.

6. Jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni ta' rimedju minn meta kien identifikat il-ksur, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,7.

7. Jekk il-maniġment għoli tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu ma kkoperax mal-AETS fit-twettiq tal-investigazzjonijiet tagħha, għandu japplika koeffiċjent ta' 1,5.

II. *Koeffiċjenti ta' aġġustament marbutin ma' fatturi attenwanti*

1. Jekk il-ksur ikollu x'jaqsam ma' ksur elenkat fit-Taqsima II jew III tal-Anness III u jkun twettaq għal inqas minn 10 ijiem ta' xogħol, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,9.

2. Jekk il-maniġment għoli ta' aġenzija li tiggrada l-kreditu jista' juri li ħa l-miżuri meħtieġa kollha biex jipprevjeni l-ksur, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,7.

3. Jekk l-aġenzija li tiggrada l-kreditu ressqet il-ksur għall-attenzjoni tal-ESA (AETS) malajr, b'mod effettiv u komplet, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,4.

4. Jekk l-aġenzija li tiggrada l-kreditu tkun ħadet volontarjament miżuri biex tiżgura li ma jkunx jista' jseħħ ksur simili fil-futur, għandu japplika koeffiċjent ta' 0,6.".

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT